# 4. Iċ-ċittadini: drittijiet fundamentali, sigurtà u ġustizzja


4.1. Id-drittijiet individwali u kollettivi ... 3
- 4.1.1. Iċ-ċittadini tal-Unjoni u d-drittijiet tagħhom ... 4
- 4.1.2. Il-ħarsien tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TFUE fl-UE ... 10
- 4.1.3. Il-moviment liberu tal-persuni ... 18
- 4.1.4. Id-dritt li titressaq petizzjoni ... 23
- 4.1.5. L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ... 27

4.2. Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ... 32
- 4.2.1. Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja: l-aspetti ġenerali ... 33
- 4.2.2. Il-Politika dwar l-Ażil ... 38
- 4.2.3. Il-politika tal-immigrazzjoni ... 44
- 4.2.4. Il-ġestjoni tal-fruntieri esterni ... 52
- 4.2.5. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili ... 61
- 4.2.6. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ... 68
- 4.2.7. Il-kooperazzjoni tal-pulizija ... 75

4.2.8. Il-protezzjoni tad-data personali....................................................................83

# 4.1. ID-DRITTIJIET INDIVIDWALI U KOLLETTIVI

# 4.1.1. IĊ-ĊITTADINI TAL-UNJONI U D-DRITTIJIET TAGĦHOM

Id-drittijiet individwali taċ-ċittadini u ċ-ċittadinanza Ewropea huma minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u fl-Artikolu 9 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Dawn huma fatturi essenzjali fil-formazzjoni tal-identità Ewropea. F'każ ta' ksur serju tal-valuri bażiċi tal-Unjoni, Stat Membru jista' jiġi ssanzjonat.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 2, 3, 7 u 9 sa 12 tat-TUE, 18 sa 25 tat-TFUE u 39 sa 46 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (4.1.2).

## L-OBJETTIVI

Id-dritt tal-UE joħloq numru ta' drittijiet individwali infurzabbli direttament fil-qrati, kemm f'sens orizzontali (bejn l-individwi) kif ukoll f'sens vertikali (bejn l-individwu u l-Istat). Fl-ispirtu tal-moviment liberu tal-persuni previst fit-Trattati, is-snin sittin raw titwieled l-idea li tiġi introdotta forma ta' ċittadinanza Ewropea bi drittijiet u dmirijiet definiti b'mod preċiż. Wara ħidma preparatorja, li bdiet f'nofs is-snin sebgħin, it-TUE, adottat f'Maastricht fl-1992, stabbilixxa bħala objettiv tal-Unjoni: it-tisħiħ tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-interessi taċ-ċittadini tal-Istati Membri tagħha permezz tal-introduzzjoni ta' ċittadinanza tal-Unjoni. Parti ġdida tat-Trattat KE (l-ex Artikoli 17 sa 22) ġiet iddedikata għal din iċ-ċittadinanza, u nżammet meta t-Trattat sar it-TFUE.

Bħal fil-każ taċ-ċittadinanza nazzjonali, iċ-ċittadinanza tal-UE tirreferi għal relazzjoni bejn iċ-ċittadin u l-Unjoni Ewropea, definita permezz ta' drittijiet, dmirijiet u parteċipazzjoni politika. Din ir-rabta tippermetti li titneħħa d-diskrepanza bejn l-impatt dejjem ikbar li l-azzjoni tal-UE qed ikollha fuq iċ-ċittadini tal-UE, u l-fatt li t-tgawdija tad-drittijiet (fundamentali), it-twettiq tad-dmirijiet u l-parteċipazzjoni fi proċessi demokratiċi huma kważi esklużivament kwistjonijiet nazzjonali. L-Artikolu 15(3) tat-TFUE jagħti lil kull persuna fiżika jew ġuridika fi Stat Membru d-dritt ta' aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. L-Artikolu 16 tat-TFUE jistabbilixxi d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali (4.2.8). L-Artikolu 2 tat-TUE jipprevedi li "[l]-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi".

L-Artikolu 7 tat-TUE jistabbilixxi dispożizzjoni li diġà kienet teżisti fil-qafas tat-Trattat ta' Nizza preċedenti (1.1.4), li twaqqaf mekkaniżmu ta' prevenzjoni meta jkun hemm "riskju ċar ta' ksur serju" minn Stat Membru tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, u mekkaniżmu ta' sanzjonijiet, f'każ ta' "ksur serju u persistenti" minn Stat Membru ta' dawn l-istess valuri. Fl-ewwel każ, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill Ewropew jikkonkludi, b'mod unanimu, l-eżistenza ta' dan ir-riskju (l-Artikolu 7(2)). Sussegwentement dan jagħti bidu għal proċedura li tista' twassal biex Stat Membru jitlef id-dritt tiegħu li jivvota fi ħdan il-Kunsill. Dan il-mekkaniżmu ġie attivat għall-ewwel darba fl-2017 fil-konfront tal-Polonja minħabba r-riforma tal-Qorti Suprema tagħha.

Huwa importanti wkoll li jissaħħaħ il-ħarsien tad-drittijiet u tal-interessi taċ-ċittadini tal-Istati Membri / tal-UE fir-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-bqija tad-dinja (Artikolu 3(5) tat-TUE).

## IL-KISBIET

Għal żmien twil, il-bażi ġuridika għad-drittijiet taċ-ċittadini fil-livell tal-UE essenzjalment kienet tikkonsisti mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE). Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-bażi ġuridika twessgħet għal ċittadinanza Ewropea vera u proprja.

**A.** Id-definizzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE

Skont l-Artikolu 9 tat-TUE u l-Artikolu 20 tat-TFUE, kull persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru hija ċittadina tal-Unjoni. In-nazzjonalità hija definita skont il-liġijiet nazzjonali ta' dak l-Istat. Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija komplementari għaċ-ċittadinanza nazzjonali, iżda ma tissostitwihiex. Iċ-ċittadinanza tal-UE hija magħmula minn għadd ta' drittijiet u dmirijiet li jiżdiedu mad-drittijiet u d-dmirijiet marbuta maċ-ċittadinanza ta' Stat Membru. Fil-kawża C-135/08 Janko Rottmann vs Freistaat Bayern, l-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fi ħdan il-QĠUE spjega d-differenza (paragrafu 23 tal-Opinjoni):

"Dawn huma żewġ kunċetti marbuta mill-qrib iżda fl-istess ħin awtonomi. Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni tippresupponi ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru iżda hija wkoll kunċett legali u politiku awtonomu meta mqabbel ma' dak taċ-ċittadinanza. Iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru mhux biss tiftaħ l-aċċess għat-tgawdija tad-drittijiet mogħtija mid-dritt Komunitarju, iżda tagħmilna wkoll ċittadini tal-Unjoni. Iċ-ċittadinanza Ewropea barra minn hekk tikkostitwixxi ġabra ta' drittijiet li, fihom infushom, jistgħu jingħataw ukoll lil dawk li ma jippossedux din iċ-ċittadinanza. Hija tippreżupponi l-eżistenza ta' rabta ta' natura politika bejn iċ-ċittadini Ewropej, minkejja li ma tikkonsistix f'rabta ta' appartenenza għal poplu. [...] Hija bbażata fuq l-impenn reċiproku tagħhom li jiftħu l-komunitajiet politiċi rispettivi tagħhom għaċ-ċittadini Ewropej l-oħrajn u li jibnu forma ta' solidarjetà ċivika u politika fuq livell Ewropew.

Ma teħtieġx l-eżistenza ta' poplu iżda hija bbażata fuq l-eżistenza ta' żona politika Ewropea, li minnha joħorġu drittijiet u dmirijiet. Inkwantu ma timplikax l-eżistenza ta' poplu Ewropew, iċ-ċittadinanza tipproċedi kunċettwalment minn diżassoċjazzjoni maċ-ċittadinanza. Kif osserva awtur partikolari, in-natura radikalment innovattiva tal-kunċett ta' ċittadinanza Ewropea tinsab fil-fatt li "l-Unjoni tappartjeni għaċ-ċittadini, u hija komposta minn ċittadini li bħala definizzjoni ma għandhomx l-istess ċittadinanza" Għall-kuntrarju, billi għamlu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru bħala kundizzjoni biex wieħed ikun ċittadin Ewropew, l-Istati Membri riedu jindikaw li din il-forma ġdida ta' ċittadinanza ma tnissilx dubju dwar il-lealtà ewlenija lejn il-komunitajiet politiċi nazzjonali tagħna. B'dan il-mod, din ir-rabta maċ-ċittadinanza tad-diversi Stati Membri tikkostitwixxi rikonoxximent tal-fatt li tista' teżisti (fil-fatt, li teżisti) ċittadinanza li mhijiex iddeterminata miċ-ċittadinanza.

Dan huwa l-miraklu taċ-ċittadinanza tal-Unjoni: hija ssaħħaħ ir-rabtiet li jgħaqqduna mal-Istati tagħna (inkwantu aħna ċittadini Ewropej preċiżament għaliex aħna ċittadini tal-Istati tagħna) u, fl-istess ħin, temanċipana (inkwantu issa aħna ċittadini lil hinn mill-Istati tagħna). L-aċċess għaċ-ċittadinanza Ewropea jasal permezz taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru, li huwa rregolat mid-dritt nazzjonali, iżda bħal kull forma ta' ċittadinanza,

din tikkostitwixxi l-bażi ta' żona politika ġdida, li minnha joħorġu drittijiet u dmirijiet li huma stabbiliti mid-dritt Komunitarju u li ma jiddependux mill-Istat. […] Huwa għal din ir-raġuni li, għalkemm huwa minnu li ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tikkundizzjona l-aċċess għaċ-ċittadinanza tal-Unjoni, huwa daqstant minnu li d-drittijiet u l-obbligi kollha marbuta ma' din tal-aħħar ma jistgħux jiġu llimitati b'mod inġustifikat minn din tal-ewwel."

B'segwitu għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, ittieħdet deċiżjoni dwar id-drittijiet miksuba taċ-ċittadini Brittaniċi residenti fl-Istati Membri, u taċ-ċittadini tal-UE residenti fir-Renju Unit. Mas-snin, kull Stat Membru kkonferixxa liċ-ċittadini tiegħu patrimonju ġuridiku ta' drittijiet, u d-dritt tal-UE joħloq ukoll numru ta' drittijiet individwali direttament eżegwibbli fil-qrati, skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE (*Van Gend & Loos*). Il-limiti ta' tali patrimonju ġuridiku jistgħu jitqiesu bħala msejsa fuq id-dritt nazzjonali li jagħtihom effett.

**B.** Kontenut taċ-ċittadinanza (l-Artikolu 20 tat-TFUE)

Għaċ-ċittadini kollha tal-UE, l-istatus ta' ċittadinanza tal-Unjoni jissarraf:

— fid-dritt għall-moviment liberu u d-dritt tar-residenza fit-territorju tal-Istati Membri (l-Artikolu 21 tat-TFUE) (4.1.3);

— fid-dritt tal-vot u d-dritt ta' kandidatura fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew kif ukoll fl-elezzjonijiet muniċipali (l-Artikolu 22(1) tat-TFUE) fl-Istat Membru ta' residenza taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat (għar-regoli relatati mal-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet muniċipali ara d-Direttiva 94/80/KE tad-19 ta' Diċembru 1994, u għal dawk li jirregolaw l-elezzjoni għall-Parlament Ewropew, ara d-Direttiva 93/109/KE tas-6 ta' Diċembru 1993) (1.3.4);

— fid-dritt li jgawdu, fit-territorju ta' pajjiż terz (stat mhux tal-UE) mill-protezzjoni diplomatika jew konsolari tal-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor, jekk pajjiżhom stess ma jkollux rappreżentanza diplomatika hemmhekk, bl-istess mod bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru;

— fid-dritt li jressqu petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u d-dritt li jirrikorru għall-Ombudsman (l-Artikolu 24 tat-TFUE għat-tnejn li huma) maħtur mill-Parlament Ewropew rigward każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-UE. Dawn il-proċeduri huma rispettivament irregolati mill-Artikoli 227 u 228 tat-TFUE (1.3.14 u 4.1.4);

— fid-dritt li jiktbu lil kwalunkwe istituzzjoni jew korp tal-UE b'waħda mil-lingwi tal-Istati Membri u li jirċievu tweġiba bl-istess lingwa (l-Artikolu 24(4) tat-TFUE);

— fid-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-PE, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet (Artikolu 15(3) tat-TFUE).

**C.** Il-kamp ta' applikazzjoni

Sal-lum, ir-riżultat konkret miksub miċ-ċittadinanza tal-Unjoni, essenzjalment, ma jmurx lil hinn (għajr għad-dritt tal-vot) mis-sistematizzazzjoni ta' drittijiet diġà fis-seħħ (b'mod partikolari l-moviment liberu, id-dritt ta' residenza u d-dritt ta' petizzjoni), li issa huma minquxa fid-dritt primarju fuq il-bażi ta' idea politika.

Għall-kuntrarju tal-orjentament kostituzzjonali preżenti fl-Istati Ewropej mindu fl-1789 ġiet adottata fi Franza d-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u taċ-Ċittadin, maċ-ċittadinanza tal-Unjoni ma tiġi assoċjata ebda garanzija għat-tgawdija tad-drittijiet fundamentali. L-Artikolu 6 tat-TUE jiddikjara li l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u li se taderixxi mal-Konvenzjoni

Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, iżda ma jagħmel l-ebda riferiment għall-istatus ġuridiku taċ-ċittadinanza tal-Unjoni.

Sa issa, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni ma timponi l-ebda dmir fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni – minkejja l-formulazzjoni f'dak is-sens tal-Artikolu 20(2) tat-TFUE; Dan jirrappreżenta waħda mid-differenzi fundamentali bejn iċ-ċittadinanza tal-UE u ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru.

Madankollu, f'sentenza reċenti, il-QĠUE ddeċidiet (fil-Kawża C-689/21) li huwa f'idejn kull Stat Membru li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-akkwist u t-telf tan-nazzjonalità tiegħu. Id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix it-telf permanenti, pereżempju, tan-nazzjonalità Daniża u għalhekk taċ-ċittadinanza tal-Unjoni f'każ speċifiku. Id-Danimarka għalhekk tħalliet tagħmel iż-żamma tan-nazzjonalità Daniża dipendenti fuq l-eżistenza ta' rabta ġenwina ma' dak il-pajjiż. Madankollu, meta l-persuna kkonċernata ma jkollhiex in-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor tal-UE, għandu jittieħed kont dovut tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Barra minn hekk, wara l-"Brexit", il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-15 ta' Ġunju 2023, li t-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-UE huwa konsegwenza awtomatika tad-deċiżjoni sovrana unika meħuda mir-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea, u mhux tal-Ftehim dwar il-ħruġ jew tad-deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova dak il-ftehim (Kawżi C-499/21 P, Silver et al vs Il-Kunsill, C-501/21 P, Shindler et al vs Il-Kunsill, u C-502/21 P, Price vs Il-Kunsill).

Il-Kummissjoni tirrapporta kull tliet snin dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali tal-UE dwar iċ-ċittadinanza tal-UE u n-nondiskriminazzjoni. Ir-rapport tal-2023 li jmiss se jqis l-iżviluppi f'dak il-qasam mill-aħħar Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE fl-2020, inklużi l-iżviluppi fil-QĠUE.

**D.** L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (4.1.5)

L-Artikolu 11(4) tat-TUE jipprevedi dritt ġdid għaċ-ċittadini tal-Unjoni: "li l-għadd tagħhom ma jkunx anqas minn miljun, li jkunu ċittadini ta' għadd sinifikanti mill-Istati Membri, jistgħu jieħdu l-inizjattiva li jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tal-kompetenzi mogħtija lilha, sabiex tippreżenta kull proposta xierqa dwar il-kwistjonijiet fejn iċ-ċittadini jikkunsidraw li jkun meħtieġ att legali tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tat-Trattati." Il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-preżentazzjoni u l-ammissibbiltà ta' tali inizjattiva taċ-ċittadini huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Id-dispożizzjonijiet prinċipali tagħha huma deskritti hawnhekk 4.1.5.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Bl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew b'suffraġju dirett, iċ-ċittadini tal-UE jeżerċitaw wieħed mid-drittijiet essenzjali tagħhom fl-Unjoni Ewropea: jiġifieri l-parteċipazzjoni demokratika fil-proċess deċiżjonali politiku Ewropew (l-Artikolu 39 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea). Il-Parlament, fir-rigward tal-modalitajiet tal-elezzjoni tal-Membri tiegħu, dejjem ippromwova l-implimentazzjoni ta' sistema elettorali uniformi fl-Istati Membri kollha. L-Artikolu 223 tat-TFUE jipprevedi li l-Parlament iħejji proposta għal dan il-għan ("jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex il-Membri tiegħu jiġu eletti b'suffraġju universali dirett skont il-proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha jew skont il-prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha"). Il-Kunsill imbagħad jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet neċessarji (filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu u wara l-approvazzjoni tal-

maġġoranza tal-Membri tal-PE), li jidħlu fis-seħħ wara li jiġu approvati mill-Istati Membri, f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom (1.3.4).

Il-Parlament minn dejjem xtaq li l-kunċett taċ-ċittadinanza tal-UE jkun mogħni bi drittijiet komprensivi. Huwa sostna d-definizzjoni ta' ċittadinanza fuq il-bażi ta' Unjoni awtonoma, sabiex iċ-ċittadini tal-UE jkollhom status indipendenti. Barra minn hekk, talab sa mill-bidu nett li d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali jiġu inkorporati fid-dritt primarju u li ċ-ċittadini tal-UE jkunu intitolati jressqu proċedimenti quddiem il-QĠUE f'każ ta' ksur ta' tali drittijiet min-naħa tal-istituzzjonijiet tal-UE jew min-naħa ta' Stat Membru (ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru 1991).

B'segwitu għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u fir-rigward tad-drittijiet miksuba ta' madwar 3.2 miljun ċittadin mis-27 Stat Membru ieħor residenti fir-Renju Unit, il-Parlament, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020, insista li tiġi żgurata protezzjoni adegwata tad-drittijiet taċ-ċittadini fir-rigward "tal-esperjenza miksuba u l-assigurazzjonijiet". It-test adottat iħeġġeġ ukoll lill-gvernijiet tal-UE-27 jieħdu approċċ ġeneruż fir-rigward tal-madwar 1.2 miljun ċittadin tar-Renju Unit li jgħixu fl-UE.

Bi qbil mat-talbiet tal-Parlament, ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 tat-TFUE jistipula li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' tressaq proċedimenti kontra att indirizzat lilha jew li jirrigwardaha direttament u individwalment, kif ukoll kontra att regolatorju li jirrigwardaha direttament u li ma jkunx jinvolvi miżuri ta' implimentazzjoni.

Fir-rigward tad-dritt ta' aċċess għal dokumenti, il-Parlament adotta, fis-17 ta' Diċembru 2009, riżoluzzjoni dwar it-titjib meħtieġ fil-qafas legali għall-aċċess ta' dokumenti wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona. Fost affarijiet oħra, enfasizza l-ħtieġa li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 biex jiġu koperti l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha li ma kienux koperti bit-test oriġinali.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE), tliet xhur wara li tiġi ppreżentata inizjattiva taċ-ċittadini, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni jiltaqgħu mal-organizzaturi u l-organizzaturi jkollhom ukoll l-opportunità li jippreżentaw l-inizjattiva tagħhom f'seduta pubblika fil-Parlament Ewropew. Is-seduta ta' smigħ tiġi organizzata mill-kumitat responsabbli mis-suġġett tal-IĊE (l-Artikolu 222 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament).

Il-Parlament, bi presidenza konġunta mal-Kunsill u l-Kummissjoni, u jaġixxi bħala sħab ugwali mal-Istati Membri, qed jorganizza b'mod konġunt il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, li għandha l-għan li tagħti liċ-ċittadini Ewropej spazju ġdid biex jiddibattu l-isfidi u l-prijoritajiet tal-Ewropa. Il-konklużjonijiet u l-gwida tal-Konferenza dwar il-futur tal-Ewropa huma mistennija li jiġu ppreżentati f'rapport lill-presidenza konġunta sar-rebbiegħa tal-2022. Il-Parlament impenja ruħu li jsegwi r-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport, li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenzi tiegħu. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni intitolata "Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa: Naqilbu l-Viżjoni f'Azzjoni Konkreta".

Fir-rigward tal-kwistjoni taħraq tal-"passaporti tad-deheb", li permezz tagħhom ċerti Stati Membri qegħdin ibigħu ċ-ċittadinanza nazzjonali tagħhom, u għaldaqstant iċ-ċittadinanza tal-UE, sabiex jattiraw investituri barranin, il-Parlament sostna, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2014, li l-valuri u l-kisbiet assoċjati maċ-ċittadinanza tal-UE ma jistax ikollhom "prezz" marbut magħhom. F'riżoluzzjoni adottata fl-10 ta' Lulju 2020, il-Parlament tenna t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex ineħħu gradwalment l-iskemi eżistenti kollha ta' ċittadinanza permezz ta' investiment jew residenza permezz ta' investiment, peress li ħafna drabi dawn ikunu marbuta mal-

ħasil tal-flus, u dan jista' jwassal biex tiddgħajjef il-fiduċja reċiproka u l-integrità taż-żona Schengen. Fid-29 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirreferi lil Malta lill-QĠUE għall-iskema tagħha ta' ċittadinanza b'investiment, imsejħa wkoll l-iskema tal-"passaport tad-deheb" (proċedura ta' ksur quddiem il-QĠUE skont l-Artikolu 258(2) tat-TFUE). Il-Kummissjoni tqis li l-għoti taċ-ċittadinanza – u b'hekk taċ-ċittadinanza tal-UE – bi skambju għal pagament jew investiment determinat minn qabel u mingħajr rabta ġenwina mal-Istati Membri kkonċernati, mhuwiex kompatibbli mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali minqux fl-Artikolu 4(3) tat-TUE. Dan idgħajjef ukoll l-integrità tal-istatus taċ-ċittadinanza tal-UE previst fl-Artikolu 20 tat-TFUE. Fid-9 ta' Marzu 2022, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar iċ-ċittadinanza u r-residenza permezz ta' skemi ta' investiment fejn talab lill-Kummissjoni tippreżenta, qabel tmiem il-mandat attwali tagħha, proposta għal regolament biex jiġu rregolati b'mod komprensiv diversi aspetti tar-residenza permezz ta' skemi ta' investiment bil-għan li jiġu armonizzati l-istandards u l-proċeduri u tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni u l-evażjoni tat-taxxa. Fit-28 ta' Marzu 2022, fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni dwar passi immedjati fir-rigward tal-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment u l-iskemi ta' residenza b'investiment.

Din l-iskeda informattiva tħejjiet mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali.

Udo Bux / Mariusz Maciejewski
11/2023

# 4.1.2. IL-ĦARSIEN TAL-VALURI TAL-ARTIKOLU 2 TAT-TFUE FL-UE

L-Unjoni Ewropea hija mibnija fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, kif previst fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Sabiex ikun żgurat li dawn il-valuri jiġu rispettati, l-Artikolu 7 tat-TUE jipprevedi mekkaniżmu tal-UE li jiddetermina l-eżistenza ta' ksur serju u persistenti tal-valuri tal-UE minn Stat Membru u possibilment jissanzjona tali ksur. Ġie attivat għall-ewwel darba dan l-aħħar fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija. L-UE hija wkoll marbuta bil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tagħha u hija impenjata li taderixxi għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Wara li tfaċċa theddid għall-valuri tal-UE f'xi Stati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE qed isaħħu l-għodod tagħhom biex jiġġieldu kontra r-rigress demokratiku u jipproteġu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u l-minoranzi fl-Unjoni.

## MILL-ĦARSIEN ĠUDIZZJARJU TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI SAL-KODIFIKAZZJONI FIT-TRATTATI

Il-Komunitajiet Ewropej (KE) (issa l-Unjoni Ewropea) oriġinarjament inħolqu bħala organizzazzjoni internazzjonali b'kamp ta' azzjoni essenzjalment ekonomiku. Għaldaqstant, ma kien hemm l-ebda ħtieġa perċepita ta' regoli espliċiti dwar ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, li għal żmien twil ma kinux imsemmija fit-Trattati, iżda xorta waħda kienu kkunsidrati garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) tal-1950, li l-Istati Membri kienu firmatarji tagħha.

Madankollu, ladarba l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) kienet affermat il-prinċipji tal-effett dirett u tas-supremazija tad-dritt Ewropew, iżda rrifjutat li tanalizza l-kompatibbiltà tad-deċiżjonijiet mal-liġi nazzjonali u kostituzzjonali tal-Istati Membri (Stork, il-Kawża 1/58; Ruhrkohlen-Verkaufsgesellschaft, il-Kawżi Magħquda 36, 37, 38-59 u 40-59), ċerti qrati nazzjonali bdew jesprimu tħassib dwar l-effetti li ġurisprudenza bħal din jista' jkollha fuq il-ħarsien ta' valuri kostituzzjonali bħal pereżempju d-drittijiet fundamentali. Li kieku l-liġi Ewropea kellha tipprevali saħansitra fuq il-liġi kostituzzjonali nazzjonali, kieku jkun possibbli li din tikser id-drittijiet fundamentali. Biex jindirizzaw dan ir-riskju teoretiku, fl-1974 il-Qrati Kostituzzjonali tal-Ġermanja u tal-Italja adottaw deċiżjoni li fiha ddikjaraw is-setgħa tagħhom li jagħmlu rieżami tal-liġi Ewropea bil-għan li jiżguraw il-konsistenza tagħha mad-drittijiet kostituzzjonali (Solange I; Frontini). Dan wassal biex il-QĠUE affermat, permezz tal-ġurisprudenza tagħha, il-prinċipju ta' rispett għad-drittijiet fundamentali, billi ddikjarat li d-drittijiet fundamentali huma minquxa fil-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja mħarsa mill-Qorti (Stauder, il-Kawża 29-69). Dawn huma mnebbħa mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri (Internationale Handelsgesellschaft, il-Kawża 11-70) u mit-trattati internazzjonali għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem li l-Istati Membri huma partijiet għalihom (Nold, il-Kawża 4-73), li wieħed minnhom hi l-KEDB (Rutili, il-Kawża 36-75).

Bl-espansjoni progressiva tal-kompetenzi tal-UE għal politiki li għandhom impatt dirett fuq id-drittijiet fundamentali - bħall-ġustizzja u l-affarijiet interni, li wara evolvew fi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja sħiħ -, it-Trattati ġew mibdula biex l-UE ġiet ankrata fis-sod mal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali. It-Trattat ta' Maastricht inkluda referenza għall-KEDB u għat-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri bħala prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE, filwaqt li t-Trattat ta' Amsterdam afferma l-"prinċipji" Ewropej li fuqhom hija msejsa l-UE (fit-Trattat ta' Lizbona, il-"valuri" kif elenkati fl-Artikolu 2 tat-TUE) u ħoloq proċedura sabiex jiġu sospiżi d-drittijiet previsti mit-Trattati f'każijiet ta' ksur serju u persistenti tad-drittijiet fundamentali minn Stat Membru. L-abbozzar tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u d-dħul fis-seħħ tagħha flimkien mat-Trattat ta' Lizbona huma l-aħħar żviluppi f'dan il-proċess ta' kodifikazzjoni maħsub biex jiżgura l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-UE.

## L-ADEŻJONI TAL-UE GĦALL-KONVENZJONI EWROPEA GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-LIBERTAJIET FUNDAMENTALI

Billi l-KEDB hija l-istrument ewlieni għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-Ewropa, li l-Istati Membri kollha aderew għaliha, l-adeżjoni tal-KE għall-KEDB dehret bħala soluzzjoni loġika għall-ħtieġa li l-KE tintrabat mal-obbligi tad-drittijiet fundamentali. Il-Kummissjoni pproponiet diversi drabi (fl-1979, l-1990 u l-1993) l-adeżjoni tal-KE għall-KEDB. Fl-1996, meta ntalbet tagħti opinjoni dwar il-kwistjoni, il-QĠUE kkonstatat, fl-Opinjoni 2/94 tagħha, li t-Trattat ma pprevedi l-ebda kompetenza għall-KE li tistabbilixxi regoli dwar id-drittijiet tal-bniedem jew li tikkonkludi konvenzjonijiet internazzjonali f'dan il-qasam, u b'hekk l-adeżjoni kienet legalment impossibbli. It-Trattat ta' Lizbona rrimedja din is-sitwazzjoni billi introduċa l-Artikolu 6(2), li għamel l-adeżjoni tal-UE mal-KEDB obbligatorja. Dan ifisser li l-UE (kif kien diġà l-każ għall-Istati Membri tagħha) kienet se tkun soġġetta, fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet fundamentali, għal rieżami minn entità legali esterna għaliha nnifisha, jiġifieri l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB). Insegwitu tal-adeżjoni, iċ-ċittadini tal-UE, kif ukoll iċ-ċittadini ta' pajjiżi mhux tal-UE preżenti fit-territorju tal-UE, ikunu jistgħu jikkontestaw atti ġuridiċi adottati mill-UE direttament quddiem il-QEDB abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-KEDB, bl-istess mod kif huma jistgħu jikkontestaw atti ġuridiċi adottati mill-Istati Membri tal-UE.

Fl-2010, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lizbona, l-UE bdiet negozjati mal-Kunsill tal-Ewropa dwar abbozz ta' Ftehim ta' Adeżjoni, li ġie ffinalizzat f'April 2013. F'Lulju 2013, il-Kummissjoni talbet lill-QĠUE tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà ta' dan il-ftehim mat-Trattati. Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-QĠUE ħarġet opinjoni negattiva, li fiha qalet li l-abbozz tal-ftehim seta' jolqot b'mod negattiv il-karatteristiċi speċifiċi u l-awtonomija tal-liġi tal-UE (l-Opinjoni 2/13). Wara perjodu ta' riflessjoni u diskussjonijiet dwar kif setgħu jingħelbu l-kwistjonijiet imqajma mill-QĠUE, l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa reġgħu bdew in-negozjati fl-2019, u dawn għadhom għaddejjin.

## IL-KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TAL-UE

B'mod parallel mal-mekkaniżmu ta' skrutinju "estern" previst mill-adeżjoni tal-KE għall-KEDB biex tiġi żgurata l-konformità tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki mad-drittijiet fundamentali, kien meħtieġ mekkaniżmu ta' skrutinju "intern" fil-livell tal-KE sabiex ikun jista' jsir kontroll ġudizzjarju preliminari u awtonomu mill-QĠUE. Biex isir dan, kienet

meħtieġa karta ta' drittijiet speċifika għall-UE, u fil-Kunsill Ewropew tal-1999 f'Cologne ġie deċiż li titlaqqa' Konvenzjoni biex tabbozza Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Il-Karta ġiet ipproklamata solennement mill-Parlament, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni f'Nizza fis-sena 2000. Wara li ġiet emendata, ġiet ipproklamata mill-ġdid fl-2007. Madankollu, kien biss bl-adozzjoni tat-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009 li l-Karta daħlet fis-seħħ b'mod dirett, kif previst fl-Artikolu 6(1) tat-TUE, u b'hekk saret sors vinkolanti ta' liġi primarja.

Il-Karta, għalkemm hija msejsa fuq il-KEDB u strumenti Ewropej u internazzjonali oħra, kienet innovattiva f'diversi modi, b'mod partikolari billi tinkludi, fost kwistjonijiet oħra, id-diżabilità, l-età u l-orjentazzjoni sesswali bħala motivi ta' diskriminazzjoni pprojbiti, u tistabbilixxi l-aċċess għad-dokumenti, il-protezzjoni tad-data u l-amministrazzjoni tajba fost id-drittijiet fundamentali li tafferma.

Filwaqt li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta huwa, minn naħa waħda, potenzjalment wiesa' ħafna, billi l-parti l-kbira tad-drittijiet li tirrikonoxxi huma mogħtija lil "kulħadd", irrispettivament min-nazzjonalità jew status, min-naħa l-oħra l-Artikolu 51 jillimita l-applikazzjoni tagħha għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u, għall-Istati Membri, meta dawn jaġixxu biex jimplimentaw il-liġi tal-UE.

## L-ARTIKOLU 7 TAT-TUE, IL-QAFAS U L-MEKKANIŻMU TAL-ISTAT TAD-DRITT TAL-KUMMISSJONI

Permezz tat-Trattat ta' Amsterdam, inħoloq mekkaniżmu ġdid ta' sanzjonijiet biex jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali, kif ukoll prinċipji u valuri Ewropej oħra bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza u l-ħarsien tal-minoranzi, jiġu rrispettati mill-Istati Membri tal-UE, lil hinn mil-limiti legali imposti mill-kompetenzi tal-UE. Dan ifisser li l-UE ngħatat is-setgħa li tintervjeni f'oqsma li jitħallew fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri, f'sitwazzjonijiet ta' "ksur serju u persistenti" ta' dawn il-valuri. Mekkaniżmu simili kien ġie propost mill-Parlament għall-ewwel darba fl-abbozz tat-test tat-Trattat dwar l-UE tal-1984 tiegħu. It-Trattat ta' Nizza żied fażi preventiva, f'każijiet ta' "riskju ċar ta' ksur serju" tal-valuri tal-UE fi Stat Membru. Din il-proċedura kellha l-għan li tiżgura li l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, kif ukoll tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-minoranzi, kif inklużi fil-kriterji ta' Copenhagen għall-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda, jibqa' validu wkoll wara l-adeżjoni u għall-Istati Membri kollha bl-istess mod.

Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 7 tat-TUE jipprevedi "fażi preventiva", li tagħti s-setgħa lil terz tal-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni jibdew proċedura li permezz tagħha l-Kunsill jista' jikkonstata, b'maġġoranza ta' 4 minn kull 5, l-eżistenza ta' "riskju ċar ta' ksur serju" fi Stat Membru tal-valuri tal-UE proklamati fl-Artikolu 2 tat-TUE, li jinkludu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għad-dinjità tal-bniedem, għal-libertà u għall-ugwaljanza u d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi. Qabel jipproċedi b'din il-konstatazzjoni, l-Istat Membru inkwistjoni jeħtieġlu jinstema' u jistgħu jsirulu rakkomandazzjonijiet, filwaqt li l-Parlament jeħtieġlu jagħti l-approvazzjoni tiegħu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa u b'maġġoranza assoluta tal-membri komponenti tiegħu (l-Artikolu 354(4) tat-TFUE). Din il-proċedura preventiva ġiet attivata għall-ewwel darba fl-20 ta' Diċembru 2017 mill-Kummissjoni fir-rigward tal-Polonja, u fit-12 ta' Settembru 2018 mill-Parlament fir-rigward tal-Ungerija, iżda għadha mblukkata fil-Kunsill, fejn saru għadd ta' seduti ta' smigħ iżda la ġew adottati rakkomandazzjonijiet - u wisq anqas konstatazzjonijiet -. Barra minn hekk, il-Parlament ġie mċaħħad mid-dritt

li jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu fis-seduti ta' smigħ tal-Kunsill, inkluż dwar l-Ungerija, minkejja r-rwol tal-Parlament bħala inizjatur tal-proċedura.

L-Artikoli 7(2) u 7(3) tat-TUE jipprevedu, fil-każ ta' "eżistenza ta' ksur serju u persistenti" tal-valuri tal-UE, "mekkaniżmu ta' sanzjoni" li jista' jiġi skattat mill-Kummissjoni jew minn terz tal-Istati Membri (mhux mill-Parlament), wara li l-Istat Membru kkonċernat ikun ġie mistieden iressaq l-osservazzjonijiet tiegħu. Il-Kunsill Ewropew jiddetermina l-eżistenza tal-ksur b'unanimità, wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament bl-istess maġġoranza bħal fil-każ tal-mekkaniżmu ta' prevenzjoni. Il-Kunsill, li f'dan il-każ jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jissospendi wħud mid-drittijiet tas-sħubija tal-Istat Membru kkonċernat, inkluż id-dritt tal-vot fil-Kunsill. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jbiddel jew iħassar is-sanzjonijiet, ukoll permezz ta' maġġoranza kwalifikata. L-Istat Membru kkonċernat ma jiħux sehem fil-votazzjonijiet fil-Kunsill jew fil-Kunsill Ewropew. Id-determinazzjoni u l-adozzjoni tas-sanzjonijiet jibqgħu diffiċli biex jinkisbu, minħabba r-rekwiżit tal-unanimità, kif muri mill-fatt li l-Gvern tal-Ungerija u dak tal-Polonja ħabbru li se jagħmlu veto għal kwalunkwe deċiżjoni bħal din li tikkonċerna l-Istat Membru l-ieħor.

Fl-2014, sabiex timla l-lakuna bejn l-attivazzjoni, li politikament hija diffiċli, tal-proċeduri tal-Artikolu 7 tat-TUE (li tintuża biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet barra mill-ambitu tal-liġi tal-UE) u l-proċeduri ta' ksur b'effett limitat (li jintużaw f'sitwazzjonijiet speċifiċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE), il-Kummissjoni varat qafas ġdid tal-UE biex jissaħħaħ l-istat tad-dritt. Dan il-qafas kellu l-għan li jipprova jiżgura ħarsien effettiv u koerenti tal-istat tad-dritt, bħala prerekwiżit għall-iżgurar tar-rispett għad-drittijiet fundamentali u d-demokrazija f'sitwazzjonijiet ta' theddid sistemiku. Il-qafas huwa maħsub biex jippreċedi u jikkomplementa l-Artikolu 7 tat-TUE, u jipprevedi tliet fażijiet: valutazzjoni tal-Kummissjoni, jiġifieri djalogu strutturat bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru, segwit, jekk ikun meħtieġ, b'opinjoni dwar l-istat tad-dritt; rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt; u segwitu għar-rakkomandazzjoni mill-Istat Membru. Dan il-qafas tal-istat tad-dritt ġie applikat għall-Polonja fl-2016 u ġie segwit, minħabba nuqqas ta' suċċess, mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tvara proċedura tal-Artikolu 7 fl-20 ta' Diċembru 2017.

F'Lulju 2019, il-Kummissjoni għamlet pass ieħor 'il quddiem fil-komunikazzjoni tagħha intitolata "It-tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni: Pjan ta' azzjoni" u varat mekkaniżmu tal-istat tad-dritt, li jikkonsisti f'ċiklu ta' rieżami annwali msejjes fuq rapport dwar l-istat tad-dritt li jimmonitorja s-sitwazzjoni fl-Istati Membri, li jifforma l-bażi ta' djalogu interistituzzjonali. L-ewwel rapport ta' dan it-tip ġie ppubblikat f'Settembru 2020, u kien akkumpanjat minn 27 kapitolu tal-pajjiżi, li jkopru s-sistema ġudizzjarja (u b'mod partikolari l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tagħha), il-qafas kontra l-korruzzjoni (l-istruttura ġuridika u istituzzjonali, il-prevenzjoni, il-miżuri repressivi), il-pluraliżmu tal-midja (il-korpi regolatorji, it-trasparenza tas-sjieda u l-indħil mill-gvern, il-protezzjoni tal-ġurnalisti) u kwistjonijiet istituzzjonali oħra relatati mal-kontrolli u l-bilanċi (il-proċess leġiżlattiv, awtoritajiet indipendenti, l-aċċessibbiltà, l-istħarriġ ġudizzjarju, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili). Ir-rapport isaħħaħ il-monitoraġġ tal-UE b'mod sostanzjali billi jinkludi, meta mqabbel mat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE u strumenti oħra ta' monitoraġġ u rappurtar, mhux biss il-ġustizzja ċivili iżda wkoll dik kriminali u amministrattiva, l-indirizzar tal-indipendenza ġudizzjarja, il-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-midja, is-separazzjoni tas-setgħat u l-ispazju tas-soċjetà ċivili. Ġie stabbilit network ta' punti ta' kuntatt nazzjonali biex tinġabar informazzjoni u jiġi żgurat djalogu mal-Istati Membri, u jinżamm djalogu mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-entitajiet tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni

fl-Ewropa, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, networks ġudizzjarji u organizzazzjonijiet mhux governattivi. It-tielet rapport annwali, ippubblikat f'Lulju 2022, kien fih ukoll sensiela ta' rakkomandazzjonijiet indirizzati lil kull Stat Membru, li s-segwitu tagħhom għandu jiġi eżaminat f'rapporti annwali sussegwenti dwar l-istat tad-dritt.

## STRUMENTI OĦRA GĦALL-ĦARSIEN TAL-VALURI TAL-UE

L-UE għandha strumenti oħra għad-dispożizzjoni tagħha li għandhom l-għan li jħarsu l-valuri tal-UE.

Meta tipproponi inizjattiva leġiżlattiva ġdida, il-Kummissjoni tindirizza l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali permezz ta' valutazzjoni tal-impatt, aspett li sussegwentement jiġi eżaminat ukoll mill-Kunsill u mill-Parlament.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tippubblika rapport annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jiġi analizzat u diskuss mill-Kunsill, li jadotta konklużjonijiet dwaru, u mill-Parlament, fil-qafas tar-rapport annwali tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE. F'Diċembru 2020, il-Kummissjoni varat strateġija ġdida biex issaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Karta fl-UE, inkluż fir-rigward tal-fondi tal-UE permezz tal-"kundizzjoni abilitanti" speċifika għall-Karta li ġiet introdotta fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni tal-2021. Il-fondi ta' koeżjoni għall-Polonja u l-Ungerija ma ġewx żborżati fuq din il-bażi.

Sa mill-2014, il-Kunsill kellu wkoll djalogu annwali bejn l-Istati Membri kollha fi ħdan il-Kunsill biex jippromwovi u jissalvagwardja l-istat tad-dritt, filwaqt li jiffoka fuq suġġett differenti kull sena. Mit-tieni semestru tal-2020, il-Kunsill iddeċieda li jiffoka fuq l-eżami tas-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'ħames Stati Membri kull semestru, abbażi tar-rapport dwar l-istat tad-dritt tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-kwistjonijiet marbuta mal-valuri tal-UE jiġu mmonitorjati u jistgħu jkunu s-suġġett ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. L-oqsma kkonċernati jinkludu s-sistemi ġudizzjarji (abbażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja), kif ukoll id-diżabbiltà, id-drittijiet soċjali u d-drittijiet taċ-ċittadini (fir-rigward tal-ħarsien mill-kriminalità organizzata u mill-korruzzjoni).

Il-Bulgarija u r-Rumanija huma soġġetti wkoll għall-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika, li fih aspetti relatati mal-valuri tal-UE.

Il-proċedimenti ta' ksur huma strument importanti biex jiġi ssanzjonat il-ksur tal-valuri tal-UE fl-Unjoni, u l-QĠUE qed tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha dwar il-kwistjoni. Il-proċedimenti ta' ksur jistgħu jiġu varati f'każijiet ta' nonkonformità tal-liġi nazzjonali mal-liġi tal-UE u mal-valuri tal-UE f'każijiet individwali u speċifiċi (filwaqt li l-Artikolu 7 japplika wkoll għal sitwazzjonijiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE u li fihom il-ksur tad-drittijiet fundamentali ikun sistematiku u persistenti) u l-QĠUE tista' timponi penali finanzjarji għan-nuqqas ta' konformità ma' digrieti jew sentenzi.

L-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), li ġiet stabbilita fl-2007 fi Vjenna, tiżvolġi rwol importanti fil-monitoraġġ tas-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE. Il-FRA għandha l-kompitu li tiġbor, tanalizza, ixxerred u tevalwa l-informazzjoni u d-data relatati mad-drittijiet fundamentali. Twettaq ukoll riċerka u stħarriġ xjentifiku, u tippubblika rapporti annwali u tematiċi dwar id-drittijiet fundamentali.

Il-Kummissjoni qed issaħħaħ ukoll l-ugwaljanza u l-protezzjoni tal-minoranzi – tnejn mill-pilastri tal-Artikolu 2 tat-TUE – permezz ta' strateġiji, proposti u azzjonijiet speċifiċi

għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-ġlieda kontra l-vjolenza fil-konfront tan-nisa u l-vjolenza domestika, ir-razziżmu, id-diskors ta' mibegħda, ir-reati ta' mibegħda u l-anti-Semitiżmu, kif ukoll għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ, ir-Rom, il-persuni b'diżabbiltà u t-tfal, taħt il-kunċett ġenerali ta' "Unjoni ta' Ugwaljanza". Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Parlament u ta' 15-il Stat Membru, dan l-aħħar irreferiet l-Ungerija lill-QĠUE dwar il-liġi kontra l-persuni LGBTIQ tagħha għal raġunijiet ta' ksur, fost l-oħrajn, tal-Artikolu 2 tat-TUE. Ipproponiet ukoll direttivi biex issaħħaħ il-korpi tal-ugwaljanza permezz ta' standards komuni.

Wara mblokk ikkawżat mill-veto tal-Gvern tal-Ungerija u l-Gvern tal-Polonja, finalment intlaħaq qbil fil-Kunsill Ewropew tal-10-11 ta' Diċembru 2020 dwar regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Ir-regolament jagħmel possibbli l-protezzjoni tal-baġit tal-UE fejn jiġi stabbilit li ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fi Stat Membru jolqot, jew jissogra serjament li jolqot, il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE b'mod suffiċjentement dirett. Azzjoni mressqa mill-Gvern Ungeriż u dak Pollakk kontra r-regolament ġiet miċħuda mill-QĠUE, u dan fetaħ it-triq biex il-Kummissjoni u l-Kunsill jiskattaw il-mekkaniżmu kontra l-Ungerija, li wassal għas-sospensjoni ta' EUR 6.3 biljun.

Il-Kummissjoni bħalissa qed tiddiskuti l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma' għadd ta' gvernijiet tal-Istati Membri u qed timmonitorja jekk humiex qed jilħqu l-istadji importanti u l-miri miftiehma, li huma prerekwiżit għall-iżborż tal-fondi. Dawn għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew adottati mill-Kunsill, u fir-rapporti dwar l-istat tad-dritt u r-rakkomandazzjonijiet relatati maħruġa mill-Kummissjoni, kif ukoll fil-proċeduri tal-Artikolu 7 kontra l-Polonja u l-Ungerija.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament minn dejjem appoġġa t-tisħiħ tar-rispett għad-drittijiet fundamentali fl-UE u l-ħarsien tagħhom. Fl-1977, il-Parlament, flimkien mal-Kunsill u l-Kummissjoni, kien diġà adotta Dikjarazzjoni Konġunta dwar id-Drittijiet Fundamentali, li fiha t-tliet istituzzjonijiet impenjaw ruħhom li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom. Fl-1979, il-Parlament adotta riżoluzzjoni b'appell biex il-Komunità Ewropea taderixxi għall-KEDB.

L-abbozz ta' trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea tal-1984, propost mill-Parlament, speċifika li l-Unjoni jeħtiġilha tħares id-dinjità tal-individwu u tirrikonoxxi fil-konfront ta' kull persuna li taqa' fil-ġuriżdizzjoni tagħha, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali li joħorġu mill-prinċipji komuni tal-kostituzzjonijiet nazzjonali u tal-KEDB. L-abbozz ta' trattat ippreveda wkoll l-adeżjoni tal-Unjoni għall-KEDB. F'riżoluzzjoni tat-12 ta' April 1989, il-Parlament ipproklama li huwa adotta d-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali.

Fl-1993 u kull sena wara, il-Parlament organizza dibattitu u adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE, abbażi ta' rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu. Barra minn hekk, adotta għadd dejjem jikber ta' riżoluzzjonijiet li jittrattaw kwistjonijiet speċifiċi marbuta mal-ħarsien tal-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE fl-Istati Membri.

Il-Parlament dejjem appoġġa lill-UE f'dak li jirrigwarda l-adozzjoni ta' karta tad-drittijiet tagħha stess, u talab li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tkun vinkolanti. Dan seħħ finalment fl-2009 permezz tat-Trattat ta' Liżbona.

Aktar reċentement, il-Parlament esprima kemm-il darba tħassib serju dwar l-erożjoni gradwali tal-istandards previsti fl-Artikolu 2 tat-TUE f'xi Stati Membri. Biex jindirizza din il-problema, il-Parlament għamel għadd ta' suġġerimenti għat-tisħiħ tal-protezzjoni fl-UE mhux biss tad-drittijiet fundamentali, iżda wkoll tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, u b'mod usa', tal-valuri kollha tal-UE koperti mill-Artikolu 2 tat-TUE, billi ppropona mekkaniżmi u proċeduri ġodda biex jimtlew il-lakuni eżistenti. F'riżoluzzjonijiet varji sa mill-2012, il-Parlament talab il-ħolqien ta' "Kummissjoni ta' Copenhagen", kif ukoll ta' ċiklu ta' politika Ewropea dwar id-drittijiet fundamentali, mekkaniżmu ta' twissija bikrija, proċedura ta' ffriżar u t-tisħiħ tal-FRA.

Fl-2016, f'riżoluzzjoni storika dwar dan is-suġġett, il-Parlament ikkonsolida l-proposti preċedenti tiegħu u talab li l-Kummissjoni tressaq ftehim interistituzzjonali għall-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, li jkun ibbażat fuq Patt tal-Unjoni mal-Kummissjoni u mal-Kunsill. Dan ikun jinkludi ċiklu ta' politika annwali bbażat fuq rapport li jimmonitorja r-rispett tal-valuri tal-UE fl-Unjoni, abbozzat mill-Kummissjoni u minn bord ta' esperti, segwit minn dibattitu parlamentari u akkumpanjat minn arranġamenti biex jiġu indirizzati r-riskji jew il-ksur[1]. Il-Parlament talab ukoll abbozz ta' ftehim ġdid għall-adeżjoni tal-UE għall-KEDB, u tibdiliet fit-Trattat bħall-eliminazzjoni tal-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-konverżjoni tagħha f'Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni, u t-tneħħija tar-rekwiżit ta' unanimità fir-rigward tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. F'riżoluzzjoni tal-2020, il-Parlament ippropona t-test għal ftehim interistituzzjonali dwar it-tisħiħ tal-valuri tal-UE, li fih żviluppa l-proposti preċedenti u żied possibbiltà għal rapporti urġenti u l-ħolqien ta' grupp ta' ħidma interistituzzjonali. F'riżoluzzjoni tal-2021, il-Parlament stieden ukoll lill-Kummissjoni biex twessa' l-portata tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt biex ikopri l-valuri kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE u jinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

Fl-2018, il-Parlament adotta riżoluzzjoni li laqgħet id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li jiġi attivat l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Polonja, kif ukoll riżoluzzjoni dwar il-varar tal-proċedura tal-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Ungerija, permezz tat-tressiq ta' proposta motivata lill-Kunsill li tistiednu jiddetermina jekk setax kien hemm riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, u biex jindirizza rakkomandazzjonijiet xierqa lill-Ungerija f'dan ir-rigward[2]. Fl-2020 u l-2022, il-Parlament adotta wkoll riżoluzzjonijiet dwar il-Polonja u l-Ungerija rispettivament, li jwessgħu l-ambitu tat-tħassib li għandu jiġi eżaminat fil-proċedura tal-Artikolu 7(1) tat-TUE. Huwa stieden ukoll lill-Kummissjoni tuża l-għodod kollha disponibbli, inkluż ir-regolament dwar il-kondizzjonalità tal-istat tad-dritt, biex tindirizza l-ksur tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE mill-Ungerija u l-Polonja.

---

[1]Il-Kummissjoni adottat ħafna mis-suġġerimenti tal-Parlament fil-komunikazzjoni tagħha tal-2019 (l-istabbiliment ta' ċiklu interistituzzjonali, b'rapport annwali, li jimmonitorja l-Istati Membri, dwar l-istat tad-dritt u kwistjonijiet relatati), iżda mhux dawk relatati mal-Artikolu 2 sħiħ (mhux biss l-istat tad-dritt, iżda wkoll id-demokrazija, id-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u l-minoranzi), bit-twaqqif ta' kumitat ta' esperti indipendenti u ftehim interistituzzjonali dwar iċ-ċiklu, il-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet għal kull Stat Membru u l-bidu mill-ġdid tal-pubblikazzjoni ta' rapporti kontra l-korruzzjoni.
[2]Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Parlament dwar id-drittijiet fundamentali matul il-leġiżlatura preċedenti, ara "The protection of fundamental rights in the EU: European Parliament achievements during the 2014-2019 legislative term and challenges for the future" (Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE: il-kisbiet tal-Parlament Ewropew matul il-leġiżlatura 20140-2019 u l-isfidi għall-futur).

Wara l-qtil tal-ġurnalisti Daphne Caruana Galizia f'Malta u Ján Kuciak u l-għarusa tiegħu fis-Slovakkja, u fi sforz biex jissaħħu l-monitoraġġ u l-azzjoni tal-Parlament fir-rigward tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern ħoloq Grupp ta' Monitoraġġ dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali. Il-grupp għandu l-kompitu li jindirizza t-theddid għall-valuri tal-UE li jitfaċċaw madwar l-Unjoni u li joħroġ proposti għal azzjoni lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.

Ottavio Marzocchi
04/2023

# 4.1.3. IL-MOVIMENT LIBERU TAL-PERSUNI

Il-libertà tal-moviment u r-residenza għall-persuni fl-Unjoni Ewropea hija l-pedament taċ-ċittadinanza tal-UE, li ġiet stabbilita mit-Trattat ta' Maastricht fl-1992. It-tneħħija gradwali tal-fruntieri interni skont il-Ftehimiet ta' Schengen kienet segwita mill-adozzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fl-UE. Minkejja l-importanza ta' dan id-dritt, għad hemm ostakli sostanzjali għall-implimentazzjoni.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; L-Artikolu 21 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE); It-Titoli IV u V tat-TFUE; L-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

## L-OBJETTIVI

Il-kunċett tal-moviment liberu tal-persuni nbidel fit-tifsira tiegħu minn meta nħoloq. L-ewwel dispożizzjonijiet dwar is-suġġett, fit-Trattat tal-1957 li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, kienu jkopru l-moviment liberu tal-ħaddiema u l-libertà tal-istabbiliment, u għalhekk il-persuni bħala impjegati jew fornituri ta' servizz. It-Trattat ta' Maastricht introduċa l-kunċett ta' ċittadinanza tal-UE li kull ċittadin ta' Stat Membru għandu jgawdi minnha awtomatikament. Hija din iċ-ċittadinanza tal-UE li tifforma l-bażi tad-dritt tal-persuni li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fi ħdan it-territorju tal-Istati Membri. It-Trattat ta' Lizbona kkonferma dan id-dritt, li huwa inkluż ukoll fid-dispożizzjonijiet ġenerali dwar iż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.

## IL-KISBIET

### A. Iż-żona Schengen

Il-pass ewlieni fl-istabbiliment ta' suq intern b'moviment liberu tal-persuni kien il-konklużjoni taż-żewġ ftehimiet ta' Schengen, jiġifieri l-Ftehim ta' Schengen proprju tal-14 ta' Ġunju 1985, u l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, li ġiet iffirmata fid-19 ta' Ġunju 1990 u li daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Marzu 1995. Fil-bidu, il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (iffirmata biss mill-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u n-Netherlands) kienet ibbażata fuq il-kooperazzjoni intergovernattiva fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni. Protokoll għat-Trattat ta' Amsterdam ippreveda t-trasferiment tal-"acquis ta' Schengen" fit-Trattati. Illum, skont it-Trattat ta' Lizbona, dan huwa suġġett għal skrutinju parlamentari u ġudizzjarju. Billi l-parti l-kbira tar-regoli ta' Schengen issa hija parti mill-acquis tal-UE, ma kienx aktar possibbli għall-pajjiżi tal-adeżjoni li jagħżlu li ma jipparteċipawx fid-dispożizzjonijiet rilevanti sa mit-tkabbir tal-UE tal-1 ta' Mejju 2004 (l-Artikolu 7 tal-Protokoll ta' Schengen).

#### 1. Il-pajjiżi parteċipanti

Bħalissa hemm 26 membru sħiħ ta' Schengen: 22 Stat Membru tal-UE kif ukoll in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein (li għandhom status assoċjat). L-Irlanda mhijiex membru tal-Konvenzjoni imma tista' tagħżel li tapplika xi partijiet

magħżula mill-ġabra ta' liġijiet ta' Schengen. Id-Danimarka, waqt li ilha parti minn Schengen mill-2001, tista' ma tipparteċipa f'ebda miżura ġdida fil-qasam tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni, inkluż dwar Schengen, għalkemm hija marbuta b'ċerti miżuri relatati mal-politika komuni dwar il-viżi. Il-Bulgarija, ir-Rumanija u Ċipru huma mistennija li jissieħbu, għalkemm hemm xi dewmien minħabba raġunijiet differenti. Il-Kroazja bdiet il-proċess ta' applikazzjoni għaż-żona Schengen fl-1 ta' Lulju 2015.

**2.** Il-kamp ta' applikazzjoni

Il-kisbiet taż-żona Schengen jinkludu:

a. It-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni għall-persuni kollha;

b. Miżuri għat-tisħiħ u l-armonizzazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri esterni (4.2.4): iċ-ċittadini kollha tal-UE jeħtiġilhom juru biss karta tal-identità jew passaport biex jidħlu fiż-żona Schengen;

c. Politika komuni dwar il-viżi għal soġġorni qosra: ċittadini ta' pajjiżi terzi inklużi fil-lista komuni tal-pajjiżi mhux membri li ċ-ċittadini tagħhom għandhom bżonn viża ta' dħul (ara l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001) jistgħu jiksbu viża unika li tkun valida għaż-żona Schengen kollha;

d. Kooperazzjoni bejn il-pulizija (4.2.7) u kooperazzjoni ġudizzjarja (4.2.6): il-forzi tal-pulizija jgħinu lil xulxin fid-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-kriminalità u għandhom id-dritt isegwu kriminali maħruba fit-territorju ta' stat ġar fiż-żona Schengen; hemm ukoll sistema ta' estradizzjoni aktar mgħaġġla u rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi kriminali;

e. Il-ħolqien u l-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) (4.2.4).

**3.** L-isfidi

Filwaqt li ż-żona Schengen hija meqjusa b'mod wiesa' bħala waħda mill-kisbiet primarji tal-Unjoni Ewropea, dan l-aħħar u qabel ma ġie introdott iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE f'Lulju 2021, iffaċċjat theddida eżistenzjali minħabba l-pandemija tal-COVID-19, meta l-Istati Membri għalqu l-fruntieri biex jikkontrollaw it-tixrid tal-virus. Qabel dan, l-isfidi ewlenin kienu l-influss konsiderevoli ta' rifuġjati u migranti lejn l-UE, kif ukoll attakki terroristiċi.

**B.** Il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom

**1.** L-ewwel passi

F'tentattiv li l-Komunità tinbidel f'żona ta' libertà u mobilità ġenwini għaċ-ċittadini kollha tagħha, ġew adottati dawn id-direttivi li ġejjin fl-1990 sabiex jagħtu drittijiet ta' residenza lil persuni oħra barra mill-ħaddiema: Id-Direttiva tal-Kunsill 90/365/KEE dwar id-dritt ta' residenza għall-impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom li waqqfu l-attività tax-xogħol tagħhom; Id-Direttiva tal-Kunsill 90/366/KEE dwar id-dritt ta' residenza għall-istudenti; u d-Direttiva tal-Kunsill 90/364/KEE dwar id-dritt ta' residenza (għal ċittadini ta' Stati Membri li ma jgawdux dan id-dritt skont dispożizzjonijiet oħra tad-Dritt Komunitarju u għal membri tal-familji tagħhom).

**2.** Id-Direttiva 2004/38/KE

Sabiex jiġu kkonsolidati biċċiet differenti ta' leġiżlazzjoni (inklużi dawk imsemmija hawn fuq) u titqies il-ġabra kbira ta' ġurisprudenza marbuta mal-moviment liberu

tal-persuni, fl-2004 ġiet adottata direttiva komprensiva ġdida – id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri. Id-direttiva hija maħsuba biex tinkoraġġixxi liċ-ċittadini tal-UE jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fl-Istati Membri, tnaqqas il-formalitajiet amministrattivi għal dak li hu minimament essenzjali, tipprovdi definizzjoni aħjar tal-istatus tal-membri tal-familja u tillimita l-possibbiltà ta’ rifjut ta’ dħul jew ta’ tmiem tad-dritt ta’ residenza. Skont id-Direttiva 2004/38/KE, il-membri tal-familja jinkludu:

— il-konjuġi (anke tal-istess sess, kif ikkjarifikat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fis-sentenza Coman tagħha C-673/16);

— is-sieħeb/sieħba (i)rreġistrat(a), jekk il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ospitanti tittratta s-sħubijiet irreġistrati bħala ekwivalenti għaż-żwieġ;

— id-dixxendenti diretti li għandhom inqas minn 21 sena jew li huma dipendenti u dawk tal-konjuġi jew tas-sieħeb/sieħba (i)rreġistrat(a);

— il-qraba diretti dipendenti fil-linja axxendenti u dawk tal-konjuġi jew tas-sieħeb/sieħba (i)rreġistrat(a).

Maġġoranza kbira tal-Istati Membri japplikaw ukoll id-direttiva biex jiggarantixxu d-drittijiet tal-moviment liberu għal konjuġi tal-istess ġeneru, sħab reġistrati u sħab f’relazzjoni stabbli.

**a.** Id-drittijiet u l-obbligi:

— Għal soġġorn ta’ inqas minn tliet xhur: l-uniku rekwiżit għaċ-ċittadini tal-UE hu li jkollhom dokument ta’ identità jew passaport validu. L-Istat Membru ospitanti jista’ jirrikjedi li l-persuni kkonċernati jirreġistraw il-preżenza tagħhom fil-pajjiż.

— Għal soġġorn ta’ iktar minn tliet xhur: Iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom – jekk ma jaħdmux – għandu jkollhom riżorsi suffiċjenti u assigurazzjoni għall-mard biex ikun żgurat li ma jkunux ta’ piż fuq is-servizzi soċjali ta’ dak l-Istat Membru ospitanti matul is-soġġorn tagħhom. Ċittadini tal-UE m’għandhomx bżonn permessi ta’ residenza, għalkemm l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li dawn jirreġistraw mal-awtoritajiet kompetenti. Il-membri tal-familja taċ-ċittadini tal-UE li ma jkunux ċittadini ta’ Stat Membru jeħtiġilhom japplikaw għal permess ta’ residenza, li jkun validu għall-perjodu ta’ soġġorn tagħhom jew għal perjodu ta’ ħames snin.

— Id-dritt ta’ residenza permanenti: Iċ-ċittadini tal-UE jiksbu dan id-dritt wara perjodu ta’ ħames snin ta’ residenza legali kontinwa, bil-kundizzjoni li ma tkunx ġiet infurzata deċiżjoni ta’ tkeċċija kontrihom. Dan id-dritt m’għadu soġġett għall-ebda kundizzjoni. L-istess regola tapplika għall-membri tal-familja li ma jkunux ċittadini ta’ Stat Membru u li jkunu għexu ma’ ċittadin tal-UE għal ħames snin. Id-dritt ta’ residenza permanenti jintilef biss f’każ ta’ assenza mill-Istat Membru ospitanti għal perjodu ta’ iktar minn sentejn konsekuttivi.

— Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta’ dħul u d-dritt ta’ residenza: Iċ-ċittadini tal-UE jew il-membri tal-familja tagħhom jistgħu jitkeċċew mill-Istat Membru ospitanti għal raġunijiet ta’ ordni pubbliku, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika. Il-garanziji huma pprovduti biex ikun assigurat li tali deċiżjonijiet ma jittiħdux għal raġunijiet

ekonomiċi, jikkonformaw mal-prinċipju ta' proporzjonalità u jkunu bbażati fuq l-imġiba personali, fost kunsiderazzjonijiet oħrajn.

Fl-aħħar, id-direttiva tippermetti lill-Istati Membri li jadottaw il-miżuri neċessarji biex jirrifjutaw, itemmu jew jirtiraw kwalunkwe dritt mogħti minn din id-Direttiva fil-każ ta' abbuż tad-drittijiet jew frodi, bħal pereżempju żwiġijiet ta' konvenjenza.

**b.** L-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE

Id-Direttiva kienet miżgħuda bi problemi u kontroversji, u tfaċċat evidenza ta' nuqqasijiet serji fl-implimentazzjoni u ostakli persistenti għall-moviment liberu, kif enfasizzat minn rapporti tal-Kummissjoni u studji tal-Parlament dwar l-applikazzjoni tad-direttiva, proċedimenti ta' ksur kontra Stati Membri għal traspożizzjoni mhux korretta jew mhux kompluta, il-volum kbir ta' petizzjonijiet li tressqu quddiem il-Parlament u l-volum konsiderevoli ta' każijiet quddiem il-QĠUE. Il-kritika mqajma minn xi Stati Membri fl-2013-2014 dwar l-allegat abbuż tar-regoli dwar il-moviment liberu miċ-ċittadini tal-UE għall-finijiet ta' "turiżmu għall-benefiċċji" wasslet għal diskussjonijiet fil-livell tal-UE dwar riformi possibbli, li sadanittant twarrbu wara d-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-UE.

**c.** Ċittadini ta' pajjiżi terzi

Id-dispożizzjonijiet li japplikaw għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex membri tal-familja ta' ċittadin tal-UE huma spjegati hawn (4.2.3).

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament ilu jiġġieled bil-qawwa favur ir-rispett tad-dritt għall-moviment liberu, li huwa jqis bħala prinċipju ewlieni tal-Unjoni Ewropea. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2014 dwar ir-rispett tad-dritt fundamentali tal-moviment liberu fl-UE, il-Parlament irrifjuta sforzi biex jitnaqqsu d-drittijiet tal-moviment liberu u talab lill-Istati Membri biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar ir-regoli tal-UE li jirregolaw il-libertà tal-moviment u jiżguraw ir-rispett tal-prinċipji tal-ugwaljanza u d-dritt fundamentali tal-libertà tal-moviment fl-Istati Membri kollha. Fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Marzu 2017 dwar ostakli għal-libertà taċ-ċittadini tal-UE li jiċċaqilqu u jaħdmu fis-suq intern, u tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE tal-istess sena, il-Parlament talab għal darb'oħra t-tneħħija tal-ostakli għad-dritt tal-moviment liberu. Id-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea ċaħħad lill-moviment liberu minn wieħed mill-kritiċi ewlenin tiegħu.

Fir-rigward taż-żona Schengen, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2018 dwar ir-rapport annwali dwar il-funzjonament taż-żona Schengen, il-Parlament ikkundanna "t-tkomplija tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-verifiki fil-fruntieri interni" peress li huma ta' "detriment għall-unità taż-żona Schengen u ta' ħsara għall-prosperità taċ-ċittadini Ewropej u għall-prinċipju tal-moviment liberu";

Filwaqt li l-pandemija tal-COVID-19 wasslet biex il-maġġoranza tal-Istati Membri jintroduċu mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni, jagħlqu l-fruntieri u japplikaw restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar minn pajjiżi oħra tal-UE, għalkemm dawn ittaffew parzjalment bl-introduzzjoni taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. F'diversi riżoluzzjonijiet, il-Parlament ripetutament esprima t-tħassib tiegħu u appella għal koordinazzjoni mtejba fil-livell tal-UE u għal ritorn rapidu lejn żona Schengen kompletament funzjonali u riformata.

Aktar reċentement, f’[riżoluzzjoni] adottata f’Ottubru 2022, il-Parlament stieden lill-Kunsill jaqbel mal-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen għall-Bulgarija u r-Rumanija.

Ottavio Marzocchi
04/2023

# 4.1.4. ID-DRITT LI TITRESSAQ PETIZZJONI

Minn kemm ilu fis-seħħ it-Trattat ta’ Maastricht, kull ċittadin tal-UE u r-residenti fiżiċi jew ġuridiċi kollha li jirrisjedu fl-Istati Membri għandhom id-dritt iressqu petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew, fil-forma ta’ lment jew talba rigward kwistjoni li tikkonċerna wieħed mill-oqsma ta’ kompetenza tal-Unjoni Ewropea. Il-petizzjonijiet jiġu eżaminati mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament, li jieħu deċiżjoni dwar l-ammissibilità tagħhom u huwa inkarigat mill-ipproċessar tagħhom.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 20, 24 u 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Artikolu 44 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

## L-OBJETTIVI

Id-dritt li titressaq petizzjoni għandu l-għan li joffri liċ-ċittadini u lir-residenti tal-UE mod sempliċi kif jikkomunikaw mal-istituzzjonijiet tal-UE biex iressqu lmenti jew talbiet għal azzjoni.

## IL-KISBIET

**A.** Eliġibilità u rekwiżiti (l-Artikolu 227 tat-TFUE)

Id-dritt li titressaq petizzjoni huwa miftuħ għal kwalunkwe ċittadin tal-UE u għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, individwalment jew flimkien ma’ persuni oħra.

Biex ikunu ammissibbli, il-petizzjonijiet għandhom jikkonċernaw suġġetti li jaqgħu fl-oqsma ta’ kompetenza tal-UE u jkunu jikkonċernaw lill-petizzjonanti b’mod dirett. Il-kundizzjoni tal-aħħar hija interpretata b’mod wiesa’ ħafna.

**B.** Proċedura

Il-proċedura biex jiġu ttrattati l-petizzjonijiet hija stabbilita fl-Artikoli 226 sa 230 u l-Anness VI (XX) tar-Regoli ta’ Proċedura tal-Parlament, li jikkonferixxu r-responsabilità fuq kumitat parlamentari, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet.

**1.** Rekwiżiti formali

Il-petizzjonijiet għandhom jinkludu l-isem, in-nazzjonalità u l-indirizz ta’ kull wieħed mill-petizzjonanti u għandhom jinkitbu b’waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE. Jistgħu jitressqu jew b’mezzi elettroniċi permezz tal-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament jew bil-posta fuq karta.

**2.** Ammissibilità materjali

Il-petizzjonijiet li jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti formali jintbagħtu lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li qabelxejn irid jiddeċiedi jekk il-petizzjonijiet ikunux ammissibbli jew le. Il-Kumitat jagħmel dan billi jivverifika li s-suġġett jaqa’ fl-oqsma ta’ kompetenza tal-UE. Meta dan ma jkunx il-każ, il-petizzjoni tiġi ddikjarata inammissibbli. Il-petizzjonant jiġi mgħarraf bid-deċiżjoni u bir-raġunijiet għaliha. Il-petizzjonanti sikwit jiġu mħeġġa jikkuntattjaw entità nazzjonali, tal-UE jew internazzjonali oħra. Ir-raġuni ewlenija li

minħabba fiha l-petizzjonijiet jiġu ddikjarati inammissibbli hija li hemm konfużjoni min-naħa tal-petizzjonanti fir-rigward tal-kompetenzi, ir-responsabbiltajiet u l-possibbiltajiet ta' azzjoni u rimedju tal-UE u dawk tal-Istati Membri u ta' organizzazzjonijiet u entitajiet internazzjonali oħra (bħan-NU u l-Kunsill tal-Ewropa), anke fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

**3.** Eżami tal-petizzjonijiet

Skont iċ-ċirkustanzi, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jista' jieħu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:

— Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea twettaq investigazzjoni preliminari dwar petizzjoni u tipprovdi informazzjoni dwar il-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE;

— Jirreferi l-petizzjoni lil kumitati oħra tal-Parlament għal informazzjoni jew għal azzjoni ulterjuri (kumitat jista', pereżempju, jagħti opinjoni lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, jiddiskuti jew jikkunsidra petizzjoni fl-attivitajiet leġiżlattivi, ta' politika jew ta' skrutinju tiegħu);

— Jekk il-petizzjoni tkun dwar każ speċifiku li jkun jeħtieġ attenzjoni individwali, il-Kumitat jista' jikkuntattja lill-istituzzjonijiet jew lill-awtoritajiet kompetenti jew jintervjeni permezz tar-rappreżentanza permanenti tal-Istat Membru kkonċernat biex jindirizza l-kwistjoni;

— Jieħu kwalunkwe azzjoni oħra kkunsidrata xierqa biex jipprova jsolvi kwistjoni jew biex jagħti tweġiba xierqa għall-petizzjoni.

Il-Kumitat jiddeċiedi wkoll jekk jinkludix il-petizzjonijiet fl-aġenda tal-laqgħat tiegħu. F'dan il-każ, jiġu mistiedna l-petizzjonant, il-Kummissjoni u rappreżentanti tal-Istat Membru. Waqt din il-laqgħa, il-petizzjonanti - jekk ikunu jridu - jippreżentaw il-petizzjoni tagħhom, il-Kummissjoni tagħti l-opinjoni tagħha oralment u tikkummenta dwar it-tweġiba bil-miktub tagħha għall-kwistjoni mqajma fil-petizzjoni, u r-rappreżentanti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu jiġu mistiedna jitkellmu. Il-Membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet imbagħad ikollhom l-opportunità li jiskambjaw fehmiet dwar il-kwistjonijiet imqajma matul id-dibattitu u li jipproponu azzjonijiet oħra li jistgħu jittieħdu.

F'każijiet speċifiċi, il-Kumitat jista' jiddeċiedi li jorganizza seduta ta' smigħ jew workshop, iwettaq żjara ta' ġbir ta' informazzjoni fil-pajjiż jew fir-reġjun ikkonċernat, jadotta rapport tal-missjoni li jkun fih l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, jew iħejji u jressaq rapport sħiħ jew mozzjoni għal riżoluzzjoni qasira li għandu jittieħed vot dwarhom mill-Parlament fis-sessjoni parzjali. Jista' jiddeċiedi wkoll li jressaq mistoqsijiet orali lill-Kummissjoni u/jew lill-Kunsill u li jorganizza dibattitu fis-sessjoni parzjali.

Jekk petizzjoni tikkonċerna kwistjoni ta' interess ġenerali li tiżvela traspożizzjoni jew applikazzjoni inkorretta tad-dritt tal-UE, tista' twassal biex il-Kummissjoni tieħu azzjoni fil-konfront tal-Istat Membru kkonċernat, anke permezz ta' proċedimenti ta' ksur.

**4.** Għeluq

Petizzjoni tista' tingħalaq mill-Kumitat f'diversi stadji tal-proċedura, pereżempju wara li l-Kumitat ikun ħa deċiżjoni dwar l-ammissibilità, wara diskussjoni f'laqgħa tal-Kumitat, meta ma tkunx tista' tittieħed aktar azzjoni rigward il-petizzjoni, meta petizzjoni tiġi rtirata mill-petizzjonant, jew meta l-petizzjonant ma jweġibx sal-iskadenza speċifikata għal talba għal aktar informazzjoni.

**5.** Trasparenza

Il-petizzjonijiet imressqa quddiem il-Parlament isiru dokumenti pubbliċi. Is-sommarji tal-petizzjonijiet jiġu ppubblikati bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE fil-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament wara li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ikun ħa deċiżjoni dwar l-ammissibilità, flimkien ma' dokumenti rilevanti oħra.

Il-petizzjonanti jiġu infurmati bil-miktub bid-deċiżjonijiet kollha tal-Kumitat li jikkonċernaw il-petizzjoni tagħhom u bir-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijiet, u jiġu pprovduti l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti, meta dan ikun xieraq, ladarba d-deċiżjonijiet isiru disponibbli.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Skont it-Trattati, il-Parlament huwa d-destinatarju tal-petizzjonijiet u għalhekk għandu r-responsabilità li jiżgura li l-preokkupazzjonijiet espressi f'dawk il-petizzjonijiet jitqiesu bis-sħiħ mill-UE. Biex dan iseħħ bl-aħjar mod possibbli, ta lil kumitat iddedikat, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet, il-kompitu li jittratta l-petizzjonijiet u jikkoordina l-attivitajiet ta' segwitu tal-istituzzjoni. Kif enfasizzat fir-rapporti annwali tiegħu dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat fis-sena preċedenti[1], il-Parlament dejjem qies il-petizzjonijiet bħala element fundamentali tad-demokrazija parteċipattiva. Issottolinja wkoll l-importanza tagħhom fl-iżvelar ta' każijiet ta' traspożizzjoni u implimentazzjoni inkorretti tad-dritt tal-UE mill-Istati Membri. Fil-fatt, għadd ta' petizzjonijiet wasslu għal azzjoni leġiżlattiva jew politika, każijiet EU Pilot, deċiżjonijiet preliminari jew proċedimenti ta' ksur.

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa partikolarment attiv fl-oqsma tad-drittijiet fundamentali (inklużi d-drittijiet tat-tfal, id-diskriminazzjoni, id-drittijiet tal-minoranzi, il-ġustizzja, il-moviment liberu, id-drittijiet tal-vot u l-Brexit), tal-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali, tas-suq intern, tad-drittijiet soċjali, tal-migrazzjoni, tal-ftehimiet kummerċjali u tas-saħħa pubblika. Il-Kumitat b'mod partikolari għandu rwol speċjali fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fi ħdan il-Qafas tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, u jorganizza wkoll workshop annwali dwar kwistjonijiet relatati mad-diżabilità.

Hemm għadd ta' strumenti disponibbli biex jiġi żgurat li l-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet jiġu indirizzati u solvuti: iż-żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni, is-seduti ta' smigħ pubbliku, l-ikkummissjonar ta' studji, Network tal-Petizzjonijiet stabbilit fl-2016 biex tiġi żgurata kooperazzjoni akbar mal-kumitati l-oħra fir-rigward tal-petizzjonijiet, u l-kooperazzjoni u d-djalogu mal-parlamenti u l-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE (b'mod partikolari l-Kummissjoni u l-Ombudsman Ewropew).

Fl-2014, il-Parlament nieda wkoll il-Portal Web għall-Petizzjonijiet, li tejjeb il-profil pubbliku u t-trasparenza tal-petizzjonijiet. Il-portal jippermetti l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, il-persuni fiżiċi u r-residenti legali fl-UE, li jistgħu jinteraġixxu wkoll mal-UE permezz tal-portal, inkluż billi jappoġġaw petizzjoni ammissibbli[2]. Il-Portal Web għall-

---

[1]Ir-rapporti annwali dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jinkludu informazzjoni dwar l-għadd ta' petizzjonijiet li rċieva, il-format, l-istatus, l-eżitu, il-pajjiż, il-lingwa, iċ-ċittadinanza u s-suġġett tagħhom; il-portal; ir-relazzjonijiet mal-Kummissjoni, mal-Kunsill u mal-Ombudsman; iż-żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni, is-seduti ta' smigħ pubbliku, l-istudji kkummissjonati u kwistjonijiet ewlenin oħra.
[2]Għal aktar informazzjoni dwar il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-attivitajiet tiegħu, ara Achievements of the Committee on Petitions during the 2014-2019 parliamentary term and challenges for the future.

Petizzjonijiet tal-Parlament jindika wkoll għadd ta’ alternattivi għall-petizzjonijiet li huma disponibbli għaċ-ċittadini Ewropej.

Georgiana Sandu
10/2023

# 4.1.5. L-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) hija strument importanti tad-demokrazija parteċipattiva fl-UE, li tippermetti lil miljun ċittadin li joqogħdu fi kwart tal-Istati Membri jistiednu lill-Kummissjoni tressaq proposta għal att legali biex jiġu implimentati t-Trattati tal-UE. Sa mill-applikazzjoni ta' Regolament tal-2011 li jistabbilixxi l-proċeduri dettaljati għall-IĊE, għaxar inizjattivi tressqu b'suċċess quddiem il-Kummissjoni. Minn Jannar 2020, bdew japplikaw regoli ġodda biex l-IĊE ssir aktar aċċessibbli.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

- L-Artikolu 11(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE);
- L-Artikolu 24(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);
- Ir-Regolamenti (UE) Nru 211/2011 u (UE) 2019/788;
- L-Artikoli 222 u 230 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

## L-ISFOND

L-inizjattivi taċ-ċittadini huma strumenti disponibbli għaċ-ċittadini fil-maġġoranza tal-Istati Membri, kemm fil-livell nazzjonali, kif ukoll f'dak reġjonali jew lokali, għalkemm ivarjaw sew fl-ambitu u fil-proċedura. Il-kunċett taċ-ċittadinanza tal-UE, li minnu ħarġet l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE), kien introdott għall-ewwel darba fit-Trattat ta' Maastricht (1.1.3). Lura fl-1996, qabel il-Konferenza Intergovernattiva ta' Amsterdam, il-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Awstrija u tal-Italja pproponew li jiddaħħal id-dritt għaċ-ċittadini li jressqu inizjattivi bħal dawn flimkien mad-dritt li jressqu petizzjoni lill-Parlament Ewropew, iżda l-proposta ma ntlaqgħetx mill-Konferenza. Dispożizzjonijiet għal inizjattiva taċ-ċittadini simili ħafna għar-reġim attwali kienu oriġinarjament inklużi fl-abbozz tat-Trattat Kostituzzjonali. Għalkemm il-Praesidium tal-Konvenzjoni rrifjuta l-inklużjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet fit-test finali, l-isforzi miftiehma min-naħa tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ppermettew li dawn jinżammu. Wara l-falliment tal-proċess ta' ratifika tat-Trattat Kostituzzjonali, reġgħu ddaħħlu dispożizzjonijiet simili fl-abbozzar tat-Trattat ta' Liżbona.

Illum il-ġurnata, id-dritt li titressaq inizjattiva taċ-ċittadini huwa minqux fit-Titolu II tat-TUE (id-dispożizzjonijiet dwar il-prinċipji demokratiċi). L-Artikolu 11(4) tat-TUE jistabbilixxi l-qafas bażiku għal dak id-dritt, u l-Artikolu 24(1) tat-TFUE jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għal regolament li jiddefinixxi proċeduri konkreti u kundizzjonijiet dettaljati. Il-proposta għal regolament kienet ir-riżultat ta' konsultazzjoni estensiva[1]. In-negozjati u l-ftehim dwar it-test finali damu bosta xhur – abbozz ta' proposta tressaq quddiem il-Parlament u l-Kunsill fil-31 ta' Marzu 2010, u fil-15 ta' Diċembru 2010 ntlaħaq ftehim politiku, li wassal għall-adozzjoni formali tat-test mill-Parlament u mill-Kunsill fis-16 ta' Frar 2011. Fl-1 ta' April 2011, it-test maqbul mill-Parlament u mill-Kunsill daħal fis-seħħ permezz tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 (ir-Regolament dwar l-IĊE). Minħabba l-għadd ta' adattamenti tekniċi meħtieġa fil-livell tal-Istati Membri biex jiġi stabbilit proċess ta' verifika uniformi, ir-Regolament dwar l-IĊE sar applikabbli biss

[1]Green Paper tal-Kummissjoni (COM(2009)0622).

sena wara. Mill-1 ta’ April 2015, u sal-istess data kull tliet snin ta’ wara, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tressaq rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-IĊE bil-ħsieb li tkun possibbli reviżjoni tar-Regolament. Il-Kummissjoni adottat tali rapporti fil-31 ta’ Marzu 2015 bħala COM(2015)0145 u fit-28 ta’ Marzu 2018 bħala COM(2018)0157. Dawn il-komunikazzjonijiet taw rendikont tas-sitwazzjoni attwali kif ukoll valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-IĊE u elenkaw lista ta’ sfidi identifikati wara l-ewwel sitt snin mill-implimentazzjoni ta’ dan il-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali ġdid. Huma enfasizzaw għadd ta’ nuqqasijiet u qiesu għadd ta’ suġġerimenti li l-Parlament inkluda fir-rapporti tiegħu, flimkien ma’ parti mir-riċerka sostantiva mwettqa fuq l-inizjattiva tiegħu[2].

Meta daħal fis-seħħ ir-Regolament dwar l-IĊE, tqajjem tħassib sinifikanti dwar il-funzjonament tal-istrument. Il-Parlament talab ripetutament biex issir riforma tar-Regolament dwar l-IĊE bil-għan li l-proċeduri jiġu ssimplifikati u jsiru uniformi. Fl-aħħar nett, fit-13 ta’ Settembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġiżlattiva tagħha biex tirrevedi l-IĊE. Wara negozjati interistituzzjonali li saru bejn Settembru u Diċembru 2018, il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim politiku fit-12 ta’ Diċembru 2018. It-test maqbul ġie adottat mill-Parlament fit-12 ta’ Marzu 2019 u mill-Kunsill fid-9 ta’ April. L-att finali ġie ffirmat fis-17 ta’ April u ġie ppubblikat f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 130) fis-17 ta’ Mejju 2019.

Ir-regoli l-ġodda dwar l-IĊE (ir-Regolament (UE) 2019/788) jirrevokaw ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 u ilhom japplikaw mill-1 ta’ Jannar 2020. Id-dritt ta’ tressiq ta’ IĊE għandu jkun separat b’mod ċar mid-dritt ta’ tressiq ta’ petizzjoni, li hi proċedura differenti f’ħafna aspetti sostanzjali. Il-petizzjonijiet jistgħu jitressqu miċ-ċittadini tal-UE jew minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi residenti fl-UE (4.1.4), u jridu jittrattaw kwistjonijiet li jaqgħu taħt qasam ta’ attività tal-UE u li jolqtu lill-petizzjonant b’mod dirett. Il-petizzjonijiet huma indirizzati lill-Parlament fil-kapaċità tiegħu bħala r-rappreżentant dirett taċ-ċittadini fil-livell tal-UE. IĊE hija sejħa diretta għal strument legali speċifiku tal-UE u trid tikkonforma ma’ regoli speċifiċi sabiex tikkwalifika. Barra minn hekk, fl-aħħar mill-aħħar hija indirizzata lill-Kummissjoni, li hija l-unika istituzzjoni li għandha d-dritt tressaq proposti leġiżlattivi. F’dan ir-rigward, l-IĊE hija simili għad-dritt ta’ inizjattiva mogħti lill-Parlament (l-Artikolu 225 tat-TFUE) u lill-Kunsill (l-Artikolu 241 tat-TFUE).

## IL-PROĊEDURA

### A. Il-kumitat taċ-ċittadini

Bħala minimu, hija meħtieġa struttura organizzattiva bażika għal inizjattiva ta’ dan il-kobor. L-ewwel pass fil-ħolqien ta’ IĊE huwa l-istabbiliment ta’ kumitat organizzattiv, imsejjaħ “kumitat taċ-ċittadini”. Dan il-kumitat irid ikun iffurmat minn tal-inqas seba’ persuni residenti f’mill-inqas seba’ Stati Membri differenti (imma mhux neċessarjament ta’ seba’ nazzjonalitajiet differenti) u li għandhom l-età biex jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej. Il-kumitat irid jinnomina rappreżentant u sostitut biex jaġixxu bħala persuni ta’ kuntatt għall-IĊE speċifika.

Għall-kuntrarju tal-proposti tal-Kummissjoni u tal-Parlament, ir-Regolament il-ġdid dwar l-IĊE ma jbaxxix l-età minima biex persuna tappoġġa l-IĊE għal 16-il sena, iżda l-Istati Membri huma liberi li jistabbilixxu l-età minima għal 16, jekk jagħżlu li jagħmlu dan.

[2]“European Citizens’ Initiative – First lessons of implementation”, Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku C – Drittijiet taċ-Ċittadini u Affarijiet Kostituzzjonali (2014).

**B.** Ir-reġistrazzjoni

Qabel ma jibda jiġbor dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mingħand iċ-ċittadini, il-kumitat irid jirreġistra l-inizjattiva mal-Kummissjoni. Dan isir billi jitressaq dokument li jindika t-titlu u s-suġġett, kif ukoll deskrizzjoni qasira tal-inizjattiva, filwaqt li jistabbilixxi l-bażi ġuridika proposta għal azzjoni legali u jipprovdi informazzjoni dwar il-membri tal-kumitat u dwar is-sorsi kollha ta' appoġġ u ta' finanzjament għall-inizjattiva proposta. L-organizzaturi jistgħu jinkludu anness li fih jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata u materjal ieħor, bħal abbozz tad-dokument leġiżlattiv propost.

Il-Kummissjoni għandha xahrejn żmien biex tiddeċiedi tirreġistrax l-inizjattiva proposta. L-inizjattiva ma tiġix irreġistrata jekk ir-rekwiżiti proċedurali ma jkunux ġew issodisfati jew jekk l-inizjattiva proposta ma taqax fil-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni biex tressaq proposta għal att legali għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati. Ir-reġistrazzjoni tista' wkoll tiġi rrifjutata jekk l-inizjattiva tkun manifestament frivola, abbużiva jew vessatorja, jew l-oppost tal-valuri tal-UE kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija miftuħa għal rimedju ġudizzjarju jew ekstraġudizzjarju. L-inizjattivi rreġistrati jiġu ppubblikati fuq il-web portal tal-Kummissjoni.

Sabiex l-IĊE ssir aktar aċċessibbli u biex jiġi żgurat li jiġu rreġistrati kemm jista' jkun inizjattivi, ir-regolament il-ġdid jinkludi wkoll il-possibbiltà li jkun hemm inizjattivi li jiġu rreġistrati parzjalment.

**C.** Il-ġbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ

Meta l-inizjattiva tiġi rreġistrata, l-organizzaturi jistgħu jibdew jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Dan irid isir fi żmien 12-il xahar mir-reġistrazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jistgħu jinġabru fuq il-karta jew elettronikament. Jekk jinġabru elettronikament, is-sistema ta' ġbir online l-ewwel trid tiġi ċċertifikata mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. Ir-regoli dettaljati għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistemi ta' ġbir online huma stabbiliti fir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (ir-Regolament (UE) 2019/1799). Irrispettivament minn jekk id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabrux fuq il-karta jew b'mod elettroniku, huma applikabbli l-istess rekwiżiti tad-data għall-finijiet ta' verifika. Sabiex tiġi kkunsidrata mill-Kummissjoni, l-IĊE trid tiġbor miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ fi żmien 12-il xahar.

Ir-Regolament il-ġdid dwar l-IĊE jippermetti liċ-ċittadini tal-UE jappoġġaw IĊE irrispettivament minn fejn jgħixu. Dan jintroduċi wkoll aktar flessibbiltà fl-għażla tad-data tal-bidu tal-perjodu biex jinġabru l-firem, fi żmien sitt xhur wara r-reġistrazzjoni. Barra minn hekk, dan ikompli jissimplifika r-rekwiżiti tad-data personali għall-firmatarji tal-IĊE. Madankollu, l-Istati Membri xorta jitħallew jirrikjedu li l-firmatarji jipprovdu n-numri ta' identità sħaħ tagħhom.

Barra minn hekk, ir-regolament il-ġdid jistabbilixxi l-obbligu tal-Kummissjoni li tistabbilixxi u topera sistema ta' ġbir online ċentrali u li telimina b'mod gradwali s-sistemi ta' ġbir individwali wara l-2022.

Fl-aħħar nett, fuq l-insistenza tal-Parlament, ir-regolament il-ġdid jipprevedi appoġġ imsaħħaħ għall-organizzaturi tal-IĊE permezz ta' punti ta' kuntatt f'kull Stat Membru u pjattaforma kollaborattiva online li toffri informazzjoni u assistenza, appoġġ prattiku u pariri legali dwar l-IĊE.

**D.** Il-verifika u ċ-ċertifikazzjoni

Wara li jkun inġabar l-għadd meħtieġ ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ minn għadd suffiċjenti ta' Stati Membri, l-organizzaturi jridu jressqu d-dikjarazzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li għandhom il-kompitu li jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ikkompilati mill-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri. L-awtoritajiet inkarigati b'dan il-kompitu ġeneralment ikunu l-Ministeri tal-Intern, il-kummissjonijiet elettorali jew ir-reġistri tal-popolazzjoni. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom tliet xhur biex jiċċertifikaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, iżda mhumiex meħtieġa li jaraw li l-firem ikunu awtentiċi.

**E.** Is-sottomissjoni u l-eżami

F'dan l-istadju, l-organizzaturi jintalbu jissottomettu ċertifikati rilevanti mill-awtoritajiet nazzjonali dwar l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, u jridu jipprovdu informazzjoni dwar il-finanzjament riċevut minn kwalunkwe sors. Fil-prinċipju, il-kontribuzzjonijiet li jaqbżu EUR 500 jridu jiġu ddikjarati.

Wara li tkun irċeviet is-sottomissjoni, il-Kummissjoni trid tippubblikaha immedjatament f'reġistru, u tiltaqa' mal-organizzaturi fil-livell xieraq biex tippermettilhom jispjegaw id-dettalji tat-talba tagħhom. Wara skambju ta' fehmiet mal-Kummissjoni, l-organizzaturi jingħataw l-opportunità li jippreżentaw l-inizjattiva f'seduta ta' smigħ pubbliku organizzata mill-Parlament. Is-seduta ta' smigħ tiġi organizzata mill-kumitat responsabbli mis-suġġett tal-IĊE (l-Artikolu 222 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament).

Ir-Regolament il-ġdid dwar l-IĊE jestendi l-perjodu ta' żmien li fih il-Kummissjoni hija meħtieġa li twieġeb għal inizjattiva valida minn tliet xhur għal sitt xhur. F'komunikazzjoni li tistabbilixxi l-konklużjonijiet legali u politiċi tagħha fuq kull inizjattiva, il-Kummissjoni trid tipprovdi lista formali ta' azzjonijiet li biħsiebha tieħu u skeda ta' żmien ċara għall-implimentazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, fi sforz biex tiġi żgurata trasparenza sħiħa, ir-regolament jirrikjedi li l-organizzaturi jirrapportaw b'mod regolari dwar is-sorsi ta' finanzjament u ta' appoġġ ieħor ipprovdut. Huwa wkoll rekwiżit għall-Kummissjoni li tagħmel formola ta' kuntatt disponibbli fuq is-sit web tar-reġistru u fuq is-sit web pubbliku tal-IĊE sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jippreżentaw ilment relatat mal-kompletezza u l-korrettezza ta' tali informazzjoni.

Ir-rwol tal-Parlament jissaħħaħ aktar permezz tar-Regolament il-ġdid dwar l-IĊE u l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura tiegħu. Sabiex jissaħħaħ l-impatt politiku tal-inizjattivi ta' suċċess, wara s-seduta ta' smigħ pubbliku, il-Parlament jista' jorganizza dibattitu fil-plenarja u jadotta riżoluzzjoni sabiex jivvaluta l-appoġġ politiku għall-inizjattiva. Fl-aħħar nett, il-Parlament se jiskrutinizza l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni b'reazzjoni għall-inizjattiva, li jkunu deskritti wkoll f'komunikazzjonijiet speċifiċi tal-Kummissjoni.

## L-INIZJATTIVI FIS-SEĦĦ

Sal-lum, għaxar IĊE laħqu n-numru meħtieġ ta' firem (Right2Water, One of Us, Stop Vivisection, Ban Glyphosate, Minority SafePack, End the Cage Age, Save bees and farmers, Stop finning – stop the trade, Save cruelty-free cosmetics, u Fur Free Europe) u ġew sottomessi lill-Kummissjoni. Il-Parlament organizza seduti ta' smigħ mar-rappreżentanti tal-inizjattivi. Il-Kummissjoni pprovdiet tweġiba għal dawn billi stabbiliet il-konklużjonijiet legali u politiċi tagħha. Minn meta ġiet varata l-IĊE, il-Kummissjoni rreġistrat total ta' 103 inizjattivi.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

L-istrument tal-IĊE kien ta' interess kbir għall-Parlament. Qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, il-Parlament adotta riżoluzzjoni li kien fiha proposta dettaljata għall-implimentazzjoni tal-IĊE. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, il-Parlament kien involut b'mod attiv fin-negozjati tar-Regolament dwar l-IĊE. Il-Parlament ikkontribwixxa b'suċċess biex l-IĊE ssir strument tad-demokrazija parteċipattiva aktar faċli u aċċessibbli għaċ-ċittadini. Fost l-oħrajn, kiseb tnaqqis fl-għadd minimu ta' Stati Membri li minnhom iridu jinkisbu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal kwart; il-Parlament insista li l-verifika ta' ammissibbiltà trid titwettaq fl-istadju ta' qabel ir-reġistrazzjoni; u insista li jkun hemm dispożizzjonijiet li jippermettu li ċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-UE, irrispettivament min-nazzjonalità, jingħataw id-dritt li jiffirmaw IĊE.

Il-Parlament għamel għadd ta' appelli politiċi biex il-proċeduri ta' tmexxija ta' IĊE jiġu ssimplifikati u jsiru uniformi, kif ukoll sabiex jissaħħaħ l-impatt tagħha. Il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar il-proċess ta' rieżami ta' IĊE fit-28 ta' Ottubru 2015, li fiha jappella, fost l-oħrajn, għal reviżjoni tar-regolament bil-ħsieb li jissimplifika r-rekwiżiti tad-data personali u jipprovdi finanzjament li jappoġġa l-organizzazzjoni ta' IĊE. Fl-2017, il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali nieda rapport leġiżlattiv fuq inizjattiva proprja bl-għan li titwettaq reviżjoni ġenwina tar-Regolament dwar l-IĊE. F'Settembru 2017, abbażi tat-talbiet tal-Parlament u ta' konsultazzjoni pubblika, il-Kummissjoni eventwalment ħarġet il-proposta tagħha għal regolament ġdid dwar l-IĊE. Fl-20 ta' Ġunju 2018, il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali adotta r-rapport tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni, li kienet imbagħad segwita mill-vot fil-plenarja fil-5 ta' Lulju 2018 biex jinbdew negozjati interistituzzjonali dwar ir-Regolament il-ġdid dwar l-IĊE.

Fit-12 ta' Diċembru 2018, il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim politiku. Wara r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Marzu u l-approvazzjoni tal-Kunsill fid-9 ta' April, l-att finali ġie ffirmat fis-17 ta' April 2019 u ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fis-17 ta' Mejju 2019. Ir-regoli l-ġodda dwar l-IĊE (ir-Regolament (UE) 2019/788) jirrevokaw ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 u ilhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020.

Ir-Regolament il-ġdid dwar l-IĊE jagħmel l-IĊE aktar aċċessibbli, inqas burokratika u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u s-sostenituri, filwaqt li jiżgura is-segwitu robust tagħha.

Fil-15 ta' Lulju 2020, il-Parlament u l-Kunsill adottaw miżuri temporanji biex jindirizzaw l-effetti tal-pandemija COVID-19 fuq l-implimentazzjoni tal-IĊE. Ir-regoli l-ġodda jippermettu estensjoni tal-perjodi għall-ġbir tal-inizjattivi taċ-ċittadini affettwati mill-pandemija.

Fit-3 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex testendi l-perjodu għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-IĊE; it-tul massimu tal-perjodu għall-ġbir ġie estiż sal-31 ta' Diċembru 2022.

Fit-13 ta' Ġunju 2023, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

Alessandro Davoli
10/2023

# 4.2. SPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

# 4.2.1. SPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA: L-ASPETTI ĠENERALI

It-Trattati jagħtu importanza kbira lill-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Fl-2009, ġew introdotti diversi karatteristiċi ġodda importanti: proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti u demokratika li sservi ta' tweġiba għall-abolizzjoni tal-istruttura l-qadima ta' pilastri; setgħat akbar għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE; u rwol ġdid għall-parlamenti nazzjonali. Id-drittijiet bażiċi huma msaħħa mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea legalment vinkolanti.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Dan l-Artikolu, li jistabbilixxi l-objettivi ewlenin tal-UE, jagħti importanza akbar lill-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (AFSJ) milli t-Trattat preċedenti ta' Nizza, peress li dan l-objettiv issa jiġi ċċitat saħansitra qabel dak tal-istabbiliment ta' suq intern.

It-Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) – l-Artikoli 67 sa 89–huwa dedikat għall-AFSJ. Minbarra d-dispożizzjonijiet ġenerali, dan it-titolu fih kapitoli speċifiċi dwar:

— il-politiki dwar il-kontrolli fil-fruntieri, l-ażil u l-immigrazzjoni;

— il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili;

— il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali;

— il-kooperazzjoni tal-pulizija[1].

Id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V tat-TFUE (L-"esklużjoni fakultattiva" skont il-Protokoll 22 – jeżenta lid-Danimarka milli tipparteċipa fil-politika). Madankollu, ilha timplimenta l-acquis ta' Schengen mill-2001 fuq bażi intergovernattiva. Fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u r-regoli li jirregolaw liema qrati għandhom ġuriżdizzjoni f'tilwim legali ta' natura ċivili jew kummerċjali bejn individwi residenti fi Stati Membri differenti (ir-Regolament "Brussell I"), fid-19 ta' Ottubru 2005, ir-Renju tad-Danimarka u l-UE kkonkludew ftehim dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali. Skont l-Artikolu 3(2) tal-ftehim, kull meta jiġu adottati emendi, id-Danimarka jeħtiġilha tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk timplimentax jew le l-kontenut ta' tali emendi. L-Irlanda tipparteċipa biss fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi wara deċiżjoni ta' "inklużjoni fakultattiva" (Protokoll Nru 21).

Minbarra dawk id-dispożizzjonijiet, għandha ssir referenza wkoll għal artikoli oħra li huma marbutin b'mod inseparabbli mal-ħolqien ta' AFSJ. Dawn jinkludu l-Artikolu 6 tat-TUE dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali[2], l-Artikolu 8 tat-TFUE dwar l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi, l-Artikolu 15(3) tat-TFUE dwar l-aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet, l-Artikolu 16 tat-TFUE dwar il-protezzjoni tad-data

[1]Ara l-Iskedi Informattivi 4.2.2, 4.2.3, 4.2.5, 4.2.6, 4.2.7
[2]Ara l-Iskeda Informattiva 4.1.2

personali[3], u l-Artikoli 18 sa 25 tat-TFUE dwar in-nondiskriminazzjoni u ċ-ċittadinanza tal-Unjoni[4]. Iżda t-TFUE introduċa wkoll għadd ta' "klawżoli ta' brejk" għal meta Stat Membru jqis li l-abbozz ta' leġiżlazzjoni jaffettwa aspetti fundamentali tas-sistema tal-ġustizzja kriminali tiegħu (l-Artikolu 82(3) tat-TFUE), u regoli minimi komuni rigward id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet għal reati partikolarment serji b'dimensjoni transfruntiera (l-Artikolu 83(3) tat-TFUE). Il-mod kif dan jaħdem fil-prattika huwa kif ġej: Abbozz ta' direttiva jiġi ppreżentat lill-Kunsill Ewropew u l-proċedura leġiżlattiva ordinarja tiġi sospiża. Jekk jintlaħaq kunsens, il-Kunsill Ewropew, fi żmien erba' xhur, jirreferi l-abbozz lura lill-Kunsill, li jtemm is-sospensjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

## L-OBJETTIVI

L-objettivi għall-AFSJ huma stabbiliti fl-Artikolu 67 tat-TFUE:

— "L-Unjoni għandha tikkonsisti fi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali u s-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri.

— L-Unjoni għandha tassigura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fil-fruntieri interni u għandha tiżviluppa politika komuni dwar l-asil, l-immigrazzjoni u l-kontroll fil-fruntieri esterni ibbażata fuq is-solidarjetà bejn l-Istati Membri, li tkun ġusta lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Għall-finijiet ta' dan it-titolu, persuni apolidi għandhom jiġu trattati bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi.

— L-Unjoni għandha tagħmel ħilitha sabiex tassigura livell għoli ta' sigurtà permezz ta' miżuri ta' prevenzjoni u ta' ġlieda kontra l-kriminalità, ir-razziżmu u l-ksenofobija, permezz ta' miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pulizija u ġudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħrajn, kif ukoll permezz tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali u, jekk meħtieġ, permezz tal-approssimazzjoni ta' liġijiet kriminali.

— L-Unjoni għandha tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari permezz tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili".

## IL-KISBIET

### A. Il-karatteristiċi ġodda prinċipali introdotti mit-Trattat ta' Liżbona

#### 1. Proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti u aktar demokratika

It-Trattat ta' Liżbona abolixxa t-tielet pilastru, li kien ibbażat fuq il-kooperazzjoni intergovernattiva, u b'hekk il-metodu tal-Komunità ġie ġeneralizzat fl-AFSJ. Bħala regola, il-proposti leġiżlattivi issa jiġu adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu 294 tat-TFUE. Il-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, u l-Parlament Ewropew, bħala koleġiżlatur, jagħti l-opinjoni tiegħu permezz tal-proċedura ta' kodeċiżjoni.

#### 2. Rwol ġdid għall-parlamenti nazzjonali

L-Artikolu 12 tat-TUE u l-Protokolli Nru 1 u Nru 2 jistabbilixxu r-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE. Il-parlamenti nazzjonali issa għandhom tmien ġimgħat biex fihom jeżaminaw kwalunkwe proposta leġiżlattiva fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

[3]Ara l-Iskeda Informattiva 4.2.8
[4]Ara l-Iskeda Informattiva 4.1.1

sakemm dak il-perjodu jkun skada, ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni fil-livell tal-UE dwar dik il-proposta. Fir-rigward tal-AFSJ, jekk kwart mill-parlamenti nazzjonali jitolbuha, proposta trid tiġi rieżaminata (l-Artikolu 7(2) tal-Protokoll Nru 2).

Proċedimenti għal annullament jistgħu jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà jinkiser b'att leġiżlattiv.

Il-parlamenti nazzjonali huma involuti fl-evalwazzjoni tal-Eurojust u l-Europol (l-Artikoli 85 u 88 tat-TFUE).

**3.** Setgħat akbar għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[5]

Il-Qorti tal-Ġustizzja issa tista' tagħti deċiżjonijiet preliminari, mingħajr restrizzjoni, dwar l-aspetti kollha tal-AFSJ. Wara t-tmiem ta' perjodu tranżitorju ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona (jiġifieri mill-1 ta' Diċembru 2014), l-atti adottati fil-qafas tat-Trattat preċedenti fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali jistgħu wkoll ikunu s-suġġett ta' tali proċedimenti. L-istess sistema tapplika fir-rigward ta' proċedimenti għal inadempjenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (Protokoll Nru 36).

**4.** Rwol aktar prominenti għall-Kummissjoni

Il-fatt li l-Kummissjoni tista' tressaq proċedimenti għal nuqqas li jiġi ssodisfat obbligu fil-konfront tal-Istati Membri li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-AFSJ huwa karatteristika ġdida importanti li tagħti setgħa ġdida f'termini tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

**5.** L-involviment potenzjali tal-Istati Membri fl-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika tal-AFSJ

L-Artikolu 70 tat-TFUE jiddisponi li l-Kunsill jista', fuq proposta tal-Kummissjoni, jadotta miżuri li jistabbilixxu l-arranġamenti li permezz tagħhom l-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, jagħmlu valutazzjoni oġġettiva u imparzjali tal-implimentazzjoni, mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, tal-politiki fil-qasam tal-AFSJ.

**B.** Ir-rwol ta' ppjanar tal-Kunsill Ewropew

B'mod parallel mal-evoluzzjoni marbuta mat-Trattati suċċessivi, ir-rwol tal-Kunsill Ewropew għandu jkun partikolarment enfasizzat f'dak li jikkonċerna l-iżviluppi u l-progress li saru fid-diversi oqsma tal-AFSJ.

Il-Kunsill Ewropew ta' Tampere f'Ottubru 1999 inkluda laqgħa speċjali biex jiġi diskuss kif jista' jiġi stabbilit spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja billi jiġu sfruttati għalkollox il-possibbiltajiet offruti mit-Trattat ta' Amsterdam.

F'Novembru 2004, il-Kunsill Ewropew adotta pjan ta' azzjoni ġdid fuq ħames snin, il-Programm ta' The Hague.

Fl-10 u l-11 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill Ewropew adotta l-Programm ta' Stokkolma. Dan il-programm pluriennali għall-perjodu mill-2010 sal-2014 iffoka fuq l-interessi u l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u ta' persuni oħra li l-UE għandha responsabbiltà fil-konfront tagħhom.

It-Trattat ta' Liżbona jirrikonoxxi formalment ir-rwol preeminenti tal-Kunsill Ewropew li "jiddefinixxi l-linji gwida strateġiċi għal ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja" (l-Artikolu 68 tat-TFUE). F'Ġunju 2014, il-Kunsill Ewropew

[5]Ara l-Iskeda Informattiva 1.3.10

iddefinixxa dawn il-linji gwida għas-snin ta’ wara. Dawn il-linji gwida huma konformi mal-prijoritajiet stabbiliti fl-aġenda strateġika għall-UE, li ġiet adottata wkoll f’Ġunju 2014.

**C.** L-istabbiliment ta’ korpi speċifiċi għall-ġestjoni tal-AFSJ: l-aġenziji

Ġew stabbiliti diversi aġenziji biex jikkontribwixxu għall-ġestjoni tal-politiki f’ċertu numru ta’ oqsma importanti tal-AFSJ: il-Europol, għall-kooperazzjoni tal-pulizija; l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL); il-Eurojust, għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali; l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), li tittratta d-drittijiet fundamentali u d-diskriminazzjoni; iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA); l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), li hija responsabbli għall-koordinazzjoni tal-kontroll tal-fruntieri esterni; l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil (EUAA); L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)[6] u l-Aġenzija tal-UE għat-Tmexxija Operattiva ta’ Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA).

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament għandu firxa ta’ għodod u setgħat li jagħtuh il-kapaċità li jaqdi r-rwol tiegħu bis-sħiħ:

- Kompetenza leġiżlattiva sal-punt li, minn meta daħal fis-seħħ it-Trattat ta’ Lizbona fl-2009, il-Parlament jaġixxi bħala koleġiżlatur skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Din saret ir-regola ġenerali, iżda b’għadd ta’ eċċezzjonijiet. Dawn jinkludu miżuri maħsuba biex jiżguraw “kooperazzjoni amministrattiva bejn is-servizzi kompetenti tal-Istati Membri” (l-Artikolu 74 tat-TFUE), li għadhom soġġetti għal “proċedura leġiżlattiva speċjali” bil-Kunsill li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni jew ta’ kwart tal-Istati Membri, u wara konsultazzjoni mal-Parlament. Barra minn hekk, tapplika proċedura leġiżlattiva speċjali (il-Kunsill jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament) fir-rigward ta’ miżuri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet għall-kooperazzjoni tal-pulizija (l-Artikolu 89 tat-TFUE) jew dispożizzjonijiet dwar il-passaporti, il-karti tal-identità u l-permessi ta’ residenza (l-Artikolu 77(3) tat-TFUE);
- Kompetenza baġitarja, peress li l-Parlament Ewropew jiddetermina l-baġit tal-UE b’mod konġunt mal-Kunsill għal programmi fil-qasam tal-AFSJ;
- Skrutinju tal-attivitajiet tal-aġenziji tal-UE li joperaw f’dan il-qasam ta’ politika, pereżempju billi jintbagħtu delegazzjonijiet fl-Istati Membri jew fil-fruntieri esterni tal-UE sabiex jidentifikaw il-problemi u biex jivverifikaw kif il-leġiżlazzjoni adottata fil-livell tal-UE qed tiġi implimentata;
- Is-setgħa li jitressqu proċedimenti għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-Parlament Ewropew eżerċita, pereżempju, sabiex jitlob l-annullament ta’ ċerti dispożizzjonijiet ta’ atti leġiżlattivi;
- Is-setgħa ta’ inizjattiva politika, li l-Parlament jeżerċita bl-adozzjoni ta’ rapporti fuq inizjattiva proprja u riżoluzzjonijiet dwar suġġetti li jagħżel li jindirizza;

Il-prijoritajiet ewlenin enfasizzati b’mod kostanti mill-Parlament matul is-snin li għaddew jistgħu jiġu deskritti fil-qosor kif ġej:

[6]Ara l-Iskeda Informattiva 4.2.6

— Ir-rikonoxximent u l-kunsiderazzjoni tal-importanza dejjem akbar tal-AFSJ fil-kuntest tal-iżvilupp tal-UE;

— L-abolizzjoni tat-tielet pilastru u l-integrazzjoni tal-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proċeduri u l-leġiżlazzjoni tal-UE sabiex il-Parlament Ewropew ikun jista' jeżerċita għalkollox ir-rwol demokratiku tiegħu fil-proċess leġiżlattiv;

— L-abbandunar tar-regola tal-unanimità fil-Kunsill sabiex jiġi ffaċilitat it-teħid tad-deċiżjonijiet;

— Iż-żamma ta' bilanċ ġust bejn il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u r-residenti u r-rekwiżiti tas-sigurtà u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, u l-iżgurar li dan il-bilanċ ikun rifless fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni;

— It-tisħiħ tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea legalment vinkolanti u l-istabbiliment ta' Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll permezz tal-istabbiliment tal-kumitat ta' inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti, li evalwa kif l-użu ta' spyware kontra ċ-ċittadini tal-UE affettwa l-proċessi demokratiċi u d-drittijiet individwali taċ-ċittadini fl-UE.

Din l-iskeda informattiva tħejjiet mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali.

Udo Bux / Mariusz Maciejewski
11/2023

# 4.2.2. IL-POLITIKA DWAR L-AŻIL

L-għan tal-politika dwar l-ażil tal-UE huwa li toffri status xieraq lil kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadina tal-UE li teħtieġ protezzjoni internazzjonali f'wieħed mill-Istati Membri u li tiżgura konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement[1]. Għal dan il-għan, l-UE qed taħdem bla heda biex tiżviluppa Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— L-Artikoli 67(2), 78 u 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

— L-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

## L-OBJETTIVI

L-UE għandha l-għan li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja bil-għan li toffri status xieraq lill-persuni kollha li mhumiex ċittadini tal-UE li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u biex tiżgura li l-prinċipju ta' non-refoulement jiġi osservat. Din il-politika trid tkun konsistenti mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951 u mal-Protokoll tagħha tal-31 ta' Jannar 1967. La t-TFUE u lanqas il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ma jagħtu definizzjoni tat-termini "ażil" u "rifuġjat", iżda t-tnejn li huma jirreferu b'mod espliċitu għall-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-Protokoll tagħha.

## IL-KISBIET

**A.** Passi 'l quddiem bit-Trattati ta' Amsterdam u Nizza

Bit-Trattat ta' Maastricht tal-1993, il-kooperazzjoni intergovernattiva preċedenti dwar l-ażil iddaħħlet fil-qafas istituzzjonali tal-UE. Bħala l-attur ewlieni, il-Kunsill kellu jinvolvi lill-Kummissjoni fil-ħidma tiegħu u jinforma lill-Parlament dwar l-inizjattivi tiegħu rigward l-ażil; il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ma kellha l-ebda ġuriżdizzjoni fuq kwistjonijiet tal-ażil.

Fl-1999, it-Trattat ta' Amsterdam ta setgħat ġodda lill-istituzzjonijiet tal-UE sabiex ifasslu leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ażil, bl-użu ta' mekkaniżmu istituzzjonali speċifiku: perjodu tranżitorju ta' ħames snin bi dritt ta' inizjattiva kondiviż bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u deċiżjoni b'unanimità fil-Kunsill wara konsultazzjoni mal-Parlament; il-QĠUE kisbet ukoll ġuriżdizzjoni f'każijiet speċifiċi. It-Trattat ta' Amsterdam ippreveda wkoll li, wara din il-fażi inizjali ta' ħames snin, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li għandha tapplika l-proċedura normali ta' kodeċiżjoni u li minn hawn 'il quddiem għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu permezz ta' maġġoranza kwalifikata. Fi tmiem l-2004, il-Kunsill ħa deċiżjoni f'dan is-sens, u l-proċedura ta' kodeċiżjoni (li issa hija magħrufa bħala l-proċedura leġiżlattiva ordinarja) bdiet tapplika mill-2005.

Bl-adozzjoni tal-Programm ta' Tampere f'Ottubru 1999, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li s-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil għandha tiġi implimentata f'żewġ fażijiet: l-

[1]Prinċipju ewlieni tal-liġi internazzjonali dwar ir-refuġjati u d-drittijiet tal-bniedem li jipprojbixxi lill-istati milli jibagħtu individwi lura lejn pajjiż fejn ikun hemm riskju reali li jiġu soġġetti għal persekuzzjoni, tortura, trattament inuman jew degradanti jew kwalunkwe ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem.

adozzjoni ta' standards minimi komuni fuq medda qasira ta' żmien għandha twassal għal proċedura komuni u status uniformi għal dawk li jingħataw ażil validu fl-UE kollha fuq medda ta' żmien aktar twila.

Dan irriżulta fl-"ewwel fażi" tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) mill-1999 sal-2004, fejn ġew stabbiliti kriterji u mekkaniżmi sabiex jiġi determinat liema Stat Membru hu responsabbli biex jeżamina l-applikazzjonijiet għall-ażil (dawn ħadu post il-Konvenzjoni internazzjonali/intergovernattiva ta' Dublin tal-1990), inkluża s-Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' Data Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Ażil (Eurodac) għall-ħżin u t-tqabbil tad-data tal-marki tas-swaba'. Hija ddefiniet ukoll l-istandards minimi komuni li l-Istati Membri kellhom iżommu magħhom b'rabta mal-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil, iddeterminat il-kriterji ta' kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali u n-natura tal-protezzjoni mogħtija, u stabbiliet il-proċeduri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat. Leġiżlazzjoni ulterjuri kopriet il-protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa.

F'Novembru 2004, il-Programm The Hague talab li l-istrumenti u l-miżuri tat-tieni fażi jiġu adottati sa tmiem l-2010, u ġibed l-attenzjoni b'mod partikolari lejn l-ambizzjoni tal-UE li tmur lil hinn mill-istandards minimi u tiżviluppa proċedura unika tal-ażil li tinkludi garanziji komuni u status uniformi għal dawk li jingħataw protezzjoni. Fil-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil tal-2008, din l-iskadenza ġiet posposta għall-2012.

**B.** It-Trattat ta' Liżbona

It-Trattat ta' Liżbona, li daħal fis-seħħ f'Diċembru 2009, biddel is-sitwazzjoni billi ttrasforma l-miżuri dwar l-ażil mill-istabbiliment ta' standards minimi għall-ħolqien ta' sistema komuni li tikkonsisti fi status uniformi u proċeduri uniformi.

Din is-sistema komuni trid tinkludi:

- status uniformi ta' ażil;
- status uniformi ta' protezzjoni sussidjarja;
- sistema komuni ta' protezzjoni temporanja;
- proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' ażil jew ta' protezzjoni sussidjarja uniformi;
- kriterji u mekkaniżmi biex jiġi determinat liema Stat Membru huwa responsabbli biex jeżamina applikazzjoni;
- standards li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet tal-akkoljenza;
- sħubija u kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE.

Minn meta ġie adottat it-Trattat ta' Liżbona 'l hawn, l-Artikolu 80 tat-TFUE ippreveda wkoll, b'mod espliċitu, il-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà, inkluż kwalunkwe piż finanzjarju, bejn l-Istati Membri. L-azzjonijiet tal-UE rigward l-ażil, jekk ikun meħtieġ, għandhom jinkludu miżuri xierqa biex jiżguraw li dan il-prinċipju jiġi segwit. It-trattat biddel ukoll b'mod sinifikanti l-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet tal-ażil, għax permezz tiegħu il-kodeċiżjoni saret il-proċedura standard. Barra minn hekk, l-arranġamenti għas-sorveljanza ġudizzjarja mill-QĠUE ttejbu b'mod sinifikanti. Issa d-deċiżjonijiet preliminari jistgħu jintalbu minn kwalunkwe qorti fi Stat Membru, u mhux mill-qrati nazzjonali tal-aħħar istanza biss, kif kien il-każ qabel. Dan ippermetta lill-QĠUE tiżviluppa korp ikbar ta' ġurisprudenza fil-qasam tal-ażil.

Il-Programm ta' Stokkolma, adottat mill-Kunsill Ewropew fl-10 ta' Diċembru 2009 għall-perjodu 2010-2014, afferma mill-ġdid "l-objettiv li jiġi stabbilit spazju komuni ta' protezzjoni u solidarjetà bbażat fuq proċedura tal-ażil komuni u status uniformi għal dawk li jingħataw protezzjoni internazzjonali". Huwa enfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa li tiġi promossa solidarjetà effettiva ma' dawk l-Istati Membri li jiffaċċjaw pressjonijiet partikolari, u r-rwol ċentrali li għandu jaqdi l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO, attwalment l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)) il-ġdid.

Għalkemm il-Kummissjoni kienet ressqet il-proposti tagħha għat-tieni fażi tas-SEKA sa mill-2008-2009, in-negozjati avvanzaw bil-mod. Għaldaqstant, "it-tieni fażi" tas-SEKA ġiet adottata wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, b'bidla fl-enfasi minn standards minimi għal proċedura komuni tal-ażil abbażi ta' status uniformi ta' protezzjoni.

**C.** L-istrumenti legali ewlenin eżistenti u l-isforzi ta' riforma attwali

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja) ġiet żviluppata bħala qafas għall-ġestjoni ta' influss bil-massa mhux mistenni ta' persuni spostati u biex tipprovdilhom protezzjoni immedjata. L-għanijiet ta' din id-direttiva huma li jitnaqqsu d-disparitajiet bejn il-politiki tal-Istati Membri dwar l-akkoljenza u t-trattament ta' persuni spostati f'sitwazzjoni ta' influss bil-massa, kif ukoll li tiġi promossa s-solidarjetà bejn l-Istati Membri. Din ġiet attivata għall-ewwel darba mill-Kunsill b'reazzjoni għall-invażjoni Russa bla preċedent tal-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022 biex toffri assistenza rapida u effettiva lin-nies li jkunu qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna.

Bl-eċċezzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifika riformulata, li daħlet fis-seħħ f'Jannar 2012, l-atti leġiżlattivi riformulati l-oħra daħlu fis-seħħ biss f'Lulju 2013 (ir-Regolament Eurodac; ir-Regolament Dublin III; id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza; u d-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil), li kien ifisser li d-dewmien fit-traspożizzjoni tagħhom f'nofs Lulju 2015 ħabat fl-eqqel tal-kriżi tal-migrazzjoni. F'Ġunju 2014, il-Kunsill Ewropew fassal il-linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (ara l-Artikolu 68 tat-TFUE) għas-snin ta' wara abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Marzu 2014, filwaqt li bena fuq il-progress miksub mill-Programm ta' Stokkolma. Dawn il-linji gwida jenfasizzaw li t-traspożizzjoni sħiħa u l-implimentazzjoni effettiva tas-SEKA huma prijorità assoluta.

Fid-dawl tal-pressjoni migratorja mill-2014 'l hawn, f'Mejju 2015 il-Kummissjoni ppublikat l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni (4.2.3), li pproponiet għadd ta' miżuri biex tindirizza din il-pressjoni, inkluż l-approċċ hotspot – kondiviż bejn l-EASO (attwalment l-EUAA), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (li qabel kienet il-Frontex) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) – li jinvolvi ħidma fuq il-post mal-Istati Membri l-aktar esposti sabiex malajr jidentifikaw, jirreġistraw u jieħdu l-marki tas-swaba' tal-migranti li jkunu deħlin. L-approċċ hotspot kellu jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' rilokazzjoni ta' emerġenza għal total ta' 160 000 persuna fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. Il-mekkaniżmi ġew proposti mill-Kummissjoni biex tassisti lill-Italja u lill-Greċja, u ġew adottati mill-Kunsill fl-14 u t-22 ta' Settembru 2015, wara konsultazzjoni mal-Parlament. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill aktar tard ġiet ikkonfermata fil-qorti fis-sentenza

tal-QĠUE tas-6 ta' Settembru 2017. Ir-rilokazzjoni hija maħsuba bħala mekkaniżmu biex jitwettaq fil-prattika l-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà kif stabbilit fl-Artikolu 80 tat-TFUE. Madankollu, ir-rati ta' rilokazzjoni kienu aktar baxxi milli mistenni u r-rilokazzjonijiet ġew implimentati bil-mod.

L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tistabbilixxi wkoll passi ulterjuri lejn riforma tas-SEKA, li ġew ippreżentati f'żewġ pakketti ta' proposti leġiżlattivi f'Mejju u f'Lulju 2016 u ġew diskussi bejn il-Parlament u l-Kunsill matul il-leġiżlatura li ntemmet f'Mejju 2019. Madankollu, ma ġie adottat l-ebda att leġiżlattiv matul it-terminu 2014-2019 minħabba fajls li ġew imblukkati fil-Kunsill jew fajls speċifiċi oħra li ġew sospiżi minħabba l-imblukkar ta' fajls konnessi.

Fit-23 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni ħarġet il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, fi sforz biex tagħti bidu ġdid lir-riforma tas-SEKA li kienet imwaħħla. Il-patt għandu l-għan li jsib bilanċ ġdid bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà. Il-Kummissjoni tipproponi li tintegra l-proċedura tal-ażil fil-ġestjoni ġenerali tal-migrazzjoni, billi torbotha mal-iskrinjar minn qabel u mar-ritorn.

L-ewwel proposta ta' riforma li ġiet approvata kienet dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), li ssostitwixxiet l-EASO. L-EUAA ġiet stabbilita permezz tar-Regolament (UE) 2021/2303, li ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fit-30 ta' Diċembru 2021.

F'Settembru 2022, il-Parlament u ħames presidenzi b'rotazzjoni tal-Kunsill iffirmaw pjan direzzjonali konġunt dwar l-organizzazzjoni, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-iskeda ta' żmien għan-negozjati bejn il-koleġiżlaturi dwar is-SEKA u l-Patt Ġdid Ewropew dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Huma impenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien biex jadottaw ir-riforma tar-regoli tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2024.

Fl-aħħar tal-2022 intlaħaq ftehim politiku dwar ir-riforma tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza riformulata, dwar il-proposta għal Qafas tal-UE għar-Risistemazzjoni u dwar il-proposta għal Regolament dwar Standards għall-Kwalifika.

Għaddejjin trilogi bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-fajls li ġejjin: ir-Regolament Eurodac, ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, ir-Regolament dwar l-Iskrinjar, ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, u r-Regolament dwar Sitwazzjonijiet ta' Kriżi u ta' Force Majeure.

Il-Kummissjoni, fir-Rakkomandazzjoni dwar mezzi legali għall-protezzjoni fl-UE tagħha, irrakkomandat li l-Istati Membri jimplimentaw il-wegħdiet tagħhom ta' risistemazzjoni li ma twettqux, u stiednet lill-Istati Membri jintroduċu u jagħmlu użu akbar minn mezzi oħra għall-ammissjoni umanitarja bħar-riunifikazzjoni tal-familja u l-iskemi ta' sponsorizzazzjoni tal-komunità jew privati, kif ukoll mezzi kumplementari marbuta mal-edukazzjoni u x-xogħol.

## D. Id-dimensjoni esterna

L-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità, li ġie adottat fl-2011 mill-Kummissjoni, huwa l-qafas komprensiv tal-politika esterna tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Huwa jiddefinixxi kif l-UE tmexxi d-djalogi tal-politika tagħha u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE, abbażi ta' prijoritajiet definiti b'mod ċar. Huwa integrat fl-azzjoni esterna ġenerali tal-UE u jinkludi l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. L-objettivi ewlenin tiegħu huma li l-migrazzjoni legali tiġi organizzata aħjar, li l-migrazzjoni irregolari tiġi evitata u

miġġielda, li jiġi massimizzat l-impatt tal-iżvilupp tal-migrazzjoni u l-mobbiltà u li tiġi promossa l-protezzjoni internazzjonali.

Il-Kunsill Ewropew u t-Turkija laħqu ftehim f'Marzu 2016 bl-għan li jnaqqsu l-fluss ta' migranti irregolari li jidħlu fl-Ewropa mit-Turkija. Skont id-Dikjarazzjoni UE-Turkija, il-migranti irregolari u l-persuni li jfittxu l-ażil ġodda kollha li jaslu fil-gżejjer Griegi mit-Turkija u li l-applikazzjonijiet tagħhom għall-ażil ikunu ġew iddikjarati inammissibbli għandhom jintbagħtu lura t-Turkija. Barra minn hekk, għal kull Sirjan li jintbagħat lura t-Turkija, Sirjan ieħor għandu jiġi risistemat fl-UE, bi skambju għal-liberalizzazzjoni ulterjuri tal-viża għaċ-ċittadini Torok u l-ħlas ta' €6 biljun fl-ambitu tal-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija, sa tmiem l-2018. Skont l-aħħar Rapport ta' progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tal-Kummissjoni, tas-16 ta' Ottubru 2019, id-dikjarazzjoni kellha rwol ewlieni biex jiġi żgurat li l-isfida tal-migrazzjoni fil-Mediterran tal-Lvant tiġi indirizzata b'mod effettiv. F'Ottubru 2021, il-Kunsill Ewropew appella lit-Turkija biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u mhux diskriminatorja tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija tal-2016, inkluż rigward ir-Repubblika ta' Ċipru. Id-djalogu ta' livell għoli bejn l-UE u t-Turkija dwar il-migrazzjoni sar fit-23 ta' Novembru 2023.

Waħda mill-inizjattivi ewlenin ippreżentati fil-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil kienet il-promozzjoni ta' sħubiji mfassla apposta u ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi mhux tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni. F'Lulju 2023, il-Kummissjoni ffirmat Memorandum ta' Qbil mat-Tuneżija.

Fil-livell globali, f'Settembru 2016 l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti b'mod unanimu adottat id-Dikjarazzjoni ta' New York għar-Rifuġjati u l-Migranti, dikjarazzjoni politika deċiżiva immirata biex ittejjeb il-mod kif il-komunità internazzjonali tirrispondi għall-movimenti ta' rifuġjati u migranti fuq skala kbira u għas-sitwazzjonijiet ta' rifuġjati fit-tul. B'riżultat ta' dan, ġew adottati żewġ patti globali fl-2018, għar-rifuġjati u għal migranti oħra. Id-Dikjarazzjoni ta' New York tistabbilixxi Qafas ta' Rispons Komprensiv għar-Rifuġjati li jistabbilixxi l-azzjonijiet speċifiċi meħtieġa biex titnaqqas il-pressjoni minn fuq il-pajjiżi ospitanti, tissaħħaħ l-awtodipendenza tar-rifuġjati, jiġi estiż l-aċċess għal soluzzjonijiet li jinvolvu l-pajjiżi terzi, u jittejbu l-kundizzjonijiet fil-pajjiżi ta' oriġini li jippermettu r-ritorn sikur u dinjituż tar-rifuġjati. Abbażi ta' dawn l-erba' objettivi ewlenin, fis-17 ta' Diċembru 2018, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti affermat il-Patt Globali dwar ir-Rifuġjati.

## E. Il-finanzjament disponibbli għall-politiki dwar l-ażil

L-istrument ta' finanzjament ewlieni fil-baġit tal-UE fil-qasam tal-ażil huwa l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF). L-allokazzjoni tal-AMIF matul il-baġit fit-tul preċedenti tal-UE (2014-2020), li ħabat mal-kriżi tal-migrazzjoni, żdiedet minn €3.31 biljun għal €6.6 biljun. Għall-baġit fit-tul li jmiss tal-UE għall-perjodu 2021-2027, il-finanzjament reġa' żdied fil-qafas tal-AMIF għal EUR 9.9 biljun, inter alia, sabiex il-migrazzjoni, l-ażil u l-integrazzjoni jiġu ġestiti b'mod effettiv u uman, inkluż l-appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għas-solidarjetà li jintwera permezz tar-risistemazzjoni u r-rilokazzjoni. Strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE bħall-Fond Soċjali Ewropew (2.3.2), il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (2.3.9) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (3.1.2) ukoll jallokaw fondi, l-aktar biex jappoġġjaw l-integrazzjoni tar-rifuġjati u l-migranti, għalkemm is-sehem tal-fondi allokati lilhom mhuwiex ikkunsidrat separatament fil-linji baġitarji u b'hekk mhuwiex ċar.

Bl-istess mod, l-allokazzjoni inizjali lill-EASO (attwalment l-EUAA) għall-2014-2020, żdiedet minn EUR 109 miljun għal EUR 456 miljun. Sabiex ikun lest biex fil-futur jipprovdi appoġġ operazzjonali sħiħ għall-proċeduri tal-ażil, il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) jipprevedi baġit ta’ EUR 1.22 biljun għall-perjodu 2021-2027.

L-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI – Ewropa Globali) ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/947. Dan jiġbor flimkien il-biċċa l-kbira tal-istrumenti ta’ finanzjament estern tal-UE li kienu jeżistu bħala strumenti separati fil-perjodu baġitarju preċedenti (2014-2020). Dan jammonta għal EUR 79.5 biljun u jinkludi mira indikattiva ta’ nfiq ta’ 10% fir-rigward tal-migrazzjoni (approċċ inċitattiv flessibbli għall-migrazzjoni).

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament Ewropew dejjem kien favur ħafna tas-SEKA, f’konformità mal-impenji legali tal-UE. Talab ukoll li titnaqqas il-migrazzjoni rregolari u li l-gruppi vulnerabbli jiġu protetti.

Fis-7 ta’ Settembru 2022, il-Parlament u ħames presidenzi b’rotazzjoni tal-Kunsill impenjaw ruħhom li qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2024 jaħdmu flimkien biex jadottaw ir-riformi tar-regoli tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil li nbdew fl-2016.

Il-Parlament jista’ jibda proċeduri għall-annullament quddiem il-QĠUE. Dan l-istrument intuża b’suċċess (ara s-sentenza tal-QĠUE tas-6 ta’ Mejju 2008) biex jinkiseb l-annullament tad-dispożizzjonijiet li jittrattaw l-arranġamenti biex tiġi adottata l-lista komuni tal-pajjiżi mhux tal-UE kkunsidrati bħala pajjiżi ta’ oriġini bla periklu u pajjiżi mhux tal-UE bla periklu kif previst fid-Direttiva 2005/85/KE tal-Kunsill.

Żur il-paġna ewlenija tal-Parlament Ewropew dwar: Ir-rispons tal-UE għall-isfida tal-migranti

Georgiana Sandu
10/2023

# 4.2.3. IL-POLITIKA TAL-IMMIGRAZZJONI

Politika Ewropea komprensiva tal-immigrazzjoni, li tħares 'il quddiem u li tkun ibbażata fuq is-solidarjetà, hija objettiv ewlieni għall-Unjoni Ewropea. Il-politika tal-immigrazzjoni hija maħsuba sabiex tistabbilixxi approċċ ibbilanċjat għat-trattament kemm tal-immigrazzjoni regolari kif ukoll ta' dik irregolari.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 79 u 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## IL-KOMPETENZI

L-immigrazzjoni regolari**:** L-UE għandha l-kompetenza li tistipula l-kundizzjonijiet li jirregolaw id-dħul u r-residenza legali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'wieħed mill-Istati Membri, inkluż għal skopijiet ta' riunifikazzjoni mal-familja. L-Istati Membri għandhom id-dritt li jiddeterminaw il-volumi ta' dħul fit-territorju ta nies' li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi biex ifittxu impjieg.

L-integrazzjoni: L-UE tista' tipprovdi inċentivi u appoġġ għall-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jippromwovu l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fit-territorju tagħhom; madankollu, id-dritt tal-UE ma jipprevedi l-ebda armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali.

Il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari: L-Unjoni Ewropea hija meħtieġa tipprevjeni u tnaqqas l-immigrazzjoni irregolari, b'mod partikolari permezz ta' politika effettiva ta' ritorn, b'mod li jirrispetta d-drittijiet fundamentali.

Il-ftehimiet ta' riammissjoni: L-Unjoni Ewropea hija kompetenti biex tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi għar-riammissjoni lejn il-pajjiż ta' oriġini jew ta' provenjenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, jew għall-preżenza jew għar-residenza fi Stat Membru.

## L-OBJETTIVI

Id-definizzjoni ta' approċċ ibbilanċjat fir-rigward tal-immigrazzjoni: L-UE għandha l-għan li tistabbilixxi approċċ ibbilanċjat sabiex tiġġestixxi l-immigrazzjoni regolari u tiġġieled l-immigrazzjoni irregolari. Il-ġestjoni xierqa tal-flussi migratorji tinvolvi l-garanzija li jingħata trattament ġust liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fl-Istati Membri, li jissaħħu l-miżuri għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari, inkluż it-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, u li tiġi promossa kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-pajjiżi li mhumiex membri fl-oqsma kollha. L-għan tal-UE huwa li tiżviluppa livell uniformi ta' drittijiet u obbligi għall-immigranti regolari, li jkun simili għal dak taċ-ċittadini tal-UE.

Il-prinċipju tas-solidarjetà: Skont it-Trattat ta' Lizbona, il-politiki tal-immigrazzjoni għandhom ikunu regolati mill-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji (l-Artikolu 80 tat-TFUE).

## IL-KISBIET

### A. L-iżviluppi istituzzjonali li ġab miegħu t-Trattat ta’ Liżbona

It-Trattat ta’ Liżbona, li daħal fis-seħħ f’Diċembru 2009 (1.1.5), daħħal il-votazzjoni b’maġġoranza kwalifikata dwar l-immigrazzjoni regolari kif ukoll bażi ġuridika ġdida li għandha l-għan li tippromwovi miżuri ta’ integrazzjoni. Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja issa tapplika kemm għall-politika dwar l-immigrazzjoni irregolari kif ukoll għal dik dwar l-immigrazzjoni regolari, li b’hekk tagħmel lill-Parlament koleġiżlatur fuq bażi pari mal-Kunsill. Madankollu l-miżuri proviżorji li għandhom jittieħdu, f’każ ta’ dħul f’daqqa ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi fi Stat Membru, jiġu adottati mill-Kunsill biss, wara konsultazzjoni mal-Parlament (l-Artikolu 78(3) tat-TFUE).

It-Trattat ta’ Liżbona kkjarifika wkoll li l-kompetenzi tal-UE f’dan il-qasam huma kondiviżi mal-Istati Membri, b’mod partikolari fir-rigward tal-għadd ta’ migranti li jitħallew jidħlu fi Stat Membru biex ifittxu impjieg (l-Artikolu 79(5) tat-TFUE). Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja issa għandha l-kompetenza sħiħa fil-qasam tal-immigrazzjoni u l-ażil.

### B. Żviluppi politiċi reċenti

#### 1. L-“Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità”

L-“Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità” (GAMM), adottat mill-Kummissjoni fl-2011, jistabbilixxi qafas ġenerali għar-relazzjonijiet tal-UE ma’ pajjiżi terzi fil-qasam tal-migrazzjoni. L-approċċ huwa msejjes fuq erba’ pilastri: l-immigrazzjoni regolari u l-mobbilità, l-immigrazzjoni irregolari u t-traffikar tal-bnedmin, il-protezzjoni internazzjonali u l-politika dwar l-ażil, kif ukoll il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-migrazzjoni u tal-mobbilità fuq l-iżvilupp. Id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti jikkostitwixxu kwistjoni trażversali fil-kuntest ta’ dan l-approċċ.

#### 2. Il-linji gwida strateġiċi ta’ Ġunju 2014

Il-Programm ta’ Stokkolma għall-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja (AFSJ) adottat f’Diċembru 2009, skada f’Diċembru 2014 (4.2.1). F’Marzu 2014, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni ġdida li fiha ppreżentat il-viżjoni tagħha dwar l-aġenda futura għall-AFSJ, bit-titolu “Ewropa miftuħa u sikura: kif nagħmluha realtà”. F’konformità mal-Artikolu 68 tat-TFUE, fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 u s-27 ta’ Ġunju 2014, il-Kunsill Ewropew iddefinixxa l-“linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali [...] fl-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja” għall-perjodu 2014-2020. Il-linji gwida m’għadhomx jikkostitwixxu programm, iżda pjuttost huma linji gwida li huma mmirati fuq l-objettiv tat-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-istrumenti ġuridiċi u l-miżuri eżistenti. Il-linji gwida jenfasizzaw il-bżonn li jiġi adottat approċċ olistiku għall-migrazzjoni, li jagħmel l-aħjar użu possibbli mill-migrazzjoni regolari, li joffri protezzjoni lil dawk li għandhom bżonnha, li jiġġieled kontra l-migrazzjoni irregolari u li jiġġestixxi b’mod effikaċi l-fruntieri. L-adozzjoni ta’ linji gwida strateġiċi ġodda għadha pendenti.

#### 3. Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni

F’Mejju 2015, il-Kummissjoni ppubblikat l- Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni. L-Aġenda pproponiet miżuri immedjati biex tindirizza l-kriżi fil-Mediterran u l-miżuri li għandhom jittieħdu fil-ftit snin li ġejjin biex l-aspetti kollha tal-immigrazzjoni jiġu ġestiti b’mod aktar effettiv.

Abbażi ta’ din l-aġenda, f’April 2016 il-Kummissjoni ppubblikat il-linji gwida tagħha dwar il-migrazzjoni regolari, kif ukoll dwar l-ażil, f’komunikazzjoni. Hemm erba’ fergħat

ewlenin tal-linji gwida fir-rigward tal-politiki tal-migrazzjoni regolari: ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Karta Blu, il-fatt li jiġu attirati intraprendituri innovattivi lejn l-UE, l-iżvilupp ta' mudell aktar koerenti u effikaċi għall-immigrazzjoni regolari fil-livell tal-UE billi ssir valutazzjoni tal-qafas eżistenti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini ewlenin, bil-għan li jiġu żgurati rotot legali lejn l-UE filwaqt li fl-istess ħin jitjieb ir-ritorn ta' dawk li ma għandhomx dritt jibqgħu.

F'Ottubru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat l-aħħar rapport ta' progress tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, li jeżamina l-progress li sar u n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-Aġenda. F'Settembru 2021, sena wara l-adozzjoni tal-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Kummissjoni adottat l-ewwel rapport dwar il-migrazzjoni u l-ażil, li jkopri l-aspetti kollha tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u jieħu kont tal-iżviluppi ewlenin fil-politika dwar il-migrazzjoni u l-ażil matul l-aħħar sena u nofs. It- tieni rapport dwar il-migrazzjoni u l-ażil ġie ppubblikat fis-6 ta' Ottubru 2022.

L-iżviluppi ta' politika kollha huma ssorveljati mill-qrib min- Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni, stabbilit fl-2008 bħala network tal-UE ta' esperti dwar il-migrazzjoni u l-ażil mill-Istati Membri kollha, li jaħdmu flimkien biex jipprovdu informazzjoni oġġettiva, komparabbli u rilevanti għall-politika.

### 4. Il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil

Kif ħabbret fil-programm ta' ħidma tagħha tal-2020, il-Kummissjoni ppubblikat il-Patt il-Ġdid tagħha f'Settembru 2020, li għandu l-għan li jintegra l-proċedura ta' ażil fil-ġestjoni ġenerali tal-migrazzjoni, billi jorbot il-proċedura mal-kontroll preventiv u mar-ritorn, filwaqt li jkopri wkoll il-ġestjoni tal-fruntieri esterni, il-previżjoni aktar b'saħħitha, it-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet flimkien ma' mekkaniżmu ta' solidarjetà, u r-relazzjonijiet esterni ma' pajjiżi terzi ewlenin ta' oriġini u ta' tranżitu (4.2.2.). Il-Patt il-Ġdid jinkludi rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni biex jiġu żviluppati perkorsi legali komplementari għall-protezzjoni, bħar-risistemazzjoni u forom oħra ta' ammissjoni umanitarja bħal programmi ta' sponsorizzazzjoni tal-komunità, iżda wkoll perkorsi marbuta mal-edukazzjoni u x-xogħol.

F'April 2022, il-Kummissjoni pproponiet il-Pakkett dwar il-Migrazzjoni Legali, li jinkludi proposti għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku u d-Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul. Fil-15 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni pproponiet il-pakkett dwar il-Ħiliet u l-Mobbiltà tat-Talenti, li jinkludi l-ħolqien ta' Riżerva ta' Talent tal-UE, kif ukoll miżuri li jissimplifikaw il-proċeduri ta' rikonoxximent tal-kwalifiki biex jippromwovu l-mobbiltà tal-istudenti u tas-suq tax-xogħol.

Fis-7 ta' Settembru 2022, il-Parlament Ewropew u ħames presidenzi b'rotazzjoni tal-Kunsill impenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien biex jadottaw ir-riforma mibdija fl-2016 tar-regoli tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil qabel l-elezzjonijiet tal-UE tal-2024.

## C. Żviluppi leġiżlattivi reċenti

Mill-2008 'l hawn, għadd ta' direttivi importanti dwar l-immigrazzjoni ġew adottati u diversi diġà ġew riveduti.

### 1. L-immigrazzjoni regolari

Wara d-diffikultajiet li nqalgħu fl-adozzjoni ta' dispożizzjoni ġenerali li tkopri l-immigrazzjoni kollha tal-ħaddiema lejn l-UE, l-approċċ attwali jikkonsisti fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni settorjali, skont kull kategorija ta' migranti, sabiex tiġi stabbilita politika tal-immigrazzjoni regolari fil-livell tal-UE.

Id-Direttiva 2009/50/KE dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin ħolqot l-hekk imsejħa ''Karta Blu tal-UE'', proċedura rapida għall-ħruġ ta' permess speċjali ta' residenza u tax-xogħol, b'kundizzjonijiet aktar attraenti, biex ħaddiema minn pajjiżi terzi jkunu jistgħu jaħdmu f'impjiegi bi kwalifiki għoljin fl-Istati Membri. F'Ġunju 2016, il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tas-sistema, inklużi kriterji ta' ammissjoni inqas stretti, limitu aktar baxx fir-rigward tas-salarju u tul minimu iqsar meħtieġ tal-kuntratt tax-xogħol, dispożizzjonijiet aqwa fir-rigward tar-riunifikazzjoni tal-familji, u l-abolizzjoni ta' skemi nazzjonali paralleli, li l-Istati Membri opponew. Wara li l-Patt il-Ġdid ġie ppubblikat, il-Parlament u l-Kunsill reġgħu bdew jaħdmu fuq din ir-reviżjoni, u fil-15 ta' Settembru 2021 il-Parlament ivvalida l-ftehim li kien intlaħaq mal-Kunsill. Ir-regoli l-ġodda jipprovdu aktar kriterji ta' ammissjoni aktar flessibbli (kuntratt tax-xogħol validu jew offerta vinkolanti ta' impjieg ta' sitt xhur huma biżżejjed), filwaqt li jbaxxu l-limitu minimu tal-paga minima li l-applikanti jeħtiġilhom jaqilgħu biex ikunu eliġibbli għall-Karta Blu u jagħmluha aktar faċli għad-detenturi tal-Karta Blu biex jivvjaġġaw bejn il-pajjiżi tal-UE u jingħaqdu mill-ġdid mal-familji tagħhom. Id-Direttiva (UE) 2021/1883 ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-20 ta' Ottubru 2021.

Id-Direttiva dwar il-Permess Uniku (2011/98/UE) tistabbilixxi proċedura simplifikata għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għal permess ta' residenza u ta' xogħol fi Stat Membru, kif ukoll sett komuni ta' drittijiet li għandhom jingħataw lill-immigranti regolari. L-aħħar rapport ta' implimentazzjoni, adottat f'Marzu 2019, sab li n-nuqqas ta' informazzjoni għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar id-drittijiet tagħhom tfixkel l-objettiv tad-direttiva li tippromwovi l-integrazzjoni tagħhom u n-nondiskriminazzjoni. F'April 2022, il-Kummissjoni pproponiet li tfassal mill-ġdid id-direttiva sabiex tissimplifika u tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, inklużi l-kundizzjonijiet ta' ammissjoni u residenza għal ħaddiema b'ħiliet baxxi u medji. Il-koleġiżlaturi bħalissa qed jaħdmu fuq id-dossier.

Id-Direttiva 2014/36/UE, adottata fi Frar 2014, tirregola l-kundizzjonijiet għad-dħul u għar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bħala ħaddiema staġjonali. Il-ħaddiema staġjonali migranti jistgħu joqogħdu legalment u temporanjament fl-UE għal perjodu massimu ta' bejn ħames u disa' xhur (skont l-Istat Membru) biex iwettqu attività li tiddependi mir-ritmu tal-istaġuni, filwaqt li jżommu l-post ta' residenza prinċipali tagħhom f'pajjiż terz. Din id-direttiva tiċċara wkoll l-għadd ta' drittijiet tal-ħaddiema migranti. F'Lulju 2020, il-Kummissjoni ħarġet linji gwida dwar il-ħaddiema staġjonali fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19, fejn ħabbret ukoll l-ewwel rapport ta' implimentazzjoni għall-2021.

Id-Direttiva 2014/66/UE dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-qafas ta' trasferiment intraazjendali ġiet adottata fil-15 ta' Mejju 2014. Din id-direttiva tagħmilha eħfef biex in-negozji u l-korporazzjonijiet multinazzjonali jirrilokaw b'mod temporanju l-maniġers, l-ispeċjalisti u l-impjegati apprendisti tagħhom fil-fergħat jew is-sussidjarji tagħhom li jinsabu fl-Unjoni Ewropea. L-ewwel rapport ta' implimentazzjoni kellu jitlesta sa Novembru 2019.

Id-Direttiva (UE) 2016/801 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing ġiet adottata fil-11 ta' Mejju 2016, u kellha tiġi trasposta sat-23 ta' Mejju 2018. Din id-direttiva tieħu post l-istrumenti preċedenti li jkopru lill-istudenti u lir-riċerkaturi, filwaqt li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha u tissimplifika l-applikazzjoni tagħha.

Finalment, l- istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil fl-Unjoni Ewropea għadu regolat mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, kif emendata fl-2011 biex il-kamp ta' applikazzjoni tagħha jiġi estiż għar-rifuġjati u għal benefiċjarji oħra tal-protezzjoni internazzjonali. Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni ta' Marzu 2019 sab li, minflok ma jippromwovu b'mod attiv l-istatus Ewropew ta' residenza għal żmien twil, l-Istati Membri, prinċipalment, joħorġu permessi ta' residenza nazzjonali għal żmien twil; u huma biss ftit ċittadini ta' pajjiżi terzi li jużaw id-dritt tagħhom li jmorru fi Stati Membri oħra. F'April 2022, il-Kummissjoni pproponiet riformulazzjoni tad-direttiva, bil-għan li jinħoloq status reali ta' resident għal żmien twil tal-UE, b'mod partikolari billi jissaħħaħ id-dritt tar-residenti fit-tul li jiċċaqilqu u jaħdmu fi Stati Membri oħra. Il-Parlament Ewropew adotta l-mandat ta' negozjar tiegħu f'April 2023. Il-koleġiżlaturi bħalissa qed jaħdmu fuq id-dossier.

**2.** L-Integrazzjoni

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja, li jmorru lil hinn mid-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Peress li r-rapport ta' implimentazzjoni tal-2008 kkonkluda li d-Direttiva 2003/86/KE ma kinitx applikata b'mod sħiħ u korrett fl-Istati Membri u, f'April 2014, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni li fiha tat gwida lill-Istati Membri dwar kif għandhom japplikawha. Il-kontroll tal-idoneità tal-migrazzjoni legali tal-Kummissjoni jkopri wkoll id-direttiva dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja.

Il-kompetenza tal-UE fil-qasam tal- integrazzjoni hija limitata. F'Lulju 2011, il-Kummissjoni adottat l-Aġenda Ewropea għall-Integrazzjoni ta' Persuni bin-Nazzjonalità ta' Pajjiżi Terzi. Aktar reċentement, f'Novembru 2020, il-Kummissjoni ressqet pjan ta' azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni 2021-2027, fejn stabbiliet qafas ta' politika u passi prattiċi biex tgħin lill-Istati Membri jintegraw 34 miljun ċittadin ta' pajjiżi terzi li huma residenti legalment fit-territorju tal-UE u jinkluduhom fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-impjiegi, il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni. Il-pjan jiġbor flimkien miżuri ta' monitoraġġ u l-użu ta' għodod diġitali ġodda, u sforzi biex titrawwem il-parteċipazzjoni tal-migranti fis-soċjetà, jiżdiedu l-opportunitajiet għall-finanzjament tal-UE u jinbnew sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati f'diversi livelli ta' governanza. L-istrumenti eżistenti jinkludu l-Forum Ewropew dwar il-Migrazzjoni; is-Sit Web dwar l-Integrazzjoni; u n-Network Ewropew għall-Integrazzjoni; u l-Grupp ta' Esperti li għadu kif inħoloq dwar il-fehmiet tal-migranti fil-qasam tal-migrazzjoni, l-ażil u l-integrazzjoni, li ltaqa' għall-ewwel darba f'Novembru 2020 u li minn dakinhar kellu laqgħat regolari.

Strumenti ta' finanzjament speċjalizzati biex jappoġġjaw politiki ta' integrazzjoni nazzjonali huma bbażati fuq il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE+) taħt il-qafas finanzjarju pluriennali il-ġdid (QFP) 2021-2027

**3.** L-immigrazzjoni irregolari

L-UE adottat xi atti leġiżlattivi ewlenin biex tiġġieled l-immigrazzjoni irregolari:

— L-hekk imsejjaħ "Pakkett tal-Faċilitaturi" huwa kompost mid-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE, li tistabbilixxi definizzjoni komuni tar-reat tal-iffaċilitar ta' dħul, tranżitu u residenza mhux awtorizzati, u mid-Deċiżjoni Qafas 2002/946/ĠAI, li tistabbilixxi pieni kriminali għal aġir bħal dan. Il-pakkett huwa kkomplementat bid-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE, li tipprevedi l-għoti ta' permess ta' residenza

lil persuni traffikati jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti (dwar it-traffikar, ara wkoll l-iskeda informattiva dwar il-"Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali" 4.2.6). F'Mejju 2015, il-Kummissjoni adottat il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-migranti (2015-2020) u, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni REFIT dwar l-applikazzjoni tal-qafas legali eżistenti, li kienet ippreċeduta minn konsultazzjoni pubblika. Il-Kummissjoni sabet li, dak iż-żmien, ma kienx hemm biżżejjed evidenza li tindika l-eżistenza ta' prosekuzzjoni effettiva u kontinwa ta' individwi jew organizzazzjonijiet li pprovdew għajnuna umanitarja, u kkonkludiet li l-qafas ġuridiku tal-UE li jindirizza l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali jibqa' meħtieġ fil-kuntest attwali. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-5 ta' Lulju 2018 stiednet lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida għall-Istati Membri biex jiġi evitat li l-assistenza umanitarja tiġi kriminalizzata, u f'Settembru 2018, saret seduta ta' smigħ dwar dan is-suġġett. Bħala parti mill-Patt il-Ġdid tagħha, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni li tipprovdi gwida dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar il-Faċilitazzjoni, li fiha ddikjarat li t-twettiq tal-obbligu legali li jiġu salvati n-nies f'diffikultà fuq il-baħar ma setax jiġi kriminalizzat, iżda qagħdet lura milli titlob sforzi addizzjonali, u b'hekk ħalliet l-attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ f'idejn l-NGOs u l-bastimenti privati. Wara konsultazzjoni pubblika, f'Settembru 2021 il-Kummissjoni adottat pjan ta' azzjoni mġedded tal-UE kontra t-traffikar tal-migranti għall-2021–2025. It-traffikar huwa indirizzat mid-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu. F'Diċembru 2022, il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tad-Direttiva 2011/36/KE. Il-koleġiżlaturi bħalissa qed jaħdmu fuq id-dossier.

— Id-"Direttiva dwar ir-Ritorn" (2008/115/KE) tistabbilixxi standards u proċeduri komuni tal-UE għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. L-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha ġie adottat f'Marzu 2014. F'Settembru 2015, il-Kummissjoni ppubblikat il- Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-ritorn, li ġie segwit bl-adozzjoni, f'Ottubru 2015, tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tal-politika ta' ritorn. F'Marzu 2017, il-Kummissjoni ssupplimentat il-Pjan ta' Azzjoni b'komunikazzjoni dwar "politika ta' ritorn aktar effettiva fl-Unjoni Ewropea - pjan ta' azzjoni mġedded" u rakkomandazzjoni biex ir-ritorni jsiru aktar effettivi. F'Settembru 2017, il-Kummissjoni ppubblikat il-"Manwal dwar ir-Ritorn" aġġornat tagħha, li jipprovdi gwida dwar il-qadi tad-dmirijiet tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex iwettqu kompiti relatati mar-ritorn. Barra minn hekk, fl-2016, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2016/1953 dwar l-istabbiliment ta' dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) li ġiet imġedda u msaħħa reċentement qiegħda tgħin dejjem aktar lill-Istati Membri fl-attivitajiet tagħhom relatati mar-ritorn. F'Settembru 2018, il-Kummissjoni pproponiet riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn biex taċċelera l-proċeduri, inkluża proċedura ġdida dwar il-fruntiera għall-applikanti għall-ażil, proċeduri u regoli aktar ċari għall-prevenzjoni ta' abbużi, programmi ta' ritorn volontarju effiċjenti li għandhom jiġu stabbiliti fl-Istati Membri, u regoli aktar ċari dwar id-detenzjoni. Valutazzjoni tal-impatt tal-Parlament immirata sabet li l-proposta tkun tinvolvi spejjeż sostanzjali għall-Istati Membri permezz ta' żieda fid-detenzjoni. Ma hemm l-ebda evidenza ċara li l-proposta twassal għal ritorni aktar effettivi, iżda

x'aktarx li kienet se tirriżulta fi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-migranti irregolari. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn enfasizzat li l-effettività tal-politika ta' ritorn tal-UE trid mhux biss titkejjel f'termini ta' rati ta' ritorn iżda trid tqis ukoll ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-garanziji proċedurali. Ir-rapporteur (Tineke Strik (Verts/ALE) ippubblikat l-abbozz ta' rapport tagħha fl-21 ta' Frar 2020. Il-koleġiżlaturi bħalissa qed jaħdmu fuq id-dossier. Fil-Patt il-Ġdid tagħha, il-Kummissjoni timxi lejn sistema komuni tal-UE għar-ritorni, b'aktar appoġġ operazzjonali għall-Istati Membri, u l-Frontex bħala l-fergħa operattiva tal-politika ta' ritorn tal-UE, flimkien mal-ħatra ta' koordinatur tar-ritorn appoġġjat minn Network ta' Livell Għoli ġdid għar-Ritorn. L-ewwel koordinatur tar-ritorn tal-UE, Mari Juritsch, inħatar f'Marzu 2022. Il-Kummissjoni ppubblikat l-istrateġija tagħha dwar ir-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni (April 2021), id-dokument ta' politika "Lejn strateġija operazzjonali għal ritorni aktar effettivi" (Jannar 2023) u r-rakkomandazzjoni tagħha dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ta' ritorn u t-tħaffif tar-ritorni (Marzu 2023). L-isponsorizzazzjoni tar-ritorn hija proposta wkoll bħala miżura ta' solidarjetà fil-qafas tar-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni (4.2.2), li permezz tagħha l-Istati Membri jistgħu jappoġġjaw Stati Membri oħra li jinsabu taħt pressjoni.

— Id-**Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem** (2009/52/KE) tispeċifika sanzjonijiet u miżuri li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali. L-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva msemmija ġie ppreżentat fit-22 ta' Mejju 2014. Wara t-tħabbir tagħha fil-Patt il-Ġdid, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-direttiva f'Settembru 2021, bil-għan li ssaħħaħ l-implimentazzjoni filwaqt li tipproteġi d-drittijiet tal-migranti irregolari.

— Mill-2001, l-Istati Membri rrikonoxxew reċiprokament id-deċiżjonijiet dwar l-espulsjoni rispettivi tagħhom (id-Direttiva 2001/40/KE), fejn tiġi rispettata u osservata deċiżjoni ta' Stat Membru wieħed li jkeċċi ċittadin mhux tal-UE preżenti fi Stat Membru ieħor.

Fl-istess ħin, l-UE qed tinnegozja u tikkonkludi ftehimiet ta' riammissjoni ma' pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu bil-ħsieb li tibgħat lura f'pajjiżhom lill-migranti irregolari u tikkoopera fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Dawn il-ftehimiet jipprevedu li l-Kumitati Konġunti tar-Riammissjoni jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħhom. Huma wkoll marbuta ma' ftehimiet għall-faċilitazzjoni tal-viża, li għandhom l-għan li jipprovdu l-inċentiv neċessarju għal negozjati ta' riammissjoni fil-pajjiż terz ikkonċernat mingħajr ebda żieda fil-migrazzjoni irregolari.

Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll arranġamenti informali dwar ir-ritorn u r-riammissjoni, li wasslu għal kritika qawwija min-naħa tal-Parlament billi jaqgħu barra mill-iskrutinju tiegħu, u qajjem kwistjonijiet dwar il-kontabbiltà u t-trasparenza.

Il-Kummissjoni pproponiet Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE għall-Mediterran Ċentrali (Novembru 2022), għar-Rotta tal-Balkani tal-Punent (Diċembru 2022), għar-rotot tal-Mediterran tal-Punent u tal-Atlantiku (Ġunju 2023) u għar-rotta tal-Lvant tal-Mediterran (Ottubru 2023).

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Minn mindu daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lizbona, il-Parlament jinsab involut attivament, bħala koleġiżlatur sħiħ, fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida li tittratta kemm l-immigrazzjoni irregolari kif ukoll l-immigrazzjoni regolari.

Il-Parlament adotta bosta riżoluzzjonijiet fuq inizjattiva proprja li jindirizzaw il-migrazzjoni, fost l-oħrajn ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran u l-ħtieġa ta' approċċ olistiku tal-UE għall-migrazzjoni, ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar toroq ġodda għall-migrazzjoni legali tal-ħaddiema u r-riżoluzzjoni leġiżlattiva fuq inizjattiva proprja tiegħu tal-25 ta' Novembru 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-politika u l-liġi dwar il-migrazzjoni legali.

Aqra aktar dwar dan is-suġġett:

— Il-Migrazzjoni fl-Ewropa

— Il-Politika dwar l-Ażil tal-UE

Georgiana Sandu
10/2023

# 4.2.4. IL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI ESTERNI

Il-politika tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE ħtieġet tadatta għal żviluppi sinifikanti bħall-wasla bla preċedent ta' rifuġjati u migranti irregolari, u sa minn nofs l-2015 kienu ġew esposti sensiela ta' nuqqasijiet fil-politiki tal-UE dwar il-fruntieri esterni u l-migrazzjoni. L-isfidi marbuta maż-żieda fil-flussi migratorji mħallta lejn l-UE, il-pandemija tal-COVID-19 u tħassib akbar dwar is-sigurtà skattaw perjodu ġdid ta' attività fil-qasam tal-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-UE, li għandu wkoll impatt fuq il-fruntieri interni tagħha.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

L-Artikoli 67 u 77 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-OBJETTIVI

Żona unika mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni – iż-Żona Schengen – teħtieġ ukoll politika komuni dwar il-ġestjoni tal-fruntieri esterni. L-Artikolu 3(2) tat-TUE jitlob li jkun hemm "miżuri xierqa f'dak li jirrigwarda l-kontroll tal-fruntieri esterni". Għaldaqstant, l-UE għandha l-għan li tistabbilixxi standards komuni għall-kontrolli fil-fruntieri esterni tagħha u ddaħħal fis-seħħ b'mod gradwali sistema integrata għall-ġestjoni tagħhom.

## IL-KISBIET

L-ewwel pass lejn politika komuni għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni sar fl-14 ta' Ġunju 1985 meta ħamsa mill-għaxar Stati Membri ta' dak iż-żmien tal-Komunità Ekonomika Ewropea ffirmaw trattat internazzjonali, l-hekk imsejjaħ Ftehim ta' Schengen, qrib ir-raħal ta' Schengen, li jinsab mal-fruntiera Lussemburgiża, li ħames snin wara ġie supplimentat mill-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen[1]. Iż-Żona Schengen, żona mingħajr fruntieri li nħolqot permezz tal-*acquis* ta' Schengen (kif jissejħu flimkien il-ftehimiet u r-regoli), attwalment hija magħmula minn 27 pajjiż Ewropew[2].

**A.** L-acquis ta' Schengen dwar il-fruntieri esterni

L-*acquis* ta' Schengen dwar il-fruntieri esterni tal-lum jibni fuq l-*acquis* oriġinali inkorporat fl-ordinament ġuridiku tal-UE mit-Trattat ta' Amsterdam (1.1.3). Ir-regoli tiegħu jistgħu jinstabu f'firxa wiesgħa ta' miżuri, li bejn wieħed u ieħor jistgħu jinqasmu f'ħames suġġetti:

---

[1]L-acquis ta' Schengen: Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.

[2]Il-pajjiżi ma jinkludux l-Istati Membri tal-UE li ġejjin: Ċipru, l-Irlanda, il-Bulgarija u r-Rumanija. Iż-żona Schengen, madankollu, tinkludi erba' Stati Membri mhux tal-UE: l-Iżlanda, l-Iżvizzera, in-Norveġja u l-Liechtenstein. Id-Danimarka għandha esklużjoni fakultattiva mit-Titolu V tat-TFUE (Protokoll 22), iżda tieħu sehem fuq bażi intergovernattiva.

## 1. Il-kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen

Il-kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen[3] huwa l-pilastru ċentrali tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Huwa jistabbilixxi regoli dwar il-qsim tal-fruntieri esterni u l-kundizzjonijiet li jirregolaw ir-riintroduzzjoni temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri interni. Dan jobbliga lill-Istati Membri jwettqu verifiki sistematiċi ma’ bażijiet tad-data rilevanti fuq il-persuni kollha, inkluż dawk li għandhom id-dritt ta’ moviment liberu skont id-dritt tal-UE (jiġifieri ċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familji tagħhom li mhumiex ċittadini tal-UE) meta dawn jaqsmu l-fruntieri esterni. Il-bażijiet tad-data użati għall-kontrolli jinkludu s-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) u l-bażi tad-data tal-Interpol dwar dokumenti tal-ivvjaġġar misruqa u mitlufa. Dawn l-obbligi japplikaw fil-fruntieri esterni kollha (bl-ajru, bil-baħar u bl-art), kemm għad-dħul kif ukoll għall-ħruġ. Il-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni ta’ Schengen, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013[4], daħal fis-seħħ f’Novembru 2014 u stabbilixxa programm ta’ evalwazzjoni pluriennali ta’ ħames snin għall-perjodu sal-31 ta’ Diċembru 2019. Dan il-mekkaniżmu kien maħsub biex jeżamina l-komponenti kollha tal-*acquis* ta’ Schengen, inkluż billi jirrevedi u jivvaluta kif l-Istati Membri jwettqu l-kontrolli tal-fruntieri esterni, kif ukoll il-liġijiet u l-operazzjonijiet rilevanti kollha. Il-mekkaniżmu jagħti attenzjoni partikolari lir-rispett tad-drittijiet fundamentali. L-evalwazzjonijiet jistgħu jkopru wkoll miżuri relatati applikabbli għall-fruntieri esterni, il-politika dwar il-viżi, il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja (għall-kwistjonijiet kriminali), is-SIS u l-protezzjoni tad-data.

## 2. Is-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS)

Is-SIS hija sistema ta’ kondiviżjoni ta’ informazzjoni u bażi tad-data li tgħin biex tinżamm is-sigurtà internazzjonali fiż-żona Schengen fejn ma jeżistux kontrolli fil-fruntieri interni. Hija l-aktar sistema tal-IT tal-UE użata u effiċjenti fl-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja tagħha (AFSJ) (4.2.1). L-awtoritajiet madwar l-UE jużaw is-SIS biex idaħħlu jew jikkonsultaw allerti dwar persuni u oġġetti mfittxija jew neqsin. Fiha aktar minn 80 miljun allert u l-awtoritajiet ikkonsultawha aktar minn 5 biljun darba fl-2017, b’aktar minn 240 000 hit dwar allerti barranin (allerti maħruġa minn pajjiż ieħor). Is-SIS reċentement ġiet imsaħħa permezz ta’ regoli aġġornati li ser jindirizzaw lakuni potenzjali fis-sistema u jintroduċu diversi bidliet essenzjali għat-tipi ta’ allerti li jiddaħħlu.

Wara l-aħħar riforma fl-2018, l-ambitu tas-SIS issa huwa definit fi tliet strumenti legali, li jieħdu l-forma ta’ tliet regolamenti separati (li jissostitwixxu s-SIS II):

— Il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f’materji kriminali[5];

— Il-verifiki fil-fruntieri[6];

---

[3]Ir-Regolament (UE) Nru 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta’ persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen), ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1, emendat bir-Regolament (UE) Nru 2017/458 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar it-tisħiħ tal-verifiki fuq il-fruntieri esterni ma’ bażijiet ta’ data rilevanti, ĠU L 74, 18.3.2017, p. 1.

[4]Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta’ Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta’ Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta’ Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta’ Schengen, ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

[5]Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56.

[6]Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14.

— Ir-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi b’soġġorn illegali[7].

Dawn it-tliet regolamenti joħolqu kategoriji ta’ allert fis-sistema, bħal dwar persuni mhux magħrufa suspettati jew imfittxija, allerti preventivi għal tfal li jinsabu f’riskju ta’ ħtif mill-ġenituri, għall-fini ta’ ritorn, u allert fir-rigward ta’ deċiżjonijiet ta’ ritorn maħruġa lil ċittadini ta’ pajjiżi terzi b’residenza illegali.

**3.** Fond għas-Sigurtà Interna: Fruntieri u Viża

Mhux l-Istati Membri kollha tal-UE għandhom fruntieri esterni u mhux kollha huma affettwati bl-istess mod mill-flussi tat-traffiku fil-fruntieri. L-UE, għalhekk, talloka l-fondi tagħha biex tipprova tagħmel tajjeb għal xi ftit mill-ispejjeż tal-Istati Membri li l-fruntieri tagħhom stess huma wkoll il-fruntieri esterni tal-UE. Dan il-mekkaniżmu ta’ kondiviżjoni tal-piżijiet ġie stabbilit b’finanzjament li jammonta għal EUR 3.8 biljun għall-perjodu ta’ programmazzjoni finanzjarja ta’ seba’ snin 2014-2020. L-għan ewlieni tal-fond huwa li jikkontribwixxi biex jiżgura livell għoli ta’ sigurtà fl-Unjoni filwaqt li jiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu. Il-benefiċjarji tal-programmi implimentati taħt dan il-fond jistgħu jkunu awtoritajiet statali u federali, korpi pubbliċi lokali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet umanitarji, kumpaniji privati u pubbliċi tal-liġi, u organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni u r-riċerka.

**4.** Is-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES)

Is-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES)[8] hija sistema ta’ informazzjoni li tħaffef u ssaħħaħ il-kontrolli fuq il-fruntieri għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jivvjaġġaw lejn l-UE. L-EES tissostitwixxi l-ittimbrar manwali tal-passaporti fil-fruntiera b’reġistrazzjoni elettronika fil-bażi tad-data.

L-objettivi ewlenin tal-EES huma:

— It-tnaqqis tal-ħin tal-verifiki fuq il-fruntieri u t-titjib tal-kwalità tal-verifiki fuq il-fruntieri billi jiġi kkalkolat awtomatikament is-soġġorn awtorizzat għal kull vjaġġatur;

— L-iżgurar tal-identifikazzjoni sistematika u affidabbli ta’ min jaqbeż l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn;

— It-tisħiħ tas-sigurtà interna u l-assistenza fil-ġlieda kontra t-terroriżmu billi tippermetti li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkollhom aċċess għal rekords tal-istorja tal-ivvjaġġar.

L-aċċess għall-EES huwa mogħti lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u lill-Europol, iżda mhux lill-awtoritajiet tal-ażil. Hija prevista l-possibbiltà li d-data tiġi trasferita għal skopijiet ta’ infurzar tal-liġi jew ta’ ritorn lejn pajjiżi terzi kif ukoll lil Stati Membri tal-UE li ma jipparteċipawx fl-EES, iżda taħt ċerti kundizzjonijiet. L-EES se tirreġistra d-data tal-vjaġġaturi (l-isem, it-tip ta’ dokument tal-ivvjaġġar, il-marki tas-swaba’, l-immaġni viżiva u d-data u l-post tad-dħul u l-ħruġ) meta dawn ikunu qed jaqsmu l-fruntieri esterni ta’ Schengen. Din se tintuża għaċ-ċittadini kollha li mhumiex

[7]Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi b’soġġorn illegali, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1.

[8]Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta’ infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011, ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20.

tal-UE, kemm dawk li jeħtieġu viża kif ukoll dawk li huma eżentati. Se tintuża wkoll mill-awtoritajiet konsulari u tal-fruntieri.

**5.** L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)

Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCG) hija l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA/Frontex) flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali[9].

L-EBCG saret operattiva f'Ottubru 2016. Din l-aġenzija deċentralizzata għandha l-kompitu li tissorvelja l-fruntieri esterni tal-UE u, flimkien mal-Istati Membri, tidentifika u tindirizza kwalunkwe theddida potenzjali għas-sigurtà tal-fruntieri esterni tal-UE. Għal xi snin qabel l-2015, il-Parlament talab li jissaħħaħ ir-rwol tal-Frontex sabiex tiżdied il-kapaċità tagħha li twieġeb b'mod aktar effettiv għat-tibdil tal-flussi migratorji. Pereżempju, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 2014 dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Programm ta' Stokkolma[10], il-Parlament talab li l-gwardji tal-fruntieri Ewropej jgħassu l-fruntieri ta' Schengen. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2015, il-Kunsill Ewropew esprima wkoll l-appoġġ tiegħu għall-"istabbiliment gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni". Il-Parlament insista li s-setgħat il-ġodda li għandha l-Aġenzija li tintervjeni jiġu attivati b'deċiżjoni tal-Istati Membri fil-Kunsill, u mhux permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, kif propost oriġinarjament. Ir-regolament jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-EBCGA/Frontex biex jinkludu appoġġ imsaħħaħ lill-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, fil-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera u fl-operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ. Huwa jipprevedi rwol akbar għall-Frontex fit-treġġigħ lura ta' migranti lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, filwaqt li jaġixxu skont id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali. Abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill jista' jitlob lill-aġenzija biex tintervjeni u tassisti lill-Istati Membri f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Dan ikun il-każ jekk:

— Stat Membru ma jikkonformax (f'limitu ta' żmien determinat) ma' deċiżjoni vinkolanti tal-bord ta' ġestjoni tal-aġenzija biex jindirizza l-vulnerabbiltajiet fil-ġestjoni tal-fruntieri tiegħu; u

— Ikun hemm pressjoni speċifika u sproporzjonata fuq il-fruntiera esterna li tkun qed tpoġġi f'riskju l-funzjonament taż-żona Schengen. Jekk Stat Membru jopponi deċiżjoni tal-Kunsill biex jipprovdi assistenza, il-pajjiżi l-oħra tal-UE jistgħu jintroduċu mill-ġdid kontrolli fil-fruntieri interni b'mod temporanju.

F'Novembru 2019, l-Aġenzija kienet imsaħħa b'mandat ġdid kif ukoll il-mezzi u s-setgħat tagħha stess biex tipproteġi l-fruntieri esterni, twettaq ritorni b'mod aktar effettiv u tikkoopera ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE[11]. Iċ-ċentru ta' din l-aġenzija msaħħa se tkun korp permanenti ta' 10 000 gwardja tal-fruntiera b'setgħat eżekuttivi biex jappoġġjaw l-Istati Membri fi kwalunkwe ħin. Se jkollha wkoll mandat aktar b'saħħtu dwar ir-ritorni u se tikkoopera aktar mill-qrib ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE, inklużi dawk lil hinn mill-viċinat immedjat tal-UE. Il-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta sar kompletament operattiv fl-2021, u se jilħaq il-kapaċità sħiħa tiegħu ta' 10 000 gwardja tal-fruntiera sal-2024.

---

[9]Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.
[10]Il-paragrafu 74 tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' April 2014 dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Programm ta' Stokkolma, ĠU C 408, 30.11.2017, p. 8.
[11]Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

## B. Żviluppi fil-ġestjoni mill-UE tal-fruntieri esterni tagħha

Il-pass tal-bidla sar aktar mgħaġġel minħabba l-fatalitajiet fuq skala kbira fil-Mediterran f'dawn l-aħħar snin flimkien ma' influss enormi ta' rifuġjati u migranti minn Settembru 2015 'il hawn.

Qabel ma faqqgħet il-kriżi tar-rifuġjati, tliet pajjiżi biss kienu ddeċidew li jibnu reċinti mal-fruntieri esterni tagħhom biex jimpedixxu lill-migranti u lir-rifuġjati milli jilħqu t-territorji tagħhom: Spanja (fejn ix-xogħlijiet tal-bini tlestew fl-2005 u ġew estiżi fl-2009), il-Greċja (li tlestew fl-2012) u l-Bulgarija (b'reazzjoni għall-Greċja, li tlestew fl-2014). Għall-kuntrarju tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li jistipula li ''id-dħul jista' jiġi miċħud biss b'deċiżjoni sostanzjata li tagħti r-raġunijiet preċiżi għaċ-ċaħda'', **numru dejjem akbar ta' Stati Membri bdew gradwalment jibnu l-ħitan u r-reċinti mal-fruntieri** bil-għan li jimpedixxu b'mod indiskriminat lill-migranti u lill-persuni li jfittxu ażil milli jidħlu fit-territorji nazzjonali tagħhom. Barra minn hekk, mingħajr regoli espliċiti tal-UE dwar il-bini ta' reċinti fil-fruntieri esterni ta' Schengen, u bi ksur tar-regoli dwar l-ażil, l-Istati Membri ħolqu wkoll ostakli ma' pajjiżi terzi (b'mod partikolari l-Belarussja, il-Marokk u r-Russja), inklużi l-kandidati ta' qabel l-adeżjoni (ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja u t-Turkija). Inbnew xi reċinti wkoll fiż-żona Schengen, bħar-reċint bejn l-Awstrija u s-Slovenja, filwaqt li l-prattiki Spanjoli f'Melilla jinsabu taħt skrutinju tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strażburgu. L-atroċitajiet imwettqa f'żoni fejn inbnew reċinti ġew iddokumentati minn organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem[12].

Mill-2014 'l hawn, il-proġett Missing Migrants tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni rreġistra aktar minn 29 000 mewta matul vjaġġi migratorji lejn l-Ewropa.

### 1. Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)

F'Settembru 2018, ġiet stabbilita s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS).

L-għan ta' din is-sistema ta' informazzjoni ċentralizzata huwa li tiġbor informazzjoni dwar ċittadini mhux tal-UE li ma jeħtiġux viża biex jidħlu fiż-żona Schengen, u li tidentifika kwalunkwe riskju potenzjali ta' sigurtà jew ta' migrazzjoni irregolari. Il-bażi tad-data se twettaq kontrolli fuq vjaġġaturi eżenti mill-viża u tiċħadilhom awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar jekk jitqiesu li jippreżentaw riskju. Il-bażi tad-data se tkun simili għal sistemi diġà fis-seħħ, pereżempju fl-Istati Uniti (ESTA), il-Kanada u l-Awstralja, fost oħrajn.

Il-vantaġġi tal-ETIAS jinkludu dewmien imnaqqas fil-fruntieri, sigurtà interna mtejba, prevenzjoni aħjar tal-immigrazzjoni illegali, u inqas riskji għas-saħħa pubblika. Għalkemm is-sistema se twettaq kontrolli minn qabel, id-deċiżjoni finali dwar jekk għandux jingħata jew jiġi miċħud id-dħul, anki f'każijiet fejn il-persuna għandha awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar valida, se tittieħed mill-gwardji nazzjonali tal-fruntiera li jkunu qed iwettqu l-kontrolli tal-fruntieri, filwaqt li jaġixxu skont ir-regoli tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. L-ETIAS għandha tliet funzjonijiet ewlenin:

- il-verifika tal-informazzjoni mressqa online minn ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża qabel il-vjaġġ tagħhom lejn l-UE;
- l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet permezz ta' verifika ma' sistemi ta' informazzjoni oħra (bħas-SIS, il-VIS, il-bażi tad-data tal-Europol, il-bażi tad-data tal-Interpol, l-

[12]Helsinki Foundation for Human Rights.

EES u l-Eurodac, is-Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' Data Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil li tippermetti tqabbil ta' settijiet tad-data tal-marki tas-swaba);

— il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar f'każijiet fejn ma jiġu identifikati l-ebda hits jew elementi li jeħtieġu analiżi ulterjuri.

L-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar għandhom jinkisbu fi ftit ħin. F'Ġunju 2017, il-Kunsill kien iddeċieda li jaqsam il-proposta f'żewġ atti legali distinti[13], minħabba li l-bażi ġuridika (Schengen) tal-proposta ma kinitx tista' tkopri emendi għar-Regolament tal-Europol. L-ETIAS ġiet żviluppata mill-aġenzija eu-LISA, u se ssir operattiva fl-2025.

**2.** l-eu-LISA

Stabbilita fl-2011, l-eu-LISA hija responsabbli għall-ġestjoni operattiva ta' tliet sistemi ta' informazzjoni ċentralizzati tal-UE: is-SIS, il-VIS u l-Eurodac[14]. Ir-rwol tagħha huwa li timplimenta l-arkitettura l-ġdida tal-IT fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni. F'Novembru 2019, il-mandat tal-eu-LISA ġie rivedut u l-kapaċità tal-aġenzija li tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-fruntieri, il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-UE ġiet żviluppata aktar.

**3.** Interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri

L-UE qed tiżviluppa sistemi ċentralizzati tal-IT fuq skala kbira (SIS, VIS, Eurodac, EES u ETIAS) għall-ġbir, l-ipproċessar u l-qsim ta' informazzjoni li hija vitali għall-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà, u għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-migrazzjoni. Dawn is-sistemi ta' informazzjoni ilhom interoperabbli fil-livell tal-UE mill-2019, jiġifieri huma kapaċi jiskambjaw u jaqsmu d-data sabiex l-awtoritajiet ikollhom l-informazzjoni kollha li jeħtieġu, kull meta u kull fejn ikunu jeħtiġuha. L-interoperabbiltà tfisser il-kapaċità tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informatika li jikkondividu l-informazzjoni u l-għarfien, sabiex jiġu evitati lakuni ta' informazzjoni kkawżati mill-kumplessità u l-frammentazzjoni ta' dawn is-sistemi[15].

Iż-żewġ regolamenti fis-seħħ jippermettu lis-sistemi jikkomplementaw lil xulxin, jgħinu fil-faċilitazzjoni tal-identifikazzjoni korretta tal-persuni u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-frodi tal-identità. Dawn ma jimmodifikawx id-drittijiet ta' aċċess kif stabbilit fil-bażi ġuridika għal kull sistema ta' informazzjoni Ewropea, iżda jistabbilixxu:

— portal Ewropew tat-tfittxija, li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jfittxu f'diversi sistemi ta' informazzjoni simultanjament, bl-użu ta' data kemm bijografika kif ukoll bijometrika;

---

[13]Ir-Regolament (UE) 2018/1240tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1, u r-Regolament (UE) 2018/1241 tat-12 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 bl-għan li tiġi stabbilita Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), ĠU L 236 19.9.2018, p. 72.
[14]Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) 1077/2011, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99.
[15]Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-20 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u l-viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27, u r-Regolament (UE) Nru 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-20 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, tal-ażil u tal-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85.

— servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku, li jippermetti t-tiftix u t-tqabbil ta' data bijometrika (marki tas-swaba' u immaġni tal-wiċċ) minn diversi sistemi;

— repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità, li jinkludi data bijografika u bijometrika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi attwalment maħżun fid-diversi sistemi ta' informazzjoni tal-UE;

— detettur ta' identitajiet multipli, li jivverifika jekk id-data ta' identità bijografika li tinsab fit-tfittxija teżistix f'sistemi oħra, biex tkun possibbli d-detezzjoni ta' identitajiet multipli marbuta mal-istess sett ta' data bijometrika.

**4.** Il-pandemija tal-COVID-19 tal-2020

Ir-restrizzjonijiet fuq il-movimenti internazzjonali u intra-UE tal-persuni saru wieħed mill-aktar risponsi ta' politika viżibbli għall-pandemija tal-coronavirus mill-bidu ta' Marzu 2020 'il quddiem. Diversi Stati Membri tal-UE għalqu t-trasport internazzjonali tal-passiġġieri, imbagħad segwew dan b'restrizzjonijiet addizzjonali tal-UE fuq l-ivvjaġġar internazzjonali li jinvolvu l-għeluq parzjali tal-fruntieri esterni tal-UE u r-restrizzjoni tad-dħul fl-UE minn pajjiżi terzi[16] kif ukoll restrizzjonijiet fuq il-moviment ta' persuni ġewwa l-UE[17]. F'diversi każijiet dan kellu natura arbitrarja, ineffettiva u diskriminatorja u kien jikser il-liġijiet dwar il-privatezza u l-ażil, kif muri fl-istudji kkummissjonati mill-Parlament Ewropew[18].

**5.** Il-kriżi tal-Ukrajna

Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fi Frar 2022, aktar minn 6 miljun persuna diġà ġew imġiegħla jfittxu rifuġju, l-aktar f'pajjiżi ġirien[19]. L-Unjoni Ewropea ddeċidiet li tagħti protezzjoni temporanja fl-UE kollha lil persuni li jaslu mill-Ukrajna[20]. Id-Direttiva tal-UE dwar il-Protezzjoni Temporanja[21] tippermetti lill-Istati Membri tal-UE jaġixxu malajr biex joffru protezzjoni u drittijiet lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni immedjata.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Fil-passat, il-Parlament kellu reazzjonijiet imħallta għall-iżvilupp tal-politika dwar il-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Huwa appoġġja b'mod ġenerali r-rwol organizzattiv imtejjeb tal-EBCGA/Frontex kif ukoll tal-aġenziji l-oħra rilevanti tal-Unjoni, u spiss appella biex dan ir-rwol tagħhom ikompli jissaħħaħ waqt li l-UE qed titqabad mal-kriżi tal-migrazzjoni fil-Mediterran. Filwaqt li l-fehma tal-Parlament fir-rigward tal-iżvilupp tal-EBCGA kienet fil-biċċa l-kbira pożittiva, il-pożizzjoni tiegħu dwar fruntieri intelliġenti kienet aktar kawta. Ir-reazzjoni tiegħu għall-proposta tal-Kummissjoni tal-2013 kienet li jesprimi dubji dwar l-akkumulazzjoni teknoloġika kbira u l-ipproċessar tal-massa ta'

[16]Ara d-"Dikjarazzjoni konġunta tal-Membri tal-Kunsill Ewropew", Brussell, 26 ta' Marzu 2020.
[17]Tell Cremades, M., *Studies with a 'Covid 19 angle'* (Studji mill-"angolu tal-Covid 19"), Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Parlament Ewropew, Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, Parlament Ewropew, Ġunju 2021.
[18]Carrera S. et al., *In the name of COVID: An Assessment of the Schengen Internal Border Controls and Travel Restrictions in the EU*, (F'isem il-COVID: Valutazzjoni tal-Kontrolli fil-Fruntieri Interni taż-żona Schengen u Restrizzjonijiet tal-Ivvjaġġar fl-UE), Parlament Ewropew - Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Parlament Ewropew - Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, il-Parlament Ewropew, Settembru 2020.
[19]https://data.unhcr.org/en/situations/ukraine.
[20]Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha effett li tintroduċi protezzjoni temporanja.
[21]Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn, ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12.

data personali proposti għall-fruntieri esterni. Barra minn hekk, l-ispejjeż antiċipati għat-teknoloġija għall-Fruntieri Intelliġenti, flimkien ma’ dubji rigward il-benefiċċji tagħha, ħallew lil Parlament b’għadd ta’ punti ta’ tħassib. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta’ Settembru 2013 rigward it-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta’ Sigurtà Interna tal-UE, il-Parlament sostna li “sistemi ġodda tal-IT fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, bħall-inizjattivi “Fruntieri Intelliġenti”, għandhom jiġu analizzati b’attenzjoni, speċjalment fid-dawl tal-prinċipji ta’ neċessità u proporzjonalità”. Huwa segwa din b’mistoqsija orali lill-Kummissjoni u lill-Kunsill f’Settembru 2015, li biha talab il-pożizzjoni tagħhom dwar l-aċċess tal-korpi għall-infurzar tal-liġi għas-sistema, u l-fehmiet tagħhom dwar ir-rilevanza tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ta’ April 2014 dwar id-Direttiva dwar iż-Żamma ta’ Data (ara 4.2.8). Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar ir-rapport annwali dwar il-funzjonament taż-żona Schengen[22], il-Parlament stieden lill-Istati Membri, inklużi dawk mingħajr fruntieri esterni fuq l-art, jiżguraw livell għoli ta’ kontroll fil-fruntieri esterni tagħhom billi jallokaw biżżejjed riżorsi permezz ta’ persunal, tagħmir u għarfien espert, filwaqt li jistabbilixxu l-kmand u l-kontroll meħtieġa għall-qsim sikur, ordnat u fluwidu tal-fruntieri.

Il-Parlament insista wkoll fuq il-ħtieġa li jittieħdu l-azzjoni kollha f’dan il-qasam biex jitqiesu l-fruntieri tal-UE, l-*acquis* tal-ażil kif ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Għaldaqstant il-Parlament ilu għal xi żmien jappella għal proċeduri affidabbli u ġusti u għal approċċ olistiku għall-migrazzjoni fil-livell tal-UE[23]. Hija għandha rwol attiv fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-*acquis* ta’ Schengen u l-konformità miegħu. Il-Grupp ta’ Ħidma dwar l-Iskrutinju ta’ Schengen tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament jikkollabora mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Kunsill fl-istadji rilevanti tal-proċess ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ, bħar-rapport ta’ evalwazzjoni finali, ir-rakkomandazzjonijiet adottati u l-pjan ta’ azzjoni.

Rigward il-pandemija tal-COVID-19, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni f’Ġunju 2020 dwar is-sitwazzjoni fiż-żona Schengen wara t-tifqigħa tal-COVID-19 li fiha jiddeplora l-fatt li l-Parlament ma kienx infurmat. Huwa fakkar li kwalunkwe restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar li tapplika għall-ivvjaġġar mhux essenzjali kollu minn pajjiżi terzi lejn iż-żona Schengen jew kwalunkwe deċiżjoni dwar iċ-ċaħda tad-dħul fil-fruntieri esterni jeħtieġ li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen[24]. Studju kkummissjonat mill-Parlament enfasizza li r-restrizzjonijiet introdotti b’reazzjoni għall-pandemija kienu soġġetti għal bidliet rapidi u li jevolvu ħafna, li wasslu għal inċertezza legali profonda għall-individwi u riperkussjonijiet negattivi għad-drittijiet u l-libertajiet tal-UE[25]. Studju reċenti ieħor jindika l-użu estensiv tat-teknoloġiji ta’ IA bijometriċi mill-Istati Membri għall-finijiet ta’ sorveljanza fuq skala kbira tal-migranti[26].

[22]Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar ir-rapport annwali dwar il-funzjonament taż-żona Schengen, ĠU C 76, 9.3.2020, p. 106.
[23]Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta’ April 2016 dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran u l-ħtieġa ta’ approċċ olistiku tal-UE għall-migrazzjoni, ĠU C 58, 15.2.2018, p. 9.
[24]Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta’ Ġunju 2020 dwar is-sitwazzjoni fiż-żona Schengen wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU C 362, 8.9.2021, p. 77.
[25]Carrera S., Chun Luk, N., *In the Name of COVID-19: An Assessment of Schengen Internal Border Controls and Travel Restrictions in the EU*, (F’isem il-COVID: Valutazzjoni tal-Kontrolli fil-Fruntieri Interni taż-żona Schengen u Restrizzjonijiet tal-Ivvjaġġar fl-UE), Parlament Ewropew - Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Parlament Ewropew - Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, Settembru 2020.
[26]Wendehorst, C., Duller, Y., *Biometric Recognition and Behavioural Detection*, (Ir-Rikonoxximent Bijometriku u d-Detezzjoni tal-Imġiba), Parlament Ewropew - Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, Awwissu 2021.

F’rizoluzzjoni tal-1 ta’ Marzu 2022, il-Parlament laqa’ pożittivament l-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja għall-ewwel darba minn mindu daħlet fis-seħħ fl-2001[27]. Fid-9 ta’ Marzu 2022, il-Membri tal-PE stiednu lill-UE tintroduċi sistema ta’ migrazzjoni xierqa li taqsam ir-responsabbiltà għar-rifuġjati. Fl-4 ta’ April 2023, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament adotta rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza sitwazzjonijiet ta’ kriżi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil, u fl-14 ta’ April 2023 adotta rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi skrinjar ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni, kif ukoll rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni.

Din l-iskeda informattiva ġiet imħejjija mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali.

Żur il-paġna ewlenija tal-Parlament Ewropew dwar Schengen.

Mariusz Maciejewski
11/2023

[27]Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta’ Marzu 2022 dwar l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, ĠU C 125, 18.3.2022, p. 2.

# 4.2.5. IL-KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA F'MATERJI ĊIVILI

Il-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi, tal-kapital u tal-persuni qed jiżdied b'mod kostanti. F'materji tal-liġi ċivili minħabba l-implikazzjonijiet transfruntiera, l-Unjoni Ewropea qiegħda tiżviluppa kooperazzjoni ġudizzjarja, u b'hekk qed tibni rabtiet bejn sistemi ġuridiċi differenti. L-objettivi prinċipali tagħha huma ċ-ċertezza legali u l-aċċess faċli u effettiv għall-ġustizzja, li jimplikaw l-identifikazzjoni tal-ġurisdizzjoni kompetenti u l-indikazzjoni ċara tal-liġi applikabbli, kif ukoll proċeduri ta' rikonoxximent u eżekuzzjoni li jkunu rapidi u effettivi.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 81 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE); Il-Protokolli 21 u 22 annessi mat-Trattati.

## L-OBJETTIVI

Fl-ispazju Ewropew ta' ġustizzja, l-individwi m'għandhomx jiġu mxekkla jew skoraġġuti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. L-inkompatibbiltà u l-kumplessità tas-sistemi ġuridiċi jew amministrattivi fl-Istati Membri m'għandhomx ikunu ostaklu. Il-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam sensittiv tkopri l-liġi ċivili klassika, li tinkludi firxa wiesgħa ta' oqsma li jvarjaw mil-liġi tal-familja sal-liġi kuntrattwali. Tkopri wkoll il-leġiżlazzjoni proċedurali ċivili, li sa ftit ilu kienet prerogattiva esklużiva tal-Istati Membri. Il-qasam tar-regoli dwar il-liġi kuntrattwali privata fl-UE jaqa' taħt il-liġi ċivili tal-UE, iżda għandu rabta mill-qrib mal-moviment liberu tal-merkanzija u tas-servizzi u għaldaqstant huwa rregolat mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar is-suq uniku (2.1.7).

Il-liġi internazzjonali privata għandha l-għan li tindirizza l-aspetti transfruntiera tal-kwistjonijiet kollha b'rabta mar-relazzjonijiet bejn persuni privati, bħal-liġi tal-familja, il-liġi tal-proprjetà u l-liġi kuntrattwali. Il-miżuri marbuta mal-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntiera jridu jiġu adottati mill-Kunsill b'mod unanimu (l-Artikolu 81(3) tat-TFUE, it-tieni subparagrafu). L-għodod ewlenin biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja transfruntiera huma l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, ibbażat fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, u l-kooperazzjoni ġudizzjarja diretta bejn il-qrati nazzjonali.

Il-liġi internazzjonali privata għandha influwenza diretta fuq l-ordinament ġuridiku tal-UE. L-UE ilha Membru tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat mit-3 ta' April 2007. Il-Konferenza tal-Aja hija organizzazzjoni globali u intergovernattiva li għandha l-għan li progressivament tgħaqqad ir-regoli stabbiliti fil-liġi internazzjonali privata. Għalhekk tiżviluppa u toffri servizzi ta' strumenti ġuridiċi multilaterali, li jsiru legalment vinkolanti f'pajjiżi li huma parti għaliha. Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat hija komposta minn 91 Membru (90 Stat u l-Unjoni Ewropea) u tadotta konvenzjonijiet li jittrattaw kwistjonijiet tal-liġi ċivili bħan-notifika, il-kumpilazzjoni ta' xhieda barra mill-pajjiż, l-aċċess għall-ġustizzja, il-ħtif internazzjonali tat-tfal, l-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor, il-kunflitti tal-liġijiet relatati mal-forma tad-dispożizzjonijiet

testamentarji, l-obbligi ta' manteniment, ir-rikonoxximent tad-divorzji, u l-abolizzjoni tal-legalizzazzjoni għal dokumenti pubbliċi barranin (jiġifieri l-Konvenzjoni dwar l-Apostille).

L-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili hija prinċipalment immirata biex tilħaq dawn l-objettivi:

— li tiżgura li jkun hemm grad għoli ta' ċertezza legali għaċ-ċittadini fir-relazzjonijiet transfruntiera rregolati mil-liġi ċivili;

— li tiggarantixxi li ċ-ċittadini jkollhom aċċess faċli u effettiv għall-ġustizzja ċivili fis-soluzzjoni ta' tilwim transfruntier;

— li tissimplifika l-istrumenti ta' kooperazzjoni transfruntiera bejn il-qrati ċivili nazzjonali;

— li tappoġġja t-taħriġ tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju.

Kull att leġiżlattiv li jkun qed jitħejja jrid jintbagħat lill-parlamenti nazzjonali (l-Artikolu 12 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)). Barra minn hekk, il-parlamenti nazzjonali għandhom id-dritt joġġezzjonaw għal deċiżjonijiet li jikkonċernaw ċerti aspetti tal-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntiera. Tali deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu biss skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja jekk l-ebda parlament nazzjonali ma jopponihom (l-Artikolu 81(3) tat-TFUE, it-tielet subparagrafu).

## IL-KISBIET

### A. L-iżvilupp tal-liġi primarja fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili

Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili ma kinitx waħda mill-objettivi tal-Komunità Ewropea meta ġie adottat it-trattat fundatur. Madankollu, l-Artikolu 220 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea kien jistipula li l-Istati Membri huma marbuta li jissimplifikaw "[il-]formalitajiet li jirregolaw ir-rikonoxximent reċiproku u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-qrati jew tat-tribunali u d-deċiżjonijiet arbitrali". Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili uffiċjalment iddaħħlet fl-isfera ta' azzjoni tal-UE permezz tat-Trattat ta' Maastricht (1.1.3), fl-isfond intergovernattiv tal-pilastru "Ġustizzja u Affarijiet Interni". It-Trattat ta' Amsterdam ġab il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili fl-isfera Komunitarja, billi ttrasferiha mit-TUE għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, għalkemm m'għamilhiex soġġetta għall-metodu Komunitarju. It-Trattat ta' Nizza (1.1.4) ppermetta li jiġu adottati l-miżuri rilevanti tal-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – bl-esklużjoni tal-liġi tal-familja – skont il-proċedura leġiżlattiva ta' kodeċiżjoni.

Il-Kunsill Ewropew ta' Tampere (Ottubru 1999) qiegħed il-pedamenti biex jinħoloq l-Ispazju Ewropew ta' Ġustizzja. Wara li ġie rikonoxxut li ma kienx sar biżżejjed biex dan jiġi implimentat, tnieda pjan ta' azzjoni ġdid għas-snin 2005-2010 mill-Kunsill Ewropew ta' The Hague (Novembru 2004). Il-Programm ta' The Hague ssottolinja l-ħtieġa li titkompla l-implimentazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku u li jiġi estiż għal oqsma ġodda bħall-proprjetà tal-familja, is-suċċessjonijiet u t-testmenti. Dan il-programm ġie segwit mill-Programm ta' Stokkolma, li jirrappreżenta pjan direzzjonali għal żviluppi futuri fl-ispazju ta' libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja matul il-perjodu ta' ħames snin mill-2010 sal-2014.

Permezz tat-Trattat ta' Lizbona (1.1.5), il-miżuri kollha fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili saru soġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Madankollu, il-liġi tal-familja għadha soġġetta għal proċedura leġiżlattiva speċjali: il-Kunsill jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta mal-Parlament.

Ta' min jinnota li d-Danimarka u l-Irlanda għandhom l-esklużjoni fakultattiva mit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE (spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja), skont il-Protokolli Nru 21 u 22 annessi mat-Trattati. L-Irlanda għandha esklużjoni fakultattiva flessibbli mil-leġiżlazzjoni adottata f'dan l-ispazju, li tippermettilha li tagħżel jekk tipparteċipax jew le fil-leġiżlazzjoni u fl-inizjattivi leġiżlattivi skont kull każ partikolari (il-Protokoll Nru 21 anness mat-Trattati). Għall-kuntrarju, id-Danimarka għandha esklużjoni fakultattiva aktar riġida mill-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li jfisser li hija ma tipparteċipa xejn f'din il-politika. Fin-negozjati tat-Trattat ta' Liżbona, id-Danimarka kisbet l-għażla li tikkonverti l-esklużjoni fakultattiva tagħha f'esklużjoni fakultattiva flessibbli fuq il-mudell tal-esklużjoni fakultattiva Irlandiża (il-Protokoll Nru 22). Fit-3 ta' Diċembru 2015, sar referendum biex jiġi approvat l-eżerċizzju ta' din l-għażla (4.2.1). Dan ġie rifjutat minn 53% tal-votanti.

**B.** Il-leġiżlazzjoni ewlenija adottata

**1.** Determinazzjoni tal-qorti kompetenti; ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet f'kawżi extraġudizzjarji

L-istrument prinċipali f'dan il-qasam huwa r-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ("ir-Regolament Brussell Ia"). Ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'kawżi ċivili u kummerċjali oriġinarjament kienu żgurati fi ħdan il-Komunitajiet Ewropej mill-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968, trattat iffirmat minn dawk li kienu s-sitt Stati Membri. Ir-Regolament Brussell I għandu l-għan li jarmonizza r-regoli dwar il-kunflitt ta' ġuriżdizzjoni fl-UE u jissimplifika u jħaffef ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali. Ħa post il-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968 fl-2002 u ġie riformulat fl-2012. Huwa ssupplimentat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri ("ir-Regolament Brussell IIa").

Sabiex ir-reġim ta' rikonoxximent jiġi estiż għall-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), fl-1988, dawk li kienu t-12-il Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej iffirmaw trattat, il-Konvenzjoni ta' Lugano, ma' dawk li kienu s-sitt membri tal-EFTA – l-Awstrija, il-Finlandja, l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvezja u l-Iżvizzera – peress li l-Istati Membri tal-EFTA ma kinux eliġibbli biex jiffirmaw il-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968. It-test issa ġie kompletament sostitwit minn verżjoni tal-2007, il-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (il-Konvenzjoni ta' Lugano), konkluża bejn l-UE, id-Danimarka f'isimha stess u tlieta mill-erba' membri l-oħra tal-EFTA (l-Iżvizzera, in-Norveġja u l-Iżlanda). Il-Liechtenstein, l-uniku Stat li aderixxa mal-EFTA wara l-1988, ma ffirmax il-konvenzjoni. Fit-2 ta' April 2020, ir-Renju Unit talab li jerġa' jingħaqad mal-Konvenzjoni ta' Lugano wara l-Brexit, f'konformità mal-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, peress li ma kienx għadu parti għal din il-Konvenzjoni. Skont l-Artikoli 70 u 72(3) tal-Konvenzjoni, hija meħtieġa aċċettazzjoni unanima mill-Istati Kontraenti – li kollha tawha. Iżda skont l-"Opinjoni ta' Lugano" tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (l-Opinjoni 1/03 tal-2006), kwalunkwe adeżjoni bħal din taqa' totalment fl-isfera ta' kompetenza esklużiva tal-UE, u għalhekk għandha tiddeċiedi dwar it-talba tar-Renju Unit għal adeżjoni mill-

ġdid. Fil-valutazzjoni tagħha (COM(2021)0222), il-Kummissjoni Ewropea rrifjutat li tagħti l-adeżjoni, fuq il-bażi li l-Konvenzjoni ta' Lugano kienet maħsuba għal Stati b'integrazzjoni regolatorja mill-qrib mal-UE. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-Konvenzjoni tal-Aja għandha tintuża għar-relazzjonijiet bejn l-UE u pajjiżi mhux tal-UE li huma inqas allinjati mill-qrib. Konsegwentement, il-Konvenzjoni tal-Aja (jiġifieri l-"Konvenzjoni dwar is-Sentenzi" tat-2 ta' Lulju 2019 dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi Barranin f'Materji Ċivili jew Kummerċjali) tista' tkun qafas aħjar għal kooperazzjoni futura bejn l-UE u r-Renju Unit fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili.

Il-mobbiltà qed tiżdied u dan ifisser li qed jiżviluppaw rabtiet familjari fost individwi ta' nazzjonalitajiet differenti. Koppji binazzjonali jeħtieġ li jkunu jafu x'isem jieħdu uliedhom u persuni divorzjati jeħtieġ li jkunu jistgħu jibdew mill-ġdid f'pajjiż ieħor mingħajr ma' jaqtgħu l-kuntatt minn ma' wliedhom. Fir-rigward ta' minuri li jinħatfu minn wieħed mill-ġenituri tagħhom, il-Konvenzjoni ta' The Hague dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, li minn Novembru 2022 għandha 103 Stat kontraenti inklużi l-Istati Membri tal-UE kollha, hija bbażata fuq objettiv sempliċi ħafna: ir-ritorn immedjat tal-minuri maħtuf. B'mod parallel, ir-Regolament ta' Brussell IIa ġie riformulat reċentement u wieħed mill-objettivi ewlenin tar-reviżjoni tiegħu huwa li jittejbu r-regoli ġuridiċi li jipproteġu lit-tfal f'kawżi ta' tilwim transfruntier dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, bħal dawk relatati mal-kustodja, id-drittijiet ta' aċċess u l-ħtif ta' minuri.

Sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru internazzjonali tal-obbligi ta' manteniment, f'Diċembru 2008 il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 4/2009. Dan ir-Regolament għaqqad fi strument wieħed ir-regoli uniformi dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn awtoritajiet nazzjonali. Bl-iskop li jtejjeb l-effiċjenza u l-effikaċja tal-proċedimenti ta' insolvenza transfruntiera, ir-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza jistabbilixxi regoli uniformi dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-liġi applikabbli f'dan il-qasam. Sabiex jitneħħa l-exequatur għad-deċiżjonijiet relatati ma' talbiet mhux kontestati, il-Parlament u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati. Ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni jfittex li jelimina l-ostakoli li jiltaqgħu magħhom iċ-ċittadini fl-infurzar tad-drittijiet tagħhom fil-kuntest tas-suċċessjonijiet internazzjonali.

Minħabba l-konsegwenzi ġuridiċi differenti li jirriżultaw mill-karatteristiċi distinti taż-żwieġ u tas-sħubijiet reġistrati, il-Kummissjoni, fl-2011, ippreżentat żewġ proposti separati għal regolamenti li jistabbilixxu reġimi ta' proprejtà għall-koppji internazzjonali – wieħed għall-koppji miżżewġin u l-ieħor għas-sħubijiet reġistrati – dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet relatati mas-sistemi li jirregolaw ir-reġimi ta' proprejtà matrimonjali.

**2.** L-armonizzazzjoni tar-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet

Ġew adottati għadd ta' strumenti fil-livell tal-UE biex jindirizzaw il-kwistjonijiet l-aktar kruċjali b'rabta mal-liġi internazzjonali privata (jiġifieri r-Regolamenti ta' Brussell u ta' Ruma). Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali ("ir-Regolament Ruma I"). L-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 864/2007

tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("ir-Regolament Ruma II") ippermettiet il-ħolqien ta' ġabra uniformi ta' regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet għall-obbligi mhux kuntrattwali f'materji ċivili u kummerċjali. Għaldaqstant, l-intenzjoni tiegħu hija li jittejbu ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà tal-eżitu tal-litigazzjoni. Ir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet relatati mal-obbligi ta' manteniment huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 (ara hawn fuq). Fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali, f'Diċembru 2010, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1259/2010, li jistabbilixxi qafas legali ċar u komprensiv għad-divorzju u s-separazzjoni legali. F'dak li jikkonċerna s-suċċessjonijiet internazzjonali, ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 jiddetermina, fost affarijiet oħra, il-liġi applikabbli.

**3.** Il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja

Sabiex jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwim transfruntier, il-Kunsill adotta d-Direttiva 2003/8/KE, li tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn. L-iskop tad-Direttiva huwa li jiġi garantit livell "adegwat" ta' għajnuna legali fit-tilwim transfruntier għal persuni li ma jkollhomx biżżejjed riżorsi. Sabiex l-aċċess għall-ġustizzja jsir aktar faċli u effikaċi għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej, l-Unjoni Ewropea introduċiet regoli ta' proċedura komuni bil-ħsieb li tissimplifika u tħaffef il-litigazzjoni transfruntiera li tikkonċerna talbiet żgħar, kif ukoll l-irkupru transfruntier ta' talbiet għal flus mhux ikkontestati fit-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea. Dawn jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 861/2007, li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, u r-Regolament (KE) Nru 1896/2006 li joħloq Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea. Dawn il-proċeduri huma fakultattivi u addizzjonali għall-proċeduri previsti mil-liġi nazzjonali. Id-Direttiva 2008/52/KE tistabbilixxi regoli komuni dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali sabiex iżżid iċ-ċertezza legali u għaldaqstant tinkoraġġixxi l-użu ta' dan il-metodu ta' soluzzjoni tat-tilwim.

**4.** L-istrumenti ta' kooperazzjoni transfruntiera bejn il-qrati ċivili nazzjonali

L-Artikolu 81(2)(a) u (c) tat-TFUE jagħti wkoll lill-Parlament u lill-Kunsill il-kompitu li jadottaw miżuri bl-għan li jiżguraw ir-rikonoxximent reċiproku u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-kompatibbiltà tar-regoli nazzjonali fir-rigward tal-kunflitt tal-liġijiet u tal-ġuriżdizzjoni. Ir-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) (riformulazzjoni)għandu l-għan li jissimplifika u jħaffef it-trażmissjoni ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji bejn l-Istati Membri u li għaldaqstant iżid l-effiċjenza u l-ħeffa tal-proċeduri ġudizzjarji. Sabiex jissimplifika u jħaffef il-kooperazzjoni bejn il-qrati fid-diversi Stati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2020/1783 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali. Sabiex tittejjeb, tiġi ssimplifikata u titħaffef il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri u biex jiġi promoss l-aċċess għall-ġustizzja għaċ-ċittadini involuti f'tilwim transfruntier, ġie stabbilit Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001. In-network jikkonsisti f'punti ta' kuntatt magħżula mill-Istati Membri, l-awtoritajiet ċentrali previsti f'ċerti strumenti tal-UE, maġistrati ta' kollegament u kwalunkwe awtorità oħra li jkollha responsabbiltajiet fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn atturi Statali (qrati u awtoritajiet ċentrali). Id-Deċiżjoni 2001/470/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni 568/2009/KE tat-18 ta' Ġunju 2009 bl-għan li ttejjeb u ssaħħaħ ir-rwol tan-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali. Id-deċiżjoni introduċiet bidla maġġuri: l-assoċjazzjonijiet professjonali li

jirrappreżentaw lill-prattikanti fil-qasam legali, b’mod partikolari l-avukati, in-nutara u l-marixxalli, tħallew jingħaqdu man-network.

L-iżvilupp tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-kommunikazzjoni fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja jikkostitwixxi għodda oħra għas-simplifikazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji ċivili. Dan il-proġett tnieda f’Ġunju 2007 u wassal għal Strateġija Ewropea tal-Ġustizzja Elettronika. L-għodod tal-Ġustizzja Elettronika jkopru: il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, li huwa maħsub biex jiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u l-impriżi fl-Ewropa; l-interkonnessjoni tar-rekords kriminali fil-livell Ewropew; użu aħjar tal-vidjokonferenzi waqt il-proċedimenti ġudizzjarji; għodod innovattivi tat-traduzzjoni bħat-traduzzjoni awtomatizzata; formoli dinamiċi online; u bażi tad-data Ewropea ta’ tradutturi u interpreti legali. It-Tabella ta’ Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE, li l-Kummissjoni tippubblika kull sena, hija għodda ta’ informazzjoni bl-għan li tgħin lill-UE u lill-Istati Membri jiksbu ġustizzja aktar effettiva billi tipprovdi data oġġettiva, affidabbli u komparabbli dwar il-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja fl-Istati Membri kollha. Din id-data hija essenzjali biex tappoġġja r-riformi fis-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Ħlief għal-liġi tal-familja, meta l-Kunsill jaġixxi unanimament u l-Parlament jiġi biss ikkonsultat, il-proċedura leġiżlattiva ordinarja hija applikata għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili. Il-Parlament Ewropew żvolġa rwol attiv fid-definizzjoni tal-kontenut tal-istrumenti leġiżlattivi msemmija hawn fuq. Fl-imgħoddi, il-Parlament innota li hemm bżonn ta’ kultura ġudizzjarja Ewropea ġenwina sabiex iċ-ċittadini jingħataw il-benefiċċji kollha tad-drittijiet tagħhom skont it-trattati. Wieħed mill-aktar aspetti importanti f’dan ir-rigward huwa t-taħriġ, b’mod partikolari fil-qasam ġuridiku. F’Ġunju 2013, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar it-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja: l-għajnuna legali f’tilwim ċivili u kummerċjali transkonfinali.

Fil-qasam tal-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ta’ reġimi ta’ proprjetà ta’ koppji internazzjonali, li tkopri kemm ir-reġimi ta’ proprjetà matrimonjali kif ukoll il-konsegwenzi patrimonjali ta’ sħubijiet reġistrati. il-Parlament kien ta l-kunsens tiegħu fl-2013, iżda ż-żewġ atti kienu baqgħu mblukkati għal snin sħaħ fil-Kunsill. Għaldaqstant, tlieta u għoxrin Stat Membru qablu dwar il-kooperazzjoni msaħħa (l-Artikolu 20 tat-TUE) sabiex isir progress fuq l-abbozz ta’ leġiżlazzjoni. Fil-bidu tal-2016, il-Kummissjoni fasslet proposti ġodda għal atti li s-sustanza tagħhom kienet ibbażata fuq il-votazzjoni tal-Parlament u l-kompromessi miksuba preċedentement. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1103 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ deċiżjonijiet f’materji ta’ reġimi ta’ proprjetà matrimonjali ġie finalment adottat fl-24 ta’ Ġunju 2016.

Rigward il-proċeduri tal-qorti ċivili fl-Unjoni Ewropea, f’Lulju 2017 il-Parlament talab lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 225 tat-TFUE, biex sat-30 ta’ Ġunju 2018, tressaq proposta għal att leġiżlattiv abbażi tal-Artikolu 81(2) tat-TFUE, dwar standards minimi komuni ta’ proċedura ċivili. It-test tad-direttiva proposta tal-UE anness mar-riżoluzzjoni tal-Parlament ifittex li japprossima s-sistemi ta’ proċedura ċivili sabiex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għad-dritt għal proċess ġust kif rikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (4.1.2) billi jistabbilixxi standards minimi li jikkonċernaw il-bidu, it-twettiq u l-konklużjoni ta’ proċedimenti ċivili quddiem il-qrati jew it-tribunali tal-Istati Membri.

Il-kariga ta' Medjatur tal-Parlament Ewropew għall-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri mill-Ġenituri nħolqot fl-1987 sabiex tgħin lit-tfal minn żwiġijiet/relazzjonijiet binazzjonali li jisfaw vittmi ta' ħtif ta' minuri mill-ġenituri. It-titlu ta' din il-kariga, li dejjem kienet okkupata minn Membru attwali tal-PE, f'April 2018, ġie mibdul għal "Koordinatur tal-Parlament Ewropew dwar id-Drittijiet tat-Tfal" taħt Elisabeth Morin-Chartier, biex tiġi riflessa l-evoluzzjoni tal-mandat mogħti lill-pożizzjoni biex jiġu koperti d-drittijiet tat-tfal.

Ewa Kopacz ilha tokkupa l-pożizzjoni ta' Koordinatur tal-Parlament Ewropew dwar id-Drittijiet tat-Tfal mil-Lulju 2019. Il-predeċessuri tagħha fil-kariga kienu Anna Maria Corazza Bildt (2019), Elisabeth Morin-Chartier (2017-2019), Mairead McGuinness (2014-2017), Roberta Angelilli (2009-2014), Evelyne Gebhardt (2004-2009), Mary Banotti (1995-2004) u Marie-Claude Vayssade (1987-1994).

Fis-27 ta' Ġunju 2023, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament adotta r-rapport tiegħu dwar il-proposta għal direttiva dwar litigazzjoni abbużiva mmirata lejn il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet, li nbeda wara r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-11 ta' Novembru 2021 dwar it-tisħiħ tad-demokrazija u l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fl-UE: l-użu indebitu ta' azzjonijiet fl-ambitu tad-dritt ċivili u kriminali biex jissikktu l-ġurnalisti, l-NGOs u s-soċjetà ċivili u studju mid-Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali tal-Parlament li jappella għall-introduzzjoni ta' direttiva kontra kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs) u għal riformi tar-Regolament Brussell Ia u r-Regolament Ruma II. In-negozjati interistituzzjonali għadhom għaddejjin.

Fit-23 ta' Novembru 2023, il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta għal regolament dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, f'konformità mal-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku", filwaqt li jiżgura s-salvagwardji meħtieġa (irrikonoxxa b'mod speċifiku l-ħtieġa li tiġi evitata l-esklużjoni soċjali). Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u l-effiċjenza u r-reżiljenza tal-flussi ta' komunikazzjoni inerenti għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji f'kawżi transfruntiera tal-UE, peress li l-użu tat-teknoloġiji diġitali għandu l-potenzjal li jagħmel is-sistemi ġudizzjarji aktar effiċjenti, billi jtaffi l-piżijiet amministrattivi, itaffi l-ħinijiet tal-ipproċessar tal-każijiet, jagħmel il-komunikazzjoni aktar sigura u affidabbli, u parzjalment jawtomatizza t-trattament tal-kawżi. L-adozzjoni tar-regolament hija mistennija sa tmiem l-2023.

Il-Parlament ikkummissjona studju li janalizza l-implikazzjonijiet tal-Brexit fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili. L-istudju jindika li għandhom isiru sforzi biex jiġu konklużi trattati ġodda bejn l-UE u r-Renju Unit f'dawk l-oqsma fejn hemm lakuna regolatorja, b'mod partikolari fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. Aktar riċerka reċenti f'dan il-qasam tinkludi studji mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali dwar talbiet transfruntiera għall-arti misruqa, il-liġi kuntrattwali kummerċjali Ewropea u l-kuntratti ta' akkwiżizzjoni imposti minn pjattaformi fis-settur kulturali u kreattiv.

Din l-iskeda informattiva tħejjiet mid-Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali tal-Parlament Ewropew.

Udo Bux / Mariusz Maciejewski
11/2023

# 4.2.6. IL-KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA F'MATERJI KRIMINALI

Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali hija bbażata fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji u tinkludi miżuri għat-tqarrib tal-liġijiet tal-Istati Membri f'diversi oqsma. It-Trattat ta' Liżbona pprovda bażi aktar soda għall-iżvilupp ta' spazju ta' ġustizzja kriminali, filwaqt li stabbilixxa wkoll setgħat ġodda għall-Parlament Ewropew.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 82 sa 86 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-OBJETTIVI

L-eliminazzjoni progressiva tal-kontrolli fil-fruntieri fl-UE ffaċilitat konsiderevolment il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE, iżda għamlitha wkoll aktar faċli biex il-persuni kriminali joperaw fuq livell tranżnazzjonali. Sabiex tiġi indirizzata l-isfida tal-kriminalità transfruntiera, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jinvolvi miżuri maħsuba biex jippromwovu l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Il-punt ta' tluq huwa l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku. Ġew adottati miżuri speċifiċi biex jiġu miġġielda l-kriminalità u t-terroriżmu tranżnazzjonali u biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi, il-persuni suspettati u l-priġunieri fl-UE kollha.

## IL-KISBIET

**A.** L-atti leġiżlattivi ewlenin tal-UE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

**1.** Il-proċeduri tal-adozzjoni

Skont it-TFUE, il-biċċa l-kbira tal-miżuri għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali jiġu adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u huma soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, anke jekk ma jiġux ikkunsidrati l-karatteristiċi speċifiċi tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (nonparteċipazzjoni għall-Irlanda u d-Danimarka (ara l-Protokolli 21 u 22 annessi mat-TFUE) u r-rwol privileġġjat tal-parlamenti nazzjonali (ara l-Protokolli 1 u 2)), il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, flimkien mal-kooperazzjoni tal-pulizija, għadha ma ġietx kompletament integrata fil-qafas tal-UE u żammet xi wħud mill-karatteristiċi oriġinali tagħha minn qabel it-Trattat ta' Liżbona:

— il-Kummissjoni tikkondividi s-setgħa ta' inizjattiva tagħha mal-Istati Membri, dment li dawn ikunu jirrappreżentaw kwart tal-membri tal-Kunsill (l-Artikolu 76 tat-TFUE);

— il-Parlament jiġi sempliċement ikkonsultat dwar miżuri speċifiċi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li mbagħad jiġu adottati b'mod unanimu mill-Kunsill. Fin-nuqqas ta' unanimità fil-Kunsill, għadu possibbli li disa' Stati Membri jew aktar jaħdmu flimkien abbażi ta' kooperazzjoni msaħħa.

**2.** L-atti leġiżlattivi ewlenin adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja

**a.** L-istandards minimi komuni għall-proċedimenti kriminali:

— id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali;

— id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali;

— id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà;

— id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali;

— id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali;

— id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew.

**b.** Il-ġlieda kontra t-terroriżmu:

— id-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja;

— id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI;

— ir-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online;

— ir-Regolament (UE) 2023/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu.

**c.** Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, iċ-ċiberkriminalità, il-frodi u l-ħasil tal-flus:

— id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI (id-Direttiva dwar iċ-Ċiberkriminalità);

— id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta’ April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta’ mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea;

— id-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq);

— id-Direttiva 2014/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI;

— id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali;

— id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 li jemenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu;

— id-Direttiva (UE) 2018/1673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali;

— ir-Regolament (UE) 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Novembru 2018 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta’ ordnijiet ta’ ffriżar u ordnijiet ta’ konfiska;

— id-Direttiva (UE) 2019/713 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta’ mezzi ta’ pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI.

**d.** L-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE:

— id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta’ April 2014 dwar l-Ordni ta’ Investigazzjoni Ewropew f’materji kriminali;

— ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta’ Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA);

— ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali;

— ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta’ Stati Membri fil-pussess ta’ informazzjoni dwar kundanni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726. Dan ir-Regolament huwa konness mad-Direttiva (UE) 2019/884 tas-17 ta’ April 2019 li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta’ informazzjoni dwar ċittadini ta’ pajjiżi terzi u fir-rigward tas-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali (ECRIS);

— ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta’ qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta’ informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni;

— id-Direttiva (UE) 2023/977 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Mejju 2023 dwar l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI;

— ir-Regolament (UE) 2023/1543 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 2023 dwar l-Ordnijiet ta’ Produzzjoni Ewropej u l-Ordnijiet ta’ Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali u għall-eżekuzzjoni ta’ sentenzi ta’ kustodja wara proċedimenti kriminali;

— id-Direttiva (UE) 2023/1544 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 2023 li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar id-deżinjazzjoni ta’ stabbilimenti deżinjati u l-ħatra ta’ rappreżentanti legali għall-fini ta’ ġbir ta’ evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali.

**e.** Il-protezzjoni tal-vittmi:

— id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu;

— id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija;

— id-Direttiva 2011/99/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar l-ordni Ewropea ta’ protezzjoni;

— id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità.

**B.** L-aġenziji għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali u korpi relatati oħra

**1.** L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)

Il-Eurojust tistimula u ttejjeb il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet fl-Istati Membri. B’mod partikolari, din tiffaċilita l-eżekuzzjoni ta’ talbiet ta’ għajnuna legali reċiproka internazzjonali u l-implimentazzjoni ta’ talbiet ta’ estradizzjoni. Il-Eurojust tappoġġa lill-awtoritajiet tal-Istati Membri bi kwalunkwe mod possibbli sabiex l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tagħhom relatati mal-kriminalità transfruntiera jkunu aktar effikaċi.

Il-Eurojust tista’ tassisti lil Stat Membru, fuq talba tiegħu, f’investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li jikkonċernaw l-Istat Membru inkwistjoni u Stat mhux Membru jekk il-Eurojust u l-Istat mhux Membru jkunu kkonkludew ftehim ta’ kooperazzjoni jew jekk ikun intwera interess essenzjali.

Il-Eurojust tkopri l-istess tipi ta’ delitti u reati li għalihom l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għandha kompetenza, bħalma huma t-terroriżmu, it-traffikar tad-droga, it-traffikar ta’ bnedmin, il-kontrafazzjoni, il-ħasil tal-flus, iċ-ċiberkriminalità, ir-reati kontra l-proprjetà jew il-beni pubbliċi, inklużi l-frodi u

l-korruzzjoni, ir-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE, ir-reati ambjentali u l-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali. Il-Eurojust tista', fuq talba ta' Stat Membru, tgħin ukoll f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ta' tipi oħra ta' reati.

Wara l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fi Frar 2022, skwadra ta' investigazzjoni konġunta tal-UE appoġġata mill-Eurojust bdiet topera fl-Ukrajna f'Marzu 2022 u għadha attiva sal-lum. Fl-14 ta' April 2023, is-seba' membri tal-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta qablu li jinvestigaw mhux biss l-allegati delitti tal-gwerra, iżda wkoll id-delitti ta' ġenoċidju mwettqa fl-Ukrajna. Laqgħu wkoll il-wegħda tad-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Istati Uniti li jissekonda prosekutur għaċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna. Il-Eurojust tospita wkoll Bażi ta' Data ta' Evidenza dwar Delitti Internazzjonali Ewlenin (CICED) biex tappoġġa l-ħidma tal-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta u investigazzjonijiet oħra dwar reati internazzjonali.

F'April 2022, il-Kummissjoni ppubblikat proposta biex tespandi l-mandat tal-Eurojust. Il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim ftit ġimgħat wara dwar il-mandat rivedut, li qed jippermetti lill-Eurojust tippreserva, tanalizza u taħżen evidenza ta' delitti tal-gwerra, ġenoċidju u delitti kontra l-umanità u taqsamha mal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Istati Membri u mal-Qorti Kriminali Internazzjonali. Ir-Regolament dwar il-Eurojust il-ġdid ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE fil-31 ta' Mejju 2022 u daħal fis-seħħ l-għada.

Il-qafas legali preċedenti għall-Eurojust (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust) daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ġunju 2009. Fit-12 ta' Diċembru 2019, beda japplika r-Regolament (UE) 2018/1727. Il-qafas legali attwali tal-Eurojust huwa r-Regolament (UE) 2022/838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 fir-rigward tal-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati.

Kull sena, il-Eurojust tippubblika rapport annwali. Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Eurojust ippubblikat ir-rapport annwali 2022 tagħha. It-tliet tipi ewlenin ta' kriminalità indirizzati mill-aġenzija fl-2022 kienu t-truffa u l-frodi, it-traffikar tad-drogi u l-ħasil tal-flus.

Il-Eurojust hija bbażata f'The Hague fin-Netherlands.

**2.** L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-"UPPE") ilu fis-seħħ mill-20 ta' Novembru 2017. Il-Parlament ta l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' regolament tal-Kunsill fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2017.

L-UPPE huwa uffiċċju indipendenti inkarigat mill-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja għal reati kontra l-baġit tal-UE, bħal frodi, korruzzjoni jew frodi transfruntiera tal-VAT b'valur ta' aktar minn EUR 10 miljun. Il-lista ta' reati tista' tiġi estiża fil-futur biex tinkludi, pereżempju, it-terroriżmu.

Il-Parlament u l-Kunsill ħatru, bi qbil komuni, l-ewwel Kap Prosekutur Ewropew, Laura Codruța Kövesi, għal mandat ta' seba' snin li ma jiġġeddidx.

S'issa, 22 Stat Membru aderew mal-UPPE u l-ftit Stati Membri li bħalissa ma jipparteċipawx jistgħu jaderixxu fi kwalunkwe mument. L-uffiċċju ċentrali tal-UPPE huwa bbażat fil-Lussemburgu, flimkien mal-uffiċċji tal-Kap Prosekutur u l-Kulleġġ ta'

Prosekuturi mill-Istati Membri parteċipanti kollha. Huma jmexxu l-investigazzjonijiet kriminali kurrenti mwettqa mill-prosekuturi delegati.

L-UPPE beda l-operazzjonijiet tiegħu fl-1 ta' Ġunju 2021 u diġà qed iwettaq ħafna investigazzjonijiet. Tkompli wkoll il-ħidma f'għadd ta' oqsma, inkluż l-adattament tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali għar-regolamenti dwar l-UPPE, il-ħatra tal-Prosekuturi Delegati Ewropej u r-reklutaġġ tal-persunal.

Fit-23 ta' Marzu 2023, l-UPPE ppreżenta r-rapport annwali tiegħu għall-2022 quddiem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew. Fl-2022, l-UPPE rċieva u pproċessa 3 318-il rapport ta' kriminalità u fetaħ 865 investigazzjoni. Barra minn hekk, l-imħallfin taw ordnijiet ta' ffriżar ta' ammont ta' EUR 359,1 miljun b'rabta ma' investigazzjonijiet tal-UPPE (meta mqabbla ma' EUR 147,3 miljun fl-2021), li huwa ekwivalenti għal aktar minn seba' darbiet il-baġit tal-organizzazzjoni għall-2022.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament żvolġa rwol ewlieni fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, billi għamel mill-ġlieda kontra l-kriminalità u l-korruzzjoni prijorità politika. Huwa qed jaħdem fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fuq bażi ugwali mal-Kunsill. Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja tapplika għal kważi l-oqsma kollha tal-liġi kriminali tal-UE, bi ftit eċċezzjonijiet, inkluża, b'mod partikolari, il-proċedura ta' approvazzjoni biex jiġi stabbilit l-UPPE.

L-istrument ewlieni biex tinkiseb kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fost l-Istati Membri huwa l-Eurojust. Waqt ir-riforma tal-Eurojust, il-Parlament ippromwova b'mod attiv skrutinju parlamentari akbar u regoli tal-protezzjoni tad-data mtejba.

Fl-1 ta' Diċembru 2020, il-Parlament organizza (permezz ta' parteċipazzjoni remota minħabba l-COVID-19) l-ewwel laqgħa interparlamentari tal-kumitati dwar l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust. Il-laqgħa kienet iddedikata għall-ewwel valutazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust mill-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 85 tat-TFUE u r-Regolament (UE) 2018/1727. It-tieni laqgħa interparlamentari tal-kumitati dwar l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust ġiet organizzata fl-1 ta' Frar 2022, filwaqt li t-tielet waħda saret fit-30 ta' Novembru 2022. Ir-raba' ICM saret fi Brussell fis-7 ta' Novembru 2023.

Fl-20 ta' Jannar 2021, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u tal-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (u approva wkoll rapport ta' implimentazzjoni dwar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002, adottata qabel it-Trattat ta' Liżbona). F'din ir-riżoluzzjoni, il-Parlament ivvaluta r-riżultati tal-proċedura ġudizzjarja ta' konsenja transfruntiera ssimplifikata li fl-2004 issostitwiet il-proċeduri twal ta' estradizzjoni tal-UE, abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

Fis-6 ta' Ottubru 2021, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-intelliġenza artifiċjali fil-liġi kriminali u l-użu tagħha mill-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji f'materji kriminali.

Il-Parlament bħalissa qed iħejji rapporti (u riżoluzzjonijiet) dwar il-kwistjonijiet li ġejjin: il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika; il-ġlieda kontra l-korruzzjoni; il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi ta' tali traffikar; it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali; id-drittijiet tal-vittmi; il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu; il-konfiska u l-irkupru tal-assi; id-diskors

ta' mibegħda online u l-vjolenza ċibernetika; u l-individwazzjoni u t-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Il-Parlament se jsegwi wkoll inizjattivi reċenti u futuri mill-Kummissjoni fl-oqsma tal-kriminalità organizzata, it-traffikar tad-droga, iċ-ċiberkriminalità, id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, it-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni vjolenti, is-software ta' spjunaġġ intrużiv, id-diżinformazzjoni u l-kontenut illegali online, it-taħriġ ġudizzjarju, l-iżviluppi tal-istat tad-dritt fil-qasam tal-ġustizzja, u l-intelliġenza artifiċjali.

F'Mejju 2022, fid-dawl tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, il-Kummissjoni pproponiet regoli msaħħa ġodda dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi, li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE, li l-ksur tagħhom jiżdied mal-lista ta' reati tal-UE. Il-Parlament huwa involut fil-proċess ta' approvazzjoni għal dawn il-proposti, li tressqu fil-kuntest tat-Task Force "Iffriżar u Sekwestru".

Il-politiki għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali għadhom qed jiżviluppaw, u qed issir enfasi speċjali fuq ġlieda aktar effikaċi kontra t-theddid u l-kriminalità madwar l-UE. Il-Parlament adotta miżuri speċifiċi biex jiġġieled it-terroriżmu, il-kriminalità transnazzjonali, il-korruzzjoni, il-frodi u l-ħasil tal-flus u biex jipproteġi d-drittijiet tal-vittmi, il-persuni suspettati u l-priġunieri madwar l-UE. Ġew adottati wkoll diversi miżuri maħsuba biex itejbu l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri.

Alessandro Davoli
10/2023

# 4.2.7. IL-KOOPERAZZJONI TAL-PULIZIJA

L-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) hija parti ċentrali mill-arkitettura tas-sigurtà interna usa' tal-UE. Il-kooperazzjoni u l-politiki fil-qasam tal-infurzar tal-liġi għadhom f'fażi ta' żvilupp, b'enfasi speċjali fuq il-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità u forom oħra ta' kriminalità serja u organizzata. L-għan ewlieni hu li jkun hemm Ewropa aktar sikura għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha tal-UE, f'konformità mad-drittijiet fundamentali u r-regoli tal-protezzjoni tad-data, kif mitlub diversi drabi mill-Parlament Ewropew.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 33 (kooperazzjoni doganali), 87, 88 u 89 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-OBJETTIVI

Kooperazzjoni effikaċi bejn il-pulizija hija element fundamentali biex l-UE ssir spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja bbażat fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali. L-objettivi tal-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi – bl-involviment tal-pulizija, id-dwana u servizzi tal-infurzar tal-liġi oħrajn – huma l-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali fl-UE kollha. Fil-prattika, din il-kooperazzjoni primarjament tikkonċerna kriminalità serja (bħall-kriminalità organizzata, it-traffikar tad-droga, il-ħasil tal-flus, il-falsifikazzjoni tal-euro, it-traffikar tal-bnedmin u ċ-ċiberkriminalità) u t-terroriżmu. L-Europol hija l-aġenzija tal-infurzar tal-liġi tal-UE.

## IL-KISBIET

**A.** Il-bidu

Il-kooperazzjoni tal-pulizija fost l-Istati Membri bdiet fl-1976 permezz ta' dak li kien magħruf bħala l-"Grupp TREVI", network intergovernattiv ta' rappreżentanti mill-ministeri għall-ġustizzja u l-affarijiet interni. It-Trattat ta' Maastricht imbagħad stabbilixxa kwistjonijiet ta' interess komuni li taw raġunijiet leġittimi għall-kooperazzjoni tal-pulizija (terroriżmu, drogi u forom oħra ta' kriminalità internazzjonali). Barra minn hekk, stabbilixxa l-prinċipju tal-ħolqien ta' "Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija" (Europol), li inizjalment ħa forma bħala l-Unità tad-Drogi tal-Europol. Il-Konvenzjoni tal-Europol ġiet iffirmata fis-26 ta' Lulju 1995, għalkemm l-uffiċċju ma bediex jopera uffiċjalment qabel l-1 ta' Lulju 1999, abbażi tas-setgħat imsaħħa mogħtija mit-Trattat ta' Amsterdam (iffirmat fit-2 ta' Ottubru 1997). Madankollu, il-kooperazzjoni tal-pulizija kienet diġà għamlet progress qabel il-miġja tal-Europol. Bil-ħolqien taż-Żona Schengen fl-1985, li għall-ewwel kienet tinvolvi biss għadd żgħir ta' Stati Membri, il-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-pulizija kienet diġà saret realtà (ara wkoll 4.2.4). Mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, l-*acquis* ta' Schengen – inklużi l-aspetti tiegħu ta' kooperazzjoni tal-pulizija – ġie inkorporat fil-liġi tal-UE, iżda tpoġġa fit-"tielet pilastru" tal-kooperazzjoni intergovernattiva. L-istess approċċ intergovernattiv ġie applikat għall-miżuri ta' kooperazzjoni tal-pulizija adottati minn grupp żgħir ta' Stati Membri taħt it-Trattat ta' Prüm, li kien fih dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' DNA, marki tas-swaba'

u dettalji tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. It-Trattat ta' Prüm ġie introdott b'mod sħiħ fil-livell tal-UE bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008.

**B.** Il-qafas istituzzjonali attwali

Il-qafas istituzzjonali ġie ssimplifikat konsiderevolment permezz tat-Trattat ta' Liżbona (TFUE), u issa l-maġġoranza tal-miżuri fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija jiġu adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja (kodeċiżjoni) u huma soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju mill-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, anke jekk jitħallew fil-ġenb, il-karatteristiċi speċifiċi tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (jiġifieri n-nonparteċipazzjoni għall-Irlanda u d-Danimarka (il-Protokolli 21 u 22 annessi mat-TFUE) u r-rwol privileġġat tal-parlamenti nazzjonali (il-Protokolli 1 u 2)), il-kooperazzjoni tal-pulizija, flimkien mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, għadha ma ġietx kompletament minsuġa fil-qafas Komunitarju u żammet xi wħud mill-karatteristiċi oriġinali tagħha**:**

— il-Kummissjoni tikkondividi s-setgħa ta' inizjattiva mal-Istati Membri, dment li dawn ikunu jirrappreżentaw kwart tal-membri tal-Kunsill (l-Artikolu 76 tat-TFUE);

— il-Parlament jiġi kkonsultat biss dwar miżuri ta' kooperazzjoni operattiva, li jiġu adottati b'mod unanimu mill-Kunsill. Fin-nuqqas ta' unanimità fil-Kunsill, disa' Stati Membri jew aktar jistgħu jaħdmu flimkien abbażi ta' kooperazzjoni msaħħa. F'dan ix-xenarju, il-Kunsill Ewropew jissospendi l-proċess sabiex jintlaħaq kunsens ("sistema ta' sospensjoni" skont l-Artikolu 87(3) tat-TFUE).

**C.** L-atti leġiżlattivi prinċipali dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja:

— id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI (magħrufa bħala d-"Direttiva dwar iċ-Ċiberkriminalità"). L-Istati Membri kellhom sal-4 ta' Settembru 2015 biex jinkorporaw din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali.

— ir-Regolament (UE) 2015/2219 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI, applikabbli mill-1 ta' Lulju 2016.

— id-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja. L-Istati Membri kellhom sal-25 ta' Mejju 2018 biex jinkorporaw id-direttiva fil-liġi nazzjonali.

— id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi (NIS) tal-informazzjoni madwar l-Unjoni. L-Istati Membri kellhom sad-9 ta' Mejju 2018 biex jinkorporaw din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali.

— id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI. L-Istati Membri kellhom sat-8 ta' Settembru 2018 biex jinkorporaw din id-direttiva fil-liġi nazzjonali.

— id-Direttiva (UE) 2021/555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (kodifikazzjoni).

— ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011, applikabbli mill-11 ta' Diċembru 2018.

— ir-Regolament (EU) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE, applikabbli minn mhux aktar tard mit-28 ta' Diċembru 2021.

— ir-Regolament (EU) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816.

— id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI. L-Istati Membri kellhom sal-1 ta' Awwissu 2021 biex jinkorporaw din id-direttiva fil-liġi nazzjonali.

— ir-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online, applikabbli mis-7 ta' Ġunju 2022.

— ir-Regolament (UE) 2022/991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' data personali mill-Europol b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni, applikabbli mit-28 ta' Ġunju 2022.

— id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2). L-Istati Membri huma obbligati jinkorporaw din id-direttiva fil-liġi nazzjonali sat-18 ta' Ottubru 2024.

— id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (Direttiva CER). L-Istati Membri huma obbligati jinkorporaw din id-direttiva fil-liġi nazzjonali sat-18 ta' Ottubru 2024.

— id-Direttiva (UE) 2023/977 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati

Membri u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI; L-Istati Membri huma obbligati jinkorporaw din id-direttiva fil-liġi nazzjonali sat-12 ta’ Diċembru 2024.

— ir-Regolament (UE) 2023/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Ottubru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta’ informazzjoni diġitali f’każijiet ta’ terroriżmu, applikabbli mill-31 ta’ Ottubru 2023.

**D.** L-aġenziji tal-kooperazzjoni tal-pulizija u korpi relatati oħra

**1.** L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)

L-Europol hija aġenzija li l-għan prinċipali tagħha hu li tagħmel lill-Ewropa aktar sikura. Hija tgħin lill-Istati Membri fil-ġlieda tagħhom kontra t-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità u forom oħra ta’ kriminalità serja u organizzata. L-Europol taħdem ukoll ma’ bosta stati sħab terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. L-Europol isservi bħala ċentru ta’ appoġġ għall-operazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi u bħala ċentru ta’ informazzjoni dwar attivitajiet kriminali.

Networks kriminali u terroristiċi fuq skala kbira huma ta’ theddida sinifikanti għas-sigurtà interna tal-UE. L-akbar theddid għas-sigurtà jiġi mit-terroriżmu, it-traffikar internazzjonali tad-droga, il-ħasil tal-flus, il-frodi organizzata, il-falsifikazzjoni tal-euro u t-traffikar tal-bnedmin.

L-Europol waqqfet ukoll unitajiet speċjalizzati biex tirrispondi għal dan it-theddid:

— iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rispons tal-infurzar tal-liġi fir-rigward taċ-ċiberkriminalità fl-UE u b’hekk jikkontribwixxi għall-ħarsien tar-residenti, in-negozji u l-gvernijiet Ewropej mill-kriminalità online;

— iċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti għandu l-għan li jgħin lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra n-networks kriminali kumplessi u sofistikati involuti fit-traffikar ta’ migranti;

— iċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu huwa ċentru ta’ operazzjonijiet u pjattaforma ta’ għarfien espert li jirrifletti l-bżonn dejjem akbar li l-UE ssaħħaħ ir-rispons tagħha għat-terroriżmu;

— iċ-Ċentru Ewropew kontra l-Kriminalità Organizzata u Serja jipprovdi sostenn operazzjonali lill-investigazzjonijiet tal-Istati Membri f’każijiet ta’ prijorità relatati mal-kriminalità serja u organizzata;

— il-Koalizzjoni Koordinata kontra l-Kriminalità tal-Proprjetà Intellettwali tipprovdi sostenn operazzjonali u tekniku lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u lil sħab oħra;

— iċ-Ċentru Ewropew tal-Kriminalità Finanzjarja u Ekonomika huwa ċentru operattiv li jgħin lill-Istati Membri fil-każijiet li jkunu għaddejjin b’rabta ma’ kriminalità finanzjarja u ekonomika;

— FIU.net huwa network ta’ kompjuters deċentralizzat u sofistikat li jgħin lill-Unitajiet ta’ Intelligence Finanzjarja fl-UE fil-ġlieda tagħhom kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

— l-Unità ta’ Indikazzjoni ta’ Kontenut fuq l-Internet tidentifika u tinvestiga kontenut malizzjuż fuq l-internet u fuq in-networks tal-midja soċjali.

L-Europol twaqqfet fil-qafas tar-Regolament dwar l-Europol. Hija bbażata f'The Hague, in-Netherlands. L-Europol tipproduċi diversi rapporti, fosthom ir-Rapport tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu tal-UE (TE-SAT), il-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA), il-Valutazzjoni tat-Theddida mill-Kriminalità Organizzata fuq l-Internet (IOCTA), u rieżami annwali. L-Europol ippubblika s-SOCTA l-aktar reċenti tiegħu f'April 2021, it-TE-SAT l-aktar reċenti tiegħu f'Ġunju 2023 u l-IOCTA l-aktar reċenti tiegħu f'Lulju 2023.

Sabiex ikun hemm obbligu ta' rendikont akbar għall-aġenzija, fl-ambitu tar-Regolament dwar l-Europol twaqqaf Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt (JPSG) dwar l-Europol. L-Artikolu 88 tat-TFUE jipprevedi l-iskrutinju tal-attivitajiet tal-Europol min-naħa tal-Parlament Ewropew, flimkien mal-parlamenti nazzjonali. Skont l-Artikolu 51 tar-Regolament dwar l-Europol, "il-JPSG għandu jwettaq monitoraġġ politiku tal-attivitajiet tal-Europol fit-twettiq tal-missjoni tagħha, inkluż fir-rigward tal-impatt ta' dawk l-attivitajiet fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi". It-13-il laqgħa tal-JPSG ġiet organizzata fl-20 u l-21 ta' Settembru 2023 fi Brussell.

F'Mejju 2022, il-Parlament u l-Kunsill adottaw Regolament ġdid li jemenda l-mandat tal-Europol. Ir-Regolament emendat tal-Europol daħal fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 2022. Ir-Regolament il-ġdid tal-Europol ikopri titjib fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-ipproċessar ta' settijiet kbar ta' data, il-kooperazzjoni ma' partijiet privati u pajjiżi terzi, il-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u kif allerti ġodda fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen jistgħu jiddaħħlu abbażi ta' informazzjoni minn pajjiżi terzi, billi l-Europol issa tista' tissuġġerixxi li l-Istati Membri jdaħħlu allerti. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Europol jista' wkoll jipproponi l-ftuħ ta' investigazzjoni nazzjonali dwar reati mhux transfruntiera li jaffettwaw interess komuni kopert minn xi politika tal-UE.

**2.** L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)

Is-CEPOL hija aġenzija dedikata għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tat-taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi. Is-CEPOL tikkontribwixxi għal Ewropa aktar sikura billi tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien fost l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri, u sa ċertu punt minn pajjiżi terzi, dwar kwistjonijiet li joriġinaw mill-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tas-sigurtà; b'mod partikolari, miċ-ċiklu tal-politika tal-UE dwar il-kriminalità serja u organizzata. L-Aġenzija għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi twaqqfet fil-qafas tar-Regolament dwar is-CEPOL. Hija bbażata f'Budapest, l-Ungerija.

**3.** Il-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI)

Skont l-Artikolu 71 tat-TFUE, "għandu jiġi stabbilit kumitat permanenti fil-Kunsill biex jassigura li koperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna tiġi promossa u msaħħa fi ħdan l-Unjoni. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 240, għandu jiffaċilita l-koordinazzjoni tal-azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Ir-rappreżentanti tal-korpi u l-organi konċernati tal-Unjoni jistgħu jkunu involuti fil-proċedimenti ta' dan il-Kumitat. Il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali għandhom jinżammu infurmati dwar il-proċedimenti." Il-COSI ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 2010 dwar l-istabbiliment ta' Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (2010/131/UE).

**4.** Iċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE

Iċ-Ċentru ta' Analiżi tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE (INTCEN tal-UE) mhuwiex eżattament korp tal-kooperazzjoni tal-pulizija, peress li huwa korp tas-

Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u jittratta biss l-analiżi strateġika. Madankollu, jikkontribwixxi għall-kooperazzjoni tal-pulizija billi jipproduċi valutazzjonijiet tat-theddid abbażi ta' informazzjoni mgħoddija mis-servizzi tal-intelligence, il-militar, id-diplomatiċi u s-servizzi tal-pulizija. L-INTCEN jista' wkoll jagħti kontribut utli minn perspettiva operattiva billi jipprovdi, pereżempju, informazzjoni mill-UE kollha dwar id-destinazzjonijiet, il-motivazzjonijiet u r-rotot tal-ivvjaġġar tat-terroristi.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament kellu rwol ewlieni biex tissawwar il-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija billi s-sikurezza tal-popolazzjoni tal-UE ingħatat prijorità politika. Barra minn hekk, fl-ambitu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, qiegħed jaħdem biex tittejjeb il-kooperazzjoni tal-pulizija fuq l-istess livell mal-Kunsill.

L-istrument prinċipali għall-kooperazzjoni tal-pulizija huwa l-Europol, li huwa pilastru ċentrali tal-infrastruttura tas-sigurtà interna Ewropea usa'. Bħala parti mir-riforma tal-Europol, il-Parlament ippromwova attivament skrutinju parlamentari akbar u regoli aħjar dwar il-protezzjoni tad-data. Il-Parlament kien involut (skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja) fit-tisħiħ tal-mandat tal-Europol, wara l-proposta tal-Kummissjoni adottata fid-9 ta' Diċembru 2020. Il-mandat il-ġdid jippermetti lill-Europol tipproċessa settijiet kbar ta' data u tiżviluppa teknoloġiji ġodda li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi. Isaħħaħ ukoll il-qafas tal-protezzjoni tad-data tal-Europol u s-sorveljanza parlamentari. Ir-Regolament rivedut tal-Europol huwa mistenni jidħol fis-seħħ f'Ġunju 2022.

Matul diversi dibattiti dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-libertà tal-espressjoni, il-Parlament ikkundanna l-attakki terroristiċi fl-Ewropa u madwar id-dinja u appella għal unità u rispons robust. Talab ukoll għal sforzi addizzjonali biex jiġu promossi l-libertajiet fundamentali u rrefera għall-ħtieġa li jiġu indirizzati b'urġenza l-aspetti online tar-radikalizzazzjoni u d-diskors ta' mibegħda.

Fis-17 ta' Diċembru 2020, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà għall-perjodu 2020-2025, li ġiet proposta mill-Kummissjoni fl-24 ta' Lulju 2020. L-istrateġija tipproponi li fil-ħames snin li ġejjin jiġu żviluppati għodod u miżuri biex tiġi żgurata s-sigurtà fl-ambjent fiżiku u diġitali tagħna, inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, il-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' theddid ibridu, iż-żieda fir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika tagħna, il-promozzjoni taċ-ċibersigurtà u t-trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Fis-6 ta' Ottubru 2021, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA) fil-liġi kriminali u l-użu tagħha mill-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji f'materji kriminali. L-MEPs indikaw ir-riskju ta' preġudizzju algoritmiku fl-applikazzjonijiet tal-IA u enfasizzaw il-bżonn ta' superviżjoni min-naħa tal-bniedem biex tiġi evitata kwalunkwe diskriminazzjoni. Talbu wkoll moratorju fuq l-introduzzjoni ta' sistemi ta' rikonoxximent tal-wiċċ għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi.

Il-Parlament huwa involut fl-evalwazzjoni u l-iskrutinju ta' dawn li ġejjin, u qed jagħmel rieżami tal-proposti leġiżlattivi rilevanti:

— il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Aġenda kontra t-Terroriżmu għall-UE:Antiċipazzjoni, Prevenzjoni, Protezzjoni, Rispons", adottata fid-9 ta' Diċembru 2020;

— "I-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà", ippubblikata mill-Kummissjoni fis-16 ta' Diċembru 2020, li fiha hemm proposti regoli ġodda biex l-entitajiet kritiċi fiżiċi u diġitali jsiru aktar reżiljenti;

— "I-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025", ippreżentata mill-Kummissjoni fl-14 ta' April 2021.

— Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan direzzjonali tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata, adottata fit-18 ta' Ottubru 2023.

Biex tiżgura li l-infurzar tal-liġi fl-UE kollha jkun jista' jaħdem aħjar b'ġabra ta' regoli moderni, fit-8 ta' Diċembru 2021 il-Kummissjoni ppropponietkodiċi tal-UE għall-kooperazzjoni tal-pulizija, bl-iskop li tirrazzjonalizza t-taħlita attwali tad-diversi għodod tal-UE u ftehimiet ta' kooperazzjoni multilaterali. Il-miżuri proposti jinkludu rakkomandazzjoni dwar il-kooperazzjoni operattiva tal-pulizija, regoli ġodda dwar skambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri kollha u regoli riveduti dwar skambji ta' data awtomatizzati għall-kooperazzjoni tal-pulizija fl-ambitu tal-qafas "Prüm". Il-Parlament huwa involut fl-approvazzjoni tal-miżuri proposti.

Il-Parlament bħalissa qed iħejji rapporti u riżoluzzjonijiet dwar il-kwistjonijiet li ġejjin: il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, u l-protezzjoni tal-vittmi; il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika; vjolenza ċibernetika; l-abbuż sesswali tat-tfal online; iċ-ċiberkriminalità u ċ-ċibersigurtà; il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu; l-ordnijiet Ewropej ta' produzzjoni u preservazzjoni tal-evidenza elettronika f'materji kriminali; ir-riforma tad-direttiva dwar il-privatezza elettronika u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi; ir-reviżjoni tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen; id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-ħruġ tal-viżi; in-negozjati mal-Interpol; il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi; skambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija (Prüm II); il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri; l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali; it-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni vjolenti; software ta' spjunaġġ intruživ; u l-iskambju ta' informazzjoni u flussi ta' data mal-Istati Uniti.

Il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-politiki tas-sigurtà interna għadhom qed jiżviluppaw u l-attenzjoni hija ffukata fuq ġlieda aktar effikaċi kontra t-theddid u l-kriminalità fl-UE kollha u, partikolarment għall-Parlament, f'konformità mar-regoli dwar id-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad-data. Filwaqt li saret riforma totali tar-regoli li japplikaw għall-aġenziji għall-kooperazzjoni tal-pulizija tal-UE, xorta se jkun hemm bżonn sforzi konġunti biex ikomplu jissaħħu l-miżuri ta' kooperazzjoni tal-pulizija, partikolarment l-iskambju tad-data u l-evidenza bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, u bejn dawn l-awtoritajiet u l-aġenziji tal-UE. Il-Parlament ħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu t-titjib meħtieġ fl-istandardizzazzjoni teknika fir-rigward tal-kwalità tad-data u joħolqu qafas ġuridiku għal approċċ ta' "kondiviżjoni tal-informazzjoni b'mod awtomatiku" fil-futur. F'dan il-kuntest, l-UE se tkun trid tindirizza b'attenzjoni l-isfidi relatati ma' teknoloġiji ġodda, mal-intelliġenza artifiċjali, mal-kriptaġġ u mal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni għall-fruntieri, is-sigurtà u l-migrazzjoni.

Aktar ma jiżdiedu l-kompiti u jikbru l-aspettattivi, jeħtieġ jiġu żgurati riżorsi finanzjarji u umani adegwati għall-aġenziji tal-UE.

Il-Parlament huwa attur istituzzjonali esperjenzat fil-qasam tal-politiki tas-sigurtà interna u għandu jkollu rwol akbar fl-evalwazzjoni u d-definizzjoni tal-politiki tal-kooperazzjoni tal-pulizija.

Alessandro Davoli
10/2023

# 4.2.8. IL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI

Il-protezzjoni tad-data personali u r-rispett għall-ħajja privata huma drittijiet fundamentali Ewropej. Il-Parlament Ewropew dejjem insista fuq il-ħtieġa li jkun hemm bilanċ bejn it-tisħiħ tas-sigurtà u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Ir-regoli l-ġodda tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data li jsaħħu d-drittijiet taċ-ċittadini u jissimplifikaw ir-regoli għall-kumpaniji fl-era diġitali daħlu fis-seħħ f'Mejju 2018. Ir-riċerka mħejjija għall-Parlament Ewropew tindika li l-leġiżlazzjoni tal-UE relatata mar-regolamentazzjoni tal-flussi tad-data tikkontribwixxi EUR 51.6 biljun fis-sena għall-PDG fl-Unjoni Ewropea. Ir-riċerka mħejjija għall-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament Ewropew biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u software ekwivalenti ta' spjunaġġ għas-sorveljanza (il-Kumitat PEGA) tikkonferma l-importanza tal-protezzjoni tad-data għad-difiża tad-demokrazija u l-libertajiet individwali fl-UE.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

L-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

## L-OBJETTIVI

L-Unjoni jeħtiġilha tiżgura li d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data, li huwa minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, jiġi applikat b'mod konsistenti. Fid-dawl tat-tkabbir esponenzjali tal-volum ta' trasferimenti ta' data – fejn l-UE, l-Istati Uniti u l-Kanada jikkostitwixxu l-akbar sehem ta' dan it-tkabbir – il-pożizzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali jeħtieġ li tissaħħaħ fil-kuntest tal-politiki kollha tal-UE.

## IL-KISBIET

**A.** Il-qafas istituzzjonali

**1.** It-Trattat ta' Liżbona

Qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-protezzjoni tad-data fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (AFSJ) kienet maqsuma bejn l-ewwel pilastru (il-protezzjoni tad-data għal skopijiet privati u kummerċjali, bl-użu tal-metodu Komunitarju) u t-tielet pilastru (il-protezzjoni tad-data għal finijiet ta' infurzar tal-liġi, fil-livell intergovernattiv). Għaldaqstant, il-proċessi għat-teħid ta' deċiżjonijiet fiż-żewġ oqsma kienu jsegwu regoli differenti. L-istruttura tal-pilastri spiċċat bit-Trattat ta' Lisbona, li jipprovdi bażi aktar b'saħħitha għall-iżvilupp ta' sistema għall-protezzjoni tad-data aktar ċara u effikaċi filwaqt li, fl-istess ħin, jistipula setgħat ġodda għall-Parlament, li sar koleġiżlatur. L-Artikolu 16 tat-TFUE jipprevedi li l-Parlament u l-Kunsill jistabbilixxu regoli li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni, kif ukoll mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

**2.** Il-linji gwida strateġiċi fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

F'Diċembru 2009, b'segwitu għall-programmi ta' Tampere u ta' The Hague (ta' Ottubru 1999 u Novembru 2004, rispettivament), il-Kunsill Ewropew approva l-programm pluriennali rigward l-AFSJ għall-perjodu 2010-2014, magħruf bħala l-programm ta' Stokkolma. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2014, il-Kunsill Ewropew iddefinixxa l-linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operattiv għas-snin li ġejjin fl-AFSJ, skont l-Artikolu 68 tat-TFUE. Wieħed mill-objettivi ewlenin hu li titjieb il-protezzjoni tad-data personali fl-UE.

**B.** L-istrumenti leġiżlattivi prinċipali dwar il-protezzjoni tad-data

**1.** Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

L-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jirrikonoxxu r-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali bħala drittijiet fundamentali relatati ferm iżda distinti.

**2.** Il-Kunsill tal-Ewropa

**a.** Il-Konvenzjoni 108 tal-1981

Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 108 tat-28 ta' Jannar 1981 għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali kienet l-ewwel strument internazzjonali legalment vinkolanti li ġie adottat fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. L-iskop tagħha hu li jiġi żgurat, għal kull individwu, ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tiegħu u b'mod partikolari d-dritt tiegħu għall-privatezza, fir-rigward tal-ipproċessar awtomatiku ta' data personali. Il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni jfittex li jwessa' l-ambitu tagħha, iżid il-livell ta' protezzjoni tad-data u jtejjeb l-effikaċja tagħha.

**b.** Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB)

L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tal-4 ta' Novembru 1950 għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jistabbilixxi d-dritt ta' kulħadd għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja tiegħu, għal daru u għall-korrispondenza tiegħu.

**3.** Strumenti leġiżlattivi attwali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data

**a.** Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)

Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), sar applikabbli f'Mejju 2018. Ir-regoli għandhom l-għan li jipproteġu liċ-ċittadini kollha tal-UE minn ksur tal-privatezza u tad-data f'dinja dejjem aktar xprunata mid-data, filwaqt li joħolqu qafas aktar ċar u konsistenti għan-negozji. Id-drittijiet li jgawdu ċ-ċittadini jinkludu kunsens ċar u affermattiv biex id-data tagħhom tiġi pproċessata u d-dritt li jirċievu informazzjoni ċara u li tinftiehem dwarha; id-dritt li tkun minsi: ċittadin jista' jitlob li d-data tiegħu/tagħha titħassar; id-dritt li tittrasferixxi d-data lil fornitur ieħor tas-servizz (eż. meta wieħed jaqleb minn network soċjali għal ieħor); u d-dritt li tkun taf meta d-data tiegħek tkun ġiet iħħekkjata. Ir-regoli l-ġodda japplikaw għall-kumpaniji kollha li joperaw fl-UE, anke dawk ibbażati barra minnha. Barra minn hekk, jistgħu jiġu imposti miżuri korrettivi, bħal twissijiet u ordnijiet, jew multi fuq kumpaniji li

jiksru r-regoli. Fl-24 ta’ Ġunju 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rapport dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami tar-regolament[1].

**b.** Id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data

Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta’ reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta’ pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, saret applikabbli f’Mejju 2018. Id-direttiva tipproteġi d-dritt fundamentali taċ-ċittadini għall-protezzjoni tad-data kull meta d-data personali tintuża mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Hija tiżgura li d-data personali tal-vittmi, ix-xhieda u l-persuni suspettati kriminali jkunu protetti kif dovut u tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera fil-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu. Fil-25 ta’ Lulju 2022, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat tard ir-rapport tagħha dwar l-applikazzjoni u l-funzjonament tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi. Dan kien segwit minn studju ta’ evalwazzjoni kkummissjonat mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) li kien fih valutazzjoni kritika tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi[2].

**c.** Id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika

Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) kienet immodifikata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-25 ta’ Novembru 2009. Din tqajjem il-kwistjoni delikata taż-żamma tad-data, li tressqet ripetutament quddiem il-QĠUE u wasslet għal sensiela ta’ deċiżjonijiet, l-aktar reċenti fl-2020, li ddikjaraw li l-liġi tal-UE tipprekludi ż-żamma ġenerali u indiskriminata tad-data dwar it-traffiku u l-lokalizzazzjoni.

Il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-2017 dwar ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni ta’ data personali fil-komunikazzjoni elettronika u li jħassar id-Direttiva 2002/58/KE (regolament dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) għada qed tiġi diskussa fit-tul. L-esperti tal-Parlament Ewropew indikaw li l-Parlament għandu jirreżisti t-tentattivi tal-Kunsill li jeskludi l-applikabbiltà tal-prinċipji Ewropej tal-protezzjoni tad-data[3].

**d.** Ir-Regolament dwar l-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni

Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-

[1]Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta’ Ġunju 2020 bit-titolu “Il-protezzjoni tad-data bħala pilastru tal-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini u tal-approċċ tal-UE għat-tranżizzjoni diġitali – sentejn ta’ applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data” (SWD (2020)0115).
[2]Vogiatzoglou, P. et al., Assessment of the implementation of the Law Enforcement Directive (Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi), Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, 7 ta’ Diċembru 2022.
[3]Sartor, G. Et al., The impact of Pegasus on fundamental rights and democratic processes (L-impatt ta’ Pegasus fuq id-drittijiet fundamentali u l-proċessi demokratiċi), Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, Jannar 2023, pp. 56-57.

moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE daħal fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2018.

**e.** Artikoli dwar il-protezzjoni tad-data f'atti leġiżlattivi speċifiċi għas-settur

Minbarra l-atti leġiżlattivi ewlenin dwar il-protezzjoni tad-data msemmija hawn fuq, dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data huma stabbiliti wkoll f'atti leġiżlattivi speċifiċi għas-settur, bħal:

— l-Artikolu 13 (dwar il-protezzjoni tad-data personali) tad-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja;

— L-Artikolu 6 (dwar l-ipproċessar tad-data) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu ta' trasportaturi li jikkomunikaw data dwar il-passiġġieri (API);

— fit-13 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti leġiżlattivi dwar il-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API li se jissostitwixxu d-Direttiva dwar l-API[4];

— Il-Kapitolu VI (dwar is-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data) tar-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol);

— Il-Kapitolu VIII (dwar il-protezzjoni tad-data) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE").

**4.** L-arranġamenti internazzjonali ewlenin tal-UE dwar it-trasferimenti tad-data

**a.** Trasferimenti ta' data kummerċjali: deċiżjonijiet ta' adegwatezza

Skont l-Artikolu 45 tal-GDPR, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tiddetermina jekk pajjiż barra mill-UE joffrix livell adegwat ta' protezzjoni tad-data, li jkun abbażi tal-leġiżlazzjoni domestika tiegħu jew tal-impenji internazzjonali li jkun daħal għalihom.

Filwaqt li t-trasferimenti tad-data bejn l-UE u l-Amerika ta' Fuq żdiedu b'mod esponenzjali, fejn l-Istati Uniti jiddominaw fis-setturi tar-reklamar u s-sorveljanza[5] online privati, il-Parlament adotta bosta riżoluzzjonijiet li jqajmu tħassib dwar il-flussi transatlantiċi tad-data. B'mod partikolari, huwa jqis li t-Tarka tal-Privatezza UE-U.S.ma tipprovdix il-livell adegwat ta' protezzjoni meħtieġ mil-liġi tal-UE, filwaqt li l-QĠUE ripetutament invalidat id-deċiżjonijiet ta' adegwatezza tal-Kummissjoni Ewropea li jikkonċernaw l-Istati Uniti (ara s-sentenzi tagħha tal-2015 dwar il-Port Salv fil-kawża Schrems u tal-2020 dwar it-Tarka tal-Privatezza UE-Stati Uniti fil-kawża Schrems II).

Minkejja nuqqas ta' riforma tar-reġim tal-protezzjoni tad-data fl-Istati Uniti, il-Kummissjoni Ewropea laħqet ftehim ieħor mal-Istati Uniti u ppreżentat proposta għal Qafas ieħor ta' Privatezza tad-Data bejn l-UE u l-Istati Uniti. Wara t-tressiq tal-mozzjoni tal-Kumitat LIBE fil-11 ta' Mejju 2023, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni mogħtija permezz tal-Qafas tal-Privatezza tad-Data UE-

[4]Vavoula, N. et al., Advance Passenger Information (API) – *An analysis of the European Commission's proposals to reform the API legal framework* (Informazzjoni bil-quddiem dwar il-Passiġġieri (API) - Analiżi tal-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għar-riforma tal-qafas legali tal-API), Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, 8 ta' Ġunju 2023.
[5]Maciejewski, Metaverse, Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, 26 ta' Ġunju 2023.

Stati Uniti, li tikkonkludi li l-Qafas tal-Privatezza tad-Data UE-Stati Uniti jonqos milli joħloq ekwivalenza essenzjali fil-livell ta' protezzjoni u tistieden lill-Kummissjoni tkompli bin-negozjati mal-kontropartijiet tagħha tal-Istati Uniti iżda żżomm lura milli tadotta l-konstatazzjoni tal-adegwatezza sakemm ir-rakkomandazzjonijiet kollha magħmula fir-riżoluzzjoni tal-Parlament u l-opinjoni tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (BEPD) jiġu implimentati bis-sħiħ.

Il-Kummissjoni adottat it-tielet Qafas ta' Privatezza tad-Data bejn l-UE u l-Istati Uniti fl-10 ta' Lulju 2023. .

**b.** Ftehim Komprensiv UE-Stati Uniti

Fil-qafas tal-proċedura ta' approvazzjoni, il-Parlament kien involut fl-approvazzjoni tal-ftehim bejn l-Istati Uniti u l-UE dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni personali relatata mal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, magħruf ukoll bħala l-"Ftehim Komprensiv". L-għan ta' dan il-ftehim hu li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ta' informazzjoni personali li tiġi trasferita fil-qafas tal-kooperazzjoni Trans-Atlantika għal finijiet ta' infurzar tal-liġi, pereżempju fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.

**c.** Ftehimiet UE-Stati Uniti, UE-Awstralja u UE-Kanada dwar ir-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR)

L-UE ffirmat ftehimiet bilaterali dwar ir-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) mal-Istati Uniti, l-Awstralja u l-Kanada. Id-data tal-PNR tinkludi informazzjoni pprovduta mill-passiġġieri meta jibbukkjaw jew jirreġistraw għal titjiriet u data miġbura mit-trasportaturi tal-ajru għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Id-data tal-PNR tista' tintuża mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu.

**d.** Il-Programm UE-Stati Uniti dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP)

L-UE ffirmat ftehim bilaterali mal-Istati Uniti dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data dwar messaġġi finanzjarji mill-UE għall-Istati Uniti għall-finijiet tal-programm dwar ir-rintraċċar tal-finanzjament tat-terroriżmu.

**5.** L-indirizzar ta' aspetti tal-protezzjoni tad-data f'riżoluzzjonijiet speċifiċi għas-settur

Diversi riżoluzzjonijiet tal-Parlament dwar oqsma ta' politika differenti jindirizzaw ukoll il-protezzjoni tad-data personali sabiex tiġi żgurata konsistenza mal-liġi ġenerali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u l-protezzjoni tal-privatezza f'dawk is-setturi speċifiċi.

**6.** L-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data tal-UE

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) huwa awtorità ta' superviżjoni indipendenti li tiżgura li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-protezzjoni tad-data. Id-dmirijiet ewlenin tal-KEPD huma s-superviżjoni, il-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni.

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (BEPD), preċedentement "il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29", għandu l-istatus ta' korp tal-UE b'personalità ġuridika u huwa pprovdut b'segretarjat indipendenti. Il-BEPD jgħaqqad flimkien l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-UE, il-KEPD u l-Kummissjoni. Il-BEPD għandu setgħat estensivi biex jiddetermina tilwim bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u jagħti parir u jservi ta' gwida dwar kunċetti ewlenin tal-GDPR u d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament kellu rwol ewlieni fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali billi għamel il-protezzjoni tal-privatezza prijorità politika. Barra minn hekk, skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, qed jaħdem fuq ir-riforma tal-protezzjoni tad-data fuq bażi ugwali mal-Kunsill. Fl-2017 ikkonkluda wkoll il-ħidma tiegħu dwar l-aħħar ħolqa sinifikanti fil-katina, ir-regolament il-ġdid dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi, u qed jistenna b'ħerqa kbira biex finalment il-Kunsill jikkonkludi l-ħidma tiegħu sabiex jibda n-negozjati interistituzzjonali.

F'diversi riżoluzzjonijiet, il-Parlament esprima dubji dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni mogħtija liċ-ċittadini tal-UE skont il-Qafas tal-Isfera ta' Sikurezza bejn l-UE u l-Istati Uniti u, sussegwentement, it-"Tarka tal-Privatezza" bejn l-UE u l-Istati Uniti. Wara li l-kawża Schrems II wasslet għall-invalidazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (UE) 2016/1250 dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni mogħtija mill-ftehim "Tarka tal-Privatezza" bejn l-UE u l-Istati Uniti, abbażi tat-tħassib li s-setgħat ta' sorveljanza tal-Gvern tal-Istati Uniti ma kinux limitati, kif meħtieġ mil-liġi tal-UE, u li ċ-ċittadini tal-UE ma kellhomx mezzi effettivi ta' rimedju, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li fiha ddeplora l-fatt li l-Kummissjoni kienet poġġiet ir-relazzjonijiet mal-Istati Uniti qabel l-interessi taċ-ċittadini tal-UE[6].

Wara t-tressiq tal-mozzjoni tal-Kumitat LIBE fil-11 ta' Mejju 2023, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni mogħtija mill-Qafas tal-Privatezza tad-Data UE-Stati Uniti, li tikkonkludi li l-Qafas tal-Privatezza tad-Data UE-Stati Uniti jonqos milli joħloq ekwivalenza essenzjali fil-livell ta' protezzjoni u tistieden lill-Kummissjoni tkompli bin-negozjati mal-kontropartijiet tagħha tal-Istati Uniti iżda żżomm lura milli tadotta l-konstatazzjoni tal-adegwatezza sakemm ir-rakkomandazzjonijiet kollha magħmula fir-riżoluzzjoni u l-opinjoni tal-BEPD jiġu implimentati bis-sħiħ. Il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni fuq il-Qafas ta' Privatezza tad-Data bejn l-UE u l-Istati Uniti fl-10 ta' Lulju 2023.

Il-Parlament waqqaf kumitat ta' inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti fl-Istati Membri tal-UE (PEGA). il-Kumitat PEGA, li huwa ppresedut mill-MP Ewropew Jeroen Lenaers, investiga bir-reqqa l-prattiki tal-użu ta' software ta' spjunaġġ biex jiġu investigati membri tal-oppożizzjoni, ġurnalisti, avukati u attivisti tas-soċjetà ċivili, kif ukoll kif tali prattiki jaffettwaw il-proċessi demokratiċi u d-drittijiet individwali fl-UE. Matul l-inkjesta tiegħu, il-Kumitat PEGA kkonsulta ma' akkademiċi ewlenin, prattikanti u awtoritajiet ewlenin fl-UE u madwar id-dinja. Id-Dipartiment Tematiku tal-Parlament ħejja rapporti għall-missjonijiet tal-PEGA fil-Polonja, fil-Greċja u f'Ċipru. Il-Kumitat PEGA vvota fit-8 ta' Mejju 2023 biex japprova r-rapport finali kritiku ħafna tiegħu b'rakkomandazzjonijiet dwar l-investigazzjoni tal-allegati kontravenzjonijiet u amministrazzjoni ħażina fl-applikazzjoni tal-liġi tal-UE fir-rigward tal-użu ta' Pegasus u software ekwivalenti ta' spjunaġġ għas-sorveljanza, u jinkludi, fost ħafna punti oħra, rakkomandazzjoni biex jitwaqqaf EU Tech Lab għar-riċerka u l-monitoraġġ tal-użu ta' software ta' spjunaġġ kontra ċ-ċittadini tal-UE. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni wara r-rapport ta' PEGA ġiet adottata mill-plenarja tiegħu fil-15 ta' Ġunju 2023. Madankollu, il-Kummissjoni

[6]Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2021 dwar is-sentenza tal-QĠUE tas-16 ta' Lulju 2020 – Data Protection Commissioner vs Facebook Ireland Limited u Maximillian Schrems ("Schrems II") - Kawża C-311/18, il-paragrafu 28.

ma pprovdietx rispons f'waqtu għar-rakkomandazzjoni u mblukkat il-proġett pilota tal-Laboratorju tat-Teknoloġija tal-UE propost mill-Membri tal-PE.

Il-Parlament ikkummissjona wkoll għadd ta' studji ta' riċerka sabiex ikollu bażi xjentifika għall-attivitajiet leġiżlattivi tiegħu, fuq quddiem tal-iżviluppi teknoloġiċi u tal-protezzjoni tad-data, inkluż studju dwar l-impatt tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) fuq l-intelliġenza artifiċjali, studju fuq "Biometric Recognition and Behavioural Detection " (Ir-Rikonoxximent Bijometriku u d-Detezzjoni tal-Imġiba kif ukoll studju dwar il-Metaverse.

Din l-iskeda informattiva tħejjiet mid-Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali tal-Parlament Ewropew.

Mariusz Maciejewski
11/2023